Il-Kummissjoni Ewropea

# Il-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol

*Gwida għall-implimentazzjoni ta' approċċ komprensiv*

*Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni*

Novembru 2014

Awturi:

Richard Wynne, Ċentru ta' Riċerka dwar ix-Xogħol
Véronique De Broeck, Karla Vandenbroek, Prevent
Stavroula Leka, Aditya Jain, L-Università ta' Nottingham
Irene Houtman, TNO
David McDaid, Ah-La Park, LSE

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-79-66311-6 | doi:10.2767/120717 | KE-04-17-232-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-79-66333-8 | doi:10.2767/238017 | KE-04-17-232-MT-N |

© L-Unjoni Ewropea, 2017
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

# Werrej

Glossarju ta' termini . . . 3

1. Għanijiet tad-dokument ta' gwida . . . 5

2. Struttura tal-gwida . . . 7

3. L-importanza tas-saħħa mentali fuq ix-xogħol . . . 8
   - X'inhuma s-saħħa u l-benesseri mentali . . . 8
   - Riskji għas-saħħa u l-benesseri mentali . . . 9
   - L-impatti tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol . . . 11
   - Ir-rabtiet bejn is-saħħa fiżika u dik mentali . . . 14
   - Ir-raġuni għala l-impjegaturi għandhom jimmaniġġjaw is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol . . . 15

4. Il-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE dwar l-OSH u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol . . . 17
   - Id-Direttiva Qafas u s-saħħa mentali . . . 17
   - Strumenti oħra ta' politika . . . 18
     - Politiki Regolatorji tal-UE . . . 18
     - Inizjattivi ta' politika . . . 18
     - Politiki nazzjonali . . . 19

5. Valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa mentali . . . 20
   - Liema huma l-perikli psikosoċjali ewlenin fuq il-post tax-xogħol? . . . 20
   - Il-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa mentali . . . 21
   - It-tipi u l-effikaċja tal-interventi . . . 22

6. Linji gwida dwar il-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol . . . 25
   - Approċċ komuni . . . 25
   - Politika u infrastruttura . . . 27
     - Il-politika dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol . . . 28
     - Il-politika dwar il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol . . . 28
     - Politika dwar ir-riabilitazzjoni u r-ritorn lura għax-xogħol . . . 29
   - Ġbir u analiżi ta' informazzjoni . . . 30
   - It-tfassil ta' interventi . . . 32
   - Eżiti komuni . . . 33
   - X'inhuma l-obbligi ta' min iħaddem? . . . 34
     - Min iħaddem u l-ġestjoni tar-riskju . . . 34
     - Ir-rwol tal-impjegati . . . 34

7. Gwida eżistenti . . . 36
   - Gwida dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali . . . 36
   - Gwida dwar is-saħħa u s-sigurtà . . . 37
   - Gwida għar-ritorn lura għax-xogħol . . . 38

8. Studji nazzjonali ta' każijiet ta' politiki li jappoġġjaw is-Saħħa Mentali fuq il-post tax-xogħol .............40
Il-Belġju: Il-prevenzjoni ta' tagħbija psikosoċjali kkawżata mix-xogħol .............40
Ir-Renju Unit: Standards ta' Ġestjoni għal stress relatat max-xogħol.............41
L-Italja: Standards għall-Ġestjoni tas-Saħħa u tas-Sigurtà .............42
L-Iskozja: L-inzjattivi "Towards a Mentally Flourishing Scotland" u "Health Works".............43
In-Norveġja: Pjan Strateġiku Nazzjonali għax-Xogħol u s-Saħħa Mentali.............44
Id-Danimarka: Inizjattiva għat-titjib tal-ispezzjoni ta' fatturi psikosoċjali .............45
In-Netherlands: Patti dwar ix-Xogħol u s-Saħħa.............46
Il-Finlandja: Ftehim Qafas biex Jiġu Żgurati l-Kompetittività u l-Impjiegi.............47
Il-Ġermanja: PsyGA — Is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol .............48

Anness 1: Strumenti regolatorji fil-livell Ewropew .............50

Anness 2: Inizjattivi ta' politika mhux vinkolanti .............58

## Glossarju ta' termini

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| **Analiżi tar-riskju** | L-użu sistematiku ta' informazzjoni għall-identifikazzjoni tal-perikli u għall-istima tar-riskju. |
| **Avveniment kritiku (individwali)** | Avveniment jew serje ta' avvenimenti li għandhom impatt stressanti biżżejjed biex jisbqu l-ħiliet normalment effettivi ta' individwu jew ta' grupp biex jiffaċċja sitwazzjoni diffiċli. |
| **Avveniment kritiku (organizzazzjoni)** | Avveniment jew serje ta' avvenimenti li jfixklu l-fluss normali ta' attivitajiet tal-organizzazzjoni b'tali mod li jaffettwaw is-saħħa psikoloġika u s-sigurtà. |
| **Evalwazzjoni tar-riskju** | Il-proċess ta' tqabbil tar-riskju stmat ma' kriterji ta' riskju mogħtija biex tiġi determinata s-sinifikanza tar-riskju. |
| **Fastidju (bullying, fastidju morali) fuq il-post tax-xogħol** | Il-fastidju, l-insult, l-esklużjoni soċjali ta' persuna jew azzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv il-ħidma ta' persuna fuq il-post tax-xogħol; l-attività negattiva tkun ripetuta u regolari u ddum għaddejja fuq perjodu ta' żmien. |
| **Fattur psikosoċjali** | Interazzjoni bejn il-kontenut tal-impjieg, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tax-xogħol, u kundizzjonijiet ambjentali u organizzazzjonali oħra, u l-kompetenzi u l-ħtiġijiet tal-impjegati. |
| **Ġestjoni tal-każ** | Il-proċess tal-ġestjoni attiva tal-assenza ta' impjegat individwali minħabba mard. |
| **Ħsara** | Effetti negattivi sussegwenti u relatati fuq is-saħħa tal-impjegat(i) wara esponiment għal perikli fuq il-post tax-xogħol. |
| **Il-ġestjoni tad-diżabilità** | Il-Ġestjoni tad-Diżabilità tintuża mill-impjegatur biex jgħin lill-impjegati li ma jistgħux jaħdmu minħabba korriment jew mard.<br>L-għan tal-ĠD huwa għall-benefiċċju tal-impjegatur sabiex impjegati b'esperjenza u mħarrġa jirritornaw lura għax-xogħol malajr. |
| **Il-promozzjoni tas-saħħa** | Il-proċess li jippermetti lill-persuni biex iżidu l-kontroll fuq saħħithom kif ukoll itejbuha. |
| **Il-promozzjoni tas-saħħa mentali** | Il-promozzjoni tas-saħħa tiġġenera kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol li huma sikuri, stimolanti, sodisfaċenti u pjaċevoli |
| **Intervent primarju** | Tentattiv biex jiġi evitat it-tfaċċar ta' effetti jew ta' fenomeni li jagħmlu l-ħsara. Interventi fi stadju primarju huma ta' natura proattiva u jittrattaw il-ħolqien ta' fehim fl-organizzazzjoni. |
| **Intervent sekondarju** | Intervent li l-għan tiegħu huwa li jittieħdu passi sabiex titjieb il-perċezzjoni jew sabiex jiżdiedu r-riżorsi individwali ta' gruppi li jistgħu jkunu f'riskju ta' esponiment. Il-fokus ta' dawn l-azzjonijiet huwa fuq il-provvista ta' edukazzjoni u taħriġ. |
| **Intervent terzjarju** | Intervent li l-għan tiegħu huwa li jitnaqqsu l-impatti negattivi u li titfejjaq il-ħsara. Interventi terzjarji huma ta' natura riabilitattiva. |
| **Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OH&S)** | Kundizzjonijiet u fatturi li jaffettwaw, jew li jistgħu jaffettwaw, is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati jew ta' ħaddiema oħra (inklużi l-ħaddiema temporanji), tal-viżitaturi jew ta' kwalunkwe persuna oħra fuq il-post tax-xogħol. Organizzazzjonijiet jistgħu jkunu soġġetti għal rekwiżiti legali għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni lil hinn mill-post tax-xogħol immedjat jew li huma esposti għall-attivitajiet fuq il-post tax-xogħol. |
| **Kriterji tar-riskju** | Termini ta' referenza li permezz tagħhom tiġi vvalutata s-sinifikanza ta' riskju. |
| **Kultura korporattiva** | Mudell ta' suppożizzjonijiet bażiċi vvintati, skoperti, jew żviluppati minn grupp partikolari li huma taħlita ta' valuri, twemmin, tifsiriet, u aspettattivi li l-membri ta' grupp jikkondividu u jużaw bħala sinjali ta' mġiba u biex isolvu l-problemi. |
| **Periklu** | Sors, sitwazzjoni jew azzjoni, li għandha l-potenzjal li tagħmel il-ħsara lill-bniedem f'termini ta' korriment jew mard, jew kombinazzjoni tagħhom. |
| **Periklu psikosoċjali** | Elementi tad-disinn u tal-ġestjoni tax-xogħol u l-kuntesti soċjali u organizzazzjonali tiegħu li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw ħsara psikoloġika jew fiżika. |

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| **Post tax-xogħol ħieles mill-perikli għas-saħħa psikoloġika u sigur** | Post tax-xogħol li jippromwovi l-benesseri psikoloġiku tal-ħaddiema u li jaħdem b'mod attiv sabiex tiġi evitata ħsara lis-saħħa psikoloġika tal-ħaddiema fosthom b'modi negliġenti, traskurati, jew intenzjonali. |
| **Riabilitazzjoni** | Proċess li l-għan tiegħu huwa li jgħin lill-persuni jilħqu u jżommu l-livelli fiżiċi, sensorjali, intellettwali, psikoloġiċi u ta' funzjonament soċjali ottimali tagħhom. |
| **Riskju** | Kombinazzjoni tal-probabbiltà ta' okkorrenza ta' avveniment jew esponiment(i) perikoluż(i) għall-perikli u l-gravità tal-korrimenti jew tal-mard li jista' jiġi kkawżat mill-avveniment jew mill-esponiment(i). |
| **Riskju psikosoċjali** | Il-probabbiltà li fatturi psikosoċjali jkollhom influwenza perikoluża fuq is-saħħa tal-impjegati minħabba l-perċezzjonijiet u l-esperjenza tagħhom u s-severità tal-mard li jista' jiġi kkawżat minn esponiment għalihom. |
| **Ritorn lura għax-xogħol** | L-immaniġġjar tal-aspetti kollha li jirrigwardaw ir-ritorn lejn ix-xogħol wara mard. |
| **Saħħa** | Stat ta' benesseri fiżiku, soċjali, u mentali totali, u mhux sempliċiment in-nuqqas ta' mard jew infermità. |
| **Saħħa mentali** | Stat ta' benesseri li fih l-individwu jilħaq il-kapaċitajiet tiegħu, ikun kapaċi jiffaċċja stress normali fil-ħajja, jista' jaħdem b'mod produttiv, u kapaċi jikkontribwixxi fil-komunità tiegħu. |
| **Sistema ta' ġestjoni tal-OH&S** | Parti mis-sistema ta' ġestjoni ta' organizzazzjoni li tintuża għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-politika tagħha dwar l-OH&S u għall-ġestjoni tar-riskji tagħha dwar l-OH&S. Sistema ta' ġestjoni hija sett ta' elementi interrelatati użat għat-tfassil tal-politika u tal-objettivi, u għall-kisba ta' dawk l-objettivi; tinkludi l-istruttura tal-organizzazzjoni, l-attivitajiet ta' ppjanar (inklużi, pereżempju, il-valutazzjoni tar-riskju u t-twaqqif ta' objettivi), ir-responsabbiltajiet, il-prattiki, il-proċeduri, il-proċessi u r-riżorsi. |
| **Stress relatat max-xogħol** | Mudell ta' reazzjonijiet emozzjonali, konjittivi, komportamentali u fiżjoloġiċi għall-aspetti negattivi u noċivi tal-kontenut tax-xogħol, tal-organizzazzjoni tax-xogħol u tal-ambjent tax-xogħol. |
| **Valutazzjoni tar-riskju** | Eżami sistematiku tal-ħidma mwettqa biex jiġi eżaminat x'jikkawża korrimenti jew ħsara, jekk il-perikli jistgħux jiġu eliminati u, jekk le, liema miżuri preventivi jew protettivi qegħdin fis-seħħ, jew għandhom ikunu fis-seħħ, biex jiġu kkontrollati r-riskji. |

# 1. Għanijiet tad-dokument ta' gwida

Il-partijiet ikkonċernati tal-postijiet tax-xogħol Ewropej qegħdin dejjem aktar jagħrfu li s-saħħa u l-benesseri mentali tal-ħaddiema Ewropej huma kwistjoni importanti għalihom:

- Għall-impjegatur, qiegħed isir dejjem aktar ċar li hemm spejjeż involuti — dawn jistgħu jiġu espressi f'termini ta' assenteiżmu, preżenteiżmu u produttività mitlufa. Barra minn hekk, hemm kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mod kif jiġu trattati s-saħħa u l-benesseri mentali — kif jista' jitnaqqas ir-riskju, kif jistgħu jiġu promossi s-saħħa u l-benesseri mentali, kif jistgħu jiġu mmaniġġjati l-proċessi għar-ritorn lura għax-xogħol u kif għandhom jiġu mmaniġġjati l-proċessi ta' reklutaġġ għal persuni bi problemi ta' saħħa mentali.

- Għall-impjegati, hemm anke spejjeż f'termini ta' kura tas-saħħa, telf ta' pagi u l-impatti soċjali u fuq is-saħħa ta' kollass mentali. Barra minn hekk, hemm kwistjonijiet li jittrattaw l-istigma, il-fejqan u r-reintegrazzjoni fl-impjieg li għandhom sinifikat speċjali fil-każ ta' kollass mentali.

- Il-professjonisti wkoll jintlaqtu minn dawn il-kwistjonijiet — minn professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa, sa professjonisti fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol sa professjonisti fil-qasam tar-riżorsi umani u oħrajn — kwistjonijiet ta' saħħa mentali joħolqu sfidi partikolari għall-prattika tagħhom li huwa rarament il-każ fi kwistjonijiet ta' saħħa fiżika. Proċessi li jikkonċernaw taboos, nuqqas ta' sensibilizzazzjoni, diskriminazzjoni u stigma joperaw b'modi li huma ħafna aktar sinifikanti għal kwistjonijiet ta' saħħa mentali milli għas-saħħa fiżika.

- Hemm spejjeż għas-soċjetà inġenerali — is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-assigurazzjoni soċjali jġarrbu spejjeż finanzjarji sostanzjali filwaqt li anke l-individwi, il-familji u l-komunitajiet iġarrbu spejjeż soċjali u marbuta mas-saħħa.

L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet kollha għal kull parti ikkonċernata mhuwiex l-ambitu ta' dan id-Dokument ta' Gwida. Madankollu, jintroduċi u jipprovdi gwida għall-impjegatur, għall-impjegati u għall-partijiet interessati oħra dwar il-ġestjoni ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi gwida ta' livell għoli dwar il-kwistjoni li tista' tintuża biex tiddeterieġi l-politika u l-prattika fuq il-post tax-xogħol. Fl-istess ħin id-dokument għandu l-għan li jiddeterieġi lill-qarrejja għall-isfond politiku fil-livell tal-UE fil-qasam. Fl-aħħar nett, id-dokument għandu l-għan li jiddeskrivi u jipprovdi aċċess għal uħud mis-sejbiet ta' riċerka li jirfdu l-gwida.

Fundamentalment, dan id-Dokument ta' Gwida għandu l-għan li jkun ta' valur prattiku għall-partijiet ikkonċernati **kollha** fil-qasam (impjegaturi, trade unions, dawk li jfasslu politika jew professjonisti). Għalhekk jassumi approċċ prattiku, u jiffoka fuq il-provvista ta' qafas integrat għall-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol kif ukoll jipprovdi eżempji tal-aħjar prattiki.

Il-Gwida tirrikonoxxi li hemm għadd kbir ta' dokumenti oħra ta' gwida fil-qasam u fejn xieraq tislet minnhom. Madankollu, l-element uniku tal-Gwida attwali huwa li din ġejja minn perspettiva olistika — minflok tiffoka fuq kwistjonijiet uniċi, tfittex li tittratta l-aspetti kollha tal-kwistjoni tas-saħħa u l-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk tiġbor flimkien materjal mill-oqsma tas-saħħa u s-sigurtà, il-promozzjoni tas-saħħa, ir-reintegrazzjoni u r-reklutaġġ sabiex tipprovdi sett komprensiv ta' proċeduri għall-immaniġġjar tal-aspetti kollha tas-saħħa u tal-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol.

Il-Gwida hija **bbażata fuq id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol. Din id-Direttiva (magħrufa bħala d-Direttiva Qafas) hija l-ewwel inizjattiva leġiżlattiva tal-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà u tippreżenta approċċ globali dwar il-mod kif għandhom jiġu ġestiti s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post ix-xogħol. Hemm Direttivi u politiki oħra[1] li huma rilevanti wkoll (koperti fil-Kapitolu 4).** Il-Gwida hija

[1] Ara l-Annessi 1 u 2 għal dettalji dwar dawn l-istrumenti

bbażata wkoll fuq l-aħjar prattika fl-oqsma tal-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol u dwar iż-żamma tal-impjiegi u r-ritorn lura għax-xogħol.

L-għanijiet speċifiċi tal-Gwida huma:

- Li tqiegħed il-ġestjoni ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol (il-prevenzjoni, il-promozzjoni u r-ritorn lura għax-xogħol) fil-kuntest tad-Direttiva Qafas u ta' leġiżlazzjoni u l-aħjar prattiki relatati fil-qasam
- Li trawwem sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-ġestjoni tas-saħħa u tal-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol
- Li tipprovdi ħarsa ġenerali tal-proċeduri neċessarji dwar il-ġestjoni tal-kwistjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol għal min iħaddem, għat-trade unions, għall-impjegati, għal dawk li jfasslu l-politika u għall-prattikanti
- Li tipprovdi eżempji prattiċi ta' kif dan jista' jsir permezz ta' studji ta' każijiet
- Li tipprovdi referenza għal sorsi oħra rilevanti ta' gwida, ta' riċerka u ta' informazzjoni dwar il-politika

## 2. Struttura tal-gwida

Id-dokument ta' Gwida huwa maqsum f'għadd ta' kapitoli li jservu funzjonijiet fundamentalment differenti:

- **Kapitolu 3: L-importanza tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol** — jiddeskrivi l-argumenti prinċipali għall-promozzjoni u għall-ġestjoni proattiva tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Jipprovdi wkoll informazzjoni ta' sfond dwar il-kwistjoni fir-rigward tal-ispejjeż u tal-impatti u dwar ir-raġunijiet marbuta mas-saħħa u n-negozju, biex tittieħed azzjoni.

- **Kapitolu 4: Il-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE dwar l-OSH u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol** — jiddeskrivi l-mod kif id-Direttiva Qafas hija konsistenti mal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni ta' ħsara lis-saħħa u l-benesseri mentali, u kif hija rilevanti għalihom. Jipprovdi wkoll deskrizzjoni qasira u referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali fil-qasam. Ikopri kemm approċċi riġidi (regolatorji) kif ukoll flessibbli (volontarji) lejn il-politika fir-rigward tal-kwistjonijiet ikkonċernati eż. leġiżlazzjoni, ftehimiet qafas.

- **Kapitolu 5: Valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa mentali** — jipprovdi dettalji dwar il-valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa mentali. Jiddeskrivi wkoll ir-riskji psikosoċjali prinċipali għas-saħħa u l-benesseri mentali u t-tipi ta' interventi li jistgħu jsiru sabiex jiġu mmaniġġjati dawk ir-riskji.

- **Kapitolu 6: Linji gwida dwar il-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol** -jipprovdi gwida dwar approċċ komprensiv għall-ġestjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol billi jislet mit-tliet perspettivi ewlenin tas-saħħa u s-sigurtà, il-promozzjoni tas-saħħa, u r-ritorn lura għax-xogħol. Dan il-kapitolu jassumi approċċ komuni, fejn jiġbor informazzjoni dwar ir-riskji fuq il-post tax-xogħol, il-ħtiġijiet marbuta mas-saħħa mentali, u dwar ir-ritorn lura għax-xogħol. Din l-informazzjoni mbagħad tintuża bħala l-bażi għall-ġenerazzjoni ta' interventi. Il-gwida offruta tirrigwarda dawn iż-żewġ fażijiet ta' attività.

- **Kapitolu 7: Referenza għal gwida eżistenti** — jiddeskrivi fil-qosor uħud mill-gwidi ewlenin li diġà jeżistu fil-qasam. Dawn ġeneralment jirrigwardaw inizjattivi u linji gwida nazzjonali jew transnazzjonali ewlenin fil-qasam tal-istress fuq il-post tax-xogħol bħal dawk mill-EU-OSHA, il-Gwida tal-Istituzzjoni Brittanika tal-Istandards (British Standards Institution Guidance) dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, u l-istandard Kanadiż riċenti dwar is-saħħa u s-sigurtà psikoloġika fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, inizjattivi mill-ENWHP dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, il-prattiki għar-ritorn lejn ix-xogħol huma rilevanti, bħalma hi l-gwida PRIMA-EF dwar l-iżvilupp ta' Qafas Ewropew għall-Ġestjoni tar-Riskju Psikosoċjali. Dawn l-inizjattivi ntgħażlu minħabba l-applikazzjoni wiesgħa tagħhom, ġew żviluppati fil-livell Ewropew, jew minħabba li jirrappreżentaw approċċi ġodda u promettenti għall-kwistjonijiet.

- **Kapitolu 8: Studji ta' Każijiet** — jipprovdi siltiet minn firxa ta' studji ta' każijiet li juru kif il-linji gwida dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol jistgħu jitpoġġew fil-prattika. Dawn jinkludu studji ta' każijiet dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali, l-immaniġġjar tal-istress fuq il-post tax-xogħol, u l-ġestjoni tar-ritorn lura għax-xogħol. Huma maħsuba biex jappoġġjaw il-linji gwida ppreżentati fil-Kapitoli 5 u 6.

# 3. L-importanza tas-saħħa mentali fuq ix-xogħol

## X'inhuma s-saħħa u l-benesseri mentali

L-aktar **definizzjoni ta' saħħa** magħrufa disponibbli hija dik tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) (1946[2]):

> *"Is-saħħa hija stat ta' benesseri fiżiku, soċjali, u mentali sħiħ u mhux sempliċiment in-nuqqas ta' mard jew infermità"*

Din id-definizzjoni tirrikonoxxi d-dimensjonijiet mentali, fiżiċi u soċjali tas-saħħa. Tirrikonoxxi wkoll li s-saħħa ma tirreferix biss għan-nuqqas ta' mard, iżda li s-saħħa hija stat aktar pożittiv li tinvolvi l-benesseri.

Fir-rigward ta' **saħħa mentali**, id-WHO (2001[3]) tipprovdi d-definizzjoni segwenti:

> *"Is-saħħa mentali tista' tinftiehem bħala stat ta' benesseri fejn l-individwu jirrealizza l-abbiltajiet tiegħu jew tagħha, jista' jfendi bit-tensjonijiet normali tal-ħajja[4], jista' jaħdem b'mod produttiv u li jħalli l-frott, u jista' jikkontribwixxi lill-komunità tiegħu jew tagħha".*

### Saħħa Mentali Pożittiva

Is-saħħa mentali hija **stat ta' benesseri karatterizzat minn sensazzjoni ta' benesseri, il-preżenza ta' relazzjonijiet li jagħtu sens ta' sodisfazzjon u kuntentizza, kif ukoll il-kapaċità li wieħed jiffaċċja u jittratta sitwazzjonijiet diffiċli**. Is-saħħa mentali tinfluwenza l-mod kif il-persuni jaħsbu, jikkomunikaw, jitgħallmu u jikbru. Perċezzjoni ta' benesseri ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-awtostima. Dawn huma l-ingredjenti għal involviment b'suċċess fil-komunità, fis-soċjetà, fil-ħajja professjonali u fir-relazzjonijiet.

Is-saħħa mentali u l-mard mentali ta' spiss ġew deskritti bħala punti fuq sekwenza gradwata. Madankollu, ir-riċerka tissuġġerixxi li hemm żewġ sekwenzi gradwati li għandhom jiġu kkunsidrati u li n-nuqqas ta' mard mentali mhux dejjem jirrifletti s-saħħa mentali reali (ara l-figura 1). Is-sekwenza gradwata bejn żvilupp b'saħħtu u deterjorament **(flourishing and languishing) (**Keyes, 2002) tadotta approċċ pożittiv lejn is-saħħa mentali u tipproponi li fin-nuqqas ta' benesseri mentali sħiħ, persuna xorta tista' tiffjorixxi.

Dan l-approċċ huwa importanti fil-kuntest tal-promozzjoni tas-saħħa mentali — il-proċess li permezz tiegħu jinżammu jew jitjiebu s-saħħa u l-benesseri mentali pożittivi.

[2] WHO (1946) Constitution of the World Health Organization.
[3] WHO (2001) *Mental Health: Strengthening Mental Health Promotion*. Skeda Informattiva Nru 220. http://www.who.int/mediacentre/factsheets/fs220/en/
[4] Pereżempju, Stress mix-xogħol, mid-dar, mill-familja eċċ.

**Figura 1: Sekwenza gradwata tas-saħħa mentali**[1]

**Żvilupp b'saħħtu**

| **Mard Mentali** | **Saħħa Mentali** |
| --- | --- |
| • *Ċerti problemi ta' saħħa mentali preżenti*<br>• *funzjonament u benesseri psikoloġiċi u soċjali moderati/għoljin* | • *emozzjonijiet pożittivi*<br>• *benesseri psikoloġiku*<br>• *benesseri soċjali*<br>• *saħħa mentali totali* |
| • *emozzjonijiet negattivi*<br>• *nuqqas relattiv ta' fatturi psikoloġiċi u soċjali determinanti ta' benesseri*<br>• *problemi ta' saħħa mentali preżenti* | • *emozzjonijiet negattivi*<br>• *nuqqas relattiv ta' fatturi psikoloġiċi u soċjali determinanti ta' benesseri*<br>• *saħħa mentali moderata* |

**Deterjorament**

[1] Adattata minn Keyes, 2002. Keyes, C. (2002). The mental health continuum: From languishing to flourishing in life. *Journal of Health and Social Behaviour*, 43, 207-222

### Problemi u disturbi ta' saħħa mentali

**Il-problemi ta' saħħa mentali**[5], meta mqabbla ma' mard mentali, huma pjuttost komuni u ħafna drabi jiġu esperjenzati matul perjodi ta' stress għoli jew wara avvenimenti skonvolġenti. Pereżempju, sintomi ta' luttu ta' inqas minn xahrejn ma jikkwalifikawx bħala disturbi mentali. Madankollu, il-luttu jista' jsir debilitanti jekk matul dan il-perjodu l-individwu ma jirċievi ebda appoġġ u jista' jkun hemm ukoll il-bżonn li matul dan iż-żmien il-persuna li tkun qiegħda f'luttu tattendi għal sessjonijiet ta' konsulenza. Sforzi attivi fil-promozzjoni, fil-prevenzjoni, u fil-kura tas-saħħa mentali[6] jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti r-riskju li individwu jiżviluppa marda mentali.

Id-WHO tissuġġerixxi li madwar **nofs il-persuni jintlaqtu minn marda mentali** f'xi punt f'ħajjithom, filwaqt li huwa stmat li kważi 10 % tal-popolazzjoni ssofri minn dipressjoni fis-sena filwaqt li 2.6 % oħra jbatu minn disturbi psikotiċi. L-ansjetà hija wkoll kwistjoni ewlenija. Fl-UE27 instab li 15 % tal-persuni kienu talbu għajnuna għal problema psikoloġika jew emozzjonali, filwaqt li 72 % tal-persuni kienu ħadu antidipressanti f'xi punt f'ħajjithom[7].

## Riskji għas-saħħa u l-benesseri mentali

Ir-riskji għas-saħħa u l-benesseri mentali jistgħu jiġu minn għadd ta' sorsi u jinkludu sorsi relatati mal-post tax-xogħol (Tabella 1).

[5] Dawn huma tfixkil inqas serji għall-benessri mentali
[6] Ara l-Kapitolu 9 għal definizzjonijiet ta' dawn it-termini
[7] Il-Kummissjoni Ewropea (2010). Ewrobarometru dwar is-saħħa mentali. Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/health/mental_health/eurobarometers/index_en.htm

**Tabella 1: Eżempji ta' riskji għas-saħħa mentali minn ġewwa u minn barra l-post tax-xogħol**[1]

| Sors ta' riskju | Fattur ta' riskju |
|---|---|
| **Personali u soċjali** | • Ġenetiku<br>• Esperjenza preċedenti tal-ħajja<br>• Avvenimenti tal-ħajja<br>• Inċidenti trawmatiċi<br>• Appoġġ soċjali<br>• Kapaċitajiet biex wieħed jiffaċċja u jittratta sitwazzjonijiet diffiċli<br>• Riżorsi<br>• Imġiba relatata mas-saħħa personali, eż. alkoħol u drogi |
| **Il-post tax-xogħol** | • Il-kontenut tal-Impjieg<br>• Il-volum u r-ritmu tax-xogħol<br>• L-iskeda tax-xogħol<br>• Il-kontroll<br>• L-ambjent u t-tagħmir<br>• Il-kultura u l-funzjoni korporattivi<br>• Ir-relazzjonijiet interpersonali fuq il-post tax-xogħol<br>• Ir-rwol fl-organizzazzjoni<br>• L-iżvilupp tal-karriera<br>• Il-vjolenza u l-bullying |
| **Soċjoekonomiku** | • L-ekonomija u s-suq tax-xogħol<br>– It-theddid ta' qgħad u l-qgħad<br>– Tip ta' kuntratt tax-xogħol<br>– Is-sigurtà tal-impjieg<br>– It-tnaqqis fid-disponibbiltà tas-servizzi<br>– Id-dħul<br>• Il-ġeografija<br>• Il-leġiżlazzjoni<br>– Ix-xogħol<br>– Il-benesseri<br>– Dwar l-OSH |

[1] Adattata minn Op De Beeck, R. u Van Den Broek, K. u De Meyer, S. (2009). Fi: Haratau, T. u Wynne, R. (eds.). _Workplace health promotion: Definitions, methods and techniques._ Romtens Foundation, Bucharest.

Il-fatturi elenkati fit-Tabella 1 mhumiex eżawrjenti, iżda juru sew il-firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal problemi u għal disturbi ta' saħħa mentali. Ħafna mill-fatturi huma magħrufa sew — il-ġenetika tista' tinfluwenza l-iżvilupp ta' disturbi psikotiċi, filwaqt li l-fatturi soċjali bħall-introjtu u l-livelli ta' deprivazzjoni jistgħu jinfluwenzaw kemm il-problemi ta' saħħa mentali kif ukoll il-mard mentali. Fuq il-post tax-xogħol, **il-fatturi ta' riskju psikosoċjali ġew assoċjati ma' problemi ta' saħħa mentali**, pereżempju, il-karatteristiċi strutturali tal-post tax-xogħol u l-metodi ta' ħidma jistgħu jinfluwenzaw is-saħħa u l-benesseri mentali.

Dawn il-fatturi mhux kollha joperaw b'mod negattiv. Pereżempju, l-appoġġ soċjali huwa fattur li jopera kemm ġewwa kif ukoll barra mill-post tax-xogħol biex itaffi l-effetti tal-fatturi ta' riskju ta' saħħa mentali u l-istili ta' mġiba u l-mod kif wieħed jiffaċċja d-diffikultajiet jgħinu wkoll biex jitnaqqas l-impatt ta' fatturi ta' riskju negattivi għas-saħħa mentali.

Barra minn hekk, dawn il-fatturi mhux neċessarjament joperaw b'mod iżolat — ħafna drabi jinsabu raggruppati kemm ġewwa kif ukoll barra mill-post tax-xogħol. Pereżempju, ta' sikwit l-introjtu baxx, il-kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol, il-livelli għoljin ta' eżiġenzi tax-xogħol u l-imġiba negattiva ta' kif wieħed jiffaċċja d-diffikultajiet jistgħu jkunu assoċjati ma' xulxin. Dawn il-gruppi ta' fatturi ta' riskju juru li biex is-saħħa u l-benesseri mentali jiġu promossi b'mod effettiv hemm bżonn ta' intervent f'diversi ambjenti.

## L-impatti tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol

Kwistjonijiet ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol jikkonċernaw lill-individwu, lill-organizzazzjonijiet u lis-soċjetà inġenerali u jista' jkollhom impatt fuq is-saħħa u l-benesseri, fuq l-impjiegi, il-prestazzjoni ta' organizzazzjoni u fuq il-benesseri soċjali. Il-Figura 2 hawn taħt turi wħud minn dawn l-impatti.

**Figura 2: L-impatti tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol**




Il-fatturi li jaffettwaw is-saħħa mentali jistgħu jinsabu kemm ġewwa u barra mill-post tax-xogħol. Barra mill-post tax-xogħol dawn jinkludu fatturi relatati mal-individwu u mal-impjiega tiegħu, u mal-ambjent fiżiku u psikosoċjali ġenerali. Dawn jeżistu wkoll fuq il-post tax-xogħol, iżda perikli psikosoċjali bħal piż tax-xogħol mhux xieraq, stil ta' amministrazzjoni ħażin, nuqqas ta' komunikazzjoni fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll ħafna oħrajn.

### Il-post tax-xogħol: kawża u effett — proċess dinamiku

Ħafna drabi jkun hemm relazzjoni bejn, pereżempju, periklu kimiku u l-effetti tiegħu fuq is-saħħa u eżiti oħra, iżda l-kawżi ta' diffikultajiet mentali mhux dejjem ikollhom tali relazzjoni. Minflok, kawżi differenti jistgħu

jipproduċu l-istess effett, sew jekk ikunu ġejjin minn ġewwa, sew jekk minn barra l-post tax-xogħol. Pereżempju, dipressjoni tista' tkun ikkawżata minn mewt, tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja, jew minħabba qgħad[8]. Bl-istess mod, sett simili ta' kawżi jista' jipproduċi eżiti differenti ta' saħħa mentali, eż. persuna waħda tista' taqa' f'dipressjoni meta tkun iffaċċjata b'tagħbija żejda kostanti ta' xogħol, filwaqt li oħra tista' tiżviluppa eżawriment u oħra tista' tiżviluppa ansjetà. Barra minn hekk, dawn il-fatturi jinteraġixxu bejniethom — **il-kawżi ta' tbatija minn barra l-post tax-xogħol jinteraġixxu ma' dawk interni** biex jipproduċi eżiti ta' saħħa mentali u ta' benesseri[9].

Dawn l-interazzjonijiet u r-relazzjonijiet mhux speċifiċi jfissru li mhuwiex biżżejjed li jiġu kkontrollati l-kawżi ta' tbatija mentali f'ambjent wieħed — **idealment l-interventi għandhom jindirizzaw il-kawżi kollha** (jew talanqas jgħinu biex dawn mmaniġġjati) biex dawn ikunu effettivi. Dan id-dokument ta' Gwida għandu l-għan li jippromwovi l-prattika tajba fil-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol filwaqt li jħeġġeġ lil min iħaddem biex jissodisfa l-obbligi legali tiegħu f'dan il-qasam.

L-impatti fuq l-individwu mhumiex limitati għall-effetti diretti għas-saħħa fuq il-funzjonament mentali u affettiv, iżda jinkludu wkoll effetti fuq l-introjtu u ħafna drabi fuq l-aċċettazzjoni soċjali (l-istigma assoċjata ma' kwistjonijiet ta' saħħa mentali għadha proċess soċjali b'saħħtu). Barra minn hekk, hemm il-probabbiltà li jkun hemm impatti fuq il-familja u fuq in-netwerks soċjali tal-individwu barra mix-xogħol (ara pereżempju, l-istudju Stress Impact Study[10]).

Madankollu, l-impatti ta' saħħa mentali ħażina fuq il-post tax-xogħol mhumiex limitati għall-effetti fuq is-saħħa tal-individwu. Jinkludu wkoll **impatti fuq il-prestazzjoni organizzazzjonali f'termini ta' produttività mitlufa, spejjeż marbuta ma' assenteiżmu, ma' preżenteiżmu**[11] u kwistjonijiet aktar intanġibbli iżda madanakollu importanti bħal moral baxx tal-forza tax-xogħol u reputazzjoni negattiva tal-organizzazzjoni. L-Istħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti[12] (ESENER) riċenti jipprovdi għarfien dwar ir-riskji psikosoċjali prinċipali li jaffettwaw il-postijiet tax-xogħol Ewropej mill-perspettiva tal-maniġers tagħhom.

### L-impatti pożittivi tax-xogħol fuq is-saħħa u l-benesseri mentali

Minkejja t-tħassib deskritti s'issa, ix-**xogħol** inġenerali, **huwa tajjeb kemm għas-saħħa mentali kif ukoll għal dik fiżika**. Ir-riċerka wriet b'mod konsistenti li x-xogħol ta' kwalità tajba (jiġifieri x-xogħol li għandu karatteristiċi pożittivi) jista' jtejjeb u jipproteġi s-saħħa. Il-karatteristiċi tal-ħajja tax-xogħol li huma magħrufa li jippromwovu s-saħħa u l-benesseri mentali jinkludu:

- Li tħossok stmat fuq il-post tax-xogħol
- Li jkollok xogħol sinifikanti
- Li tkun tista' tieħu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet li jaffettwawk
- Li tkun imħarreġ b'mod adegwat għax-xogħol li tagħmel
- Li jkollok ir-riżorsi li teħtieġ biex tagħmel ix-xogħol
- Li jkollok xogħol imfassal tajjeb, jiġifieri ma tkunx mgħobbi żżejjed
- Li jkollok xogħol li huwa organizzat sew f'termini ta' skedi ta' xogħol u ħin liberu

Element pożittiv ieħor tal-post tax-xogħol jittratta l-kultura korporattiva li tista' tkun ta' appoġġ għas-saħħa u l-benesseri mentali. Elementi tal-kultura bħall-istil ta' mmaniġġjar u l-istil ta' komunikazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-benesseri mentali pożittiv. Barra minn hekk, il-prattiki ta' ġestjoni pożittiva fir-rigward ta' oqsma bħall-parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet, l-għoti ta' feedback f'waqtu u ta' appoġġ jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-benesseri tal-impjegat. Naturalment, anke l-promozzjoni ta' kultura pożittiva ta' saħħa u ta' sigurtà għandha rwol x'taqdi.

---

[8] Kuoppala, J., Lamminpää, A, Liira, J. & Vaino, H (2008). Leadership. Job Well-Being, and Health Effects – A Systematic Review and a Meta-Analysis. *J. Occupational & Environmental Medicine*, 50, 904-915.
[9] Pereżempju, Waddell, G, & Burton, A.K. (2006). *Is work good for your health and well-being?* London: The Stationery Office.
[10] www.surrey.ac.uk/psychology/projects/stress-impact/files/Stress%20Impact%20Integrated%20Report.pdf
[11] Ħafna drabi dan huwa definit bħala sitwazzjonijiet li fihom persuni jmorru għax-xogħol waqt li jkunu ma jifilħux
[12] EU-OSHA – L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti: Il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. *Rapport tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskju.* Il-Lussemburgu: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2010.

L-aspetti soċjali tal-post tax-xogħol jistgħu jipprovdu wkoll ambjent li jappoġġja s-saħħa u l-benesseri mentali. Pereżempju, jista' jipprovdi:

- Appoġġ soċjali — il-kollegi jistgħu jgħinu lill-individwi jaqsmu, jiffaċċjaw u jegħlbu problemi personali.
- Il-ħiliet li jgħinu biex jiġu ffaċċjati d-diffikultajiet — l-interazzjoni soċjali fuq il-post tax-xogħol tista' direttament jew indirettament tipprovdi opportunitajiet biex wieħed jitgħallem ħiliet effettivi biex jiffaċċja d-diffikultajiet.
- Appoġġ materjali — il-postijiet tax-xogħol jipprovdu riżorsi f'termini ta' dħul monetarju. Jistgħu jipprovdu wkoll appoġġ materjali dirett biex jgħin fir-riżoluzzjoni ta' problemi min-naħa tal-kollegi tax-xogħol.

## L-ispejjeż tal-mard mentali fuq il-post tax-xogħol

L-**ispejjeż tal-mard mentali għandhom impatt kbir fuq il-postijiet tax-xogħol**. Bħala parti mill-ħidma fuq il-Patt Ewropew għas-Saħħa Mentali[13], ġie stmat li fl-2007 l-ispejjeż totali ta' assenteiżmu minħabba mard mentali f'termini ta' produttività laħħqu l-EUR 136 biljun. Dan jikkorrispondi għal madwar EUR 624 għal kull persuna impjegata fl-UE f'dak iż-żmien. EUR 99 biljun minn dawn l-ispejjeż kienu marbuta mad-dipressjoni u mad-disturbi relatati mal-ansjetà. L-ispejjeż tal-mard mentali jistgħu jiġu mqabbla ma' dawk għall-mard kardjovaskulari, li fl-2007 laħħqu s-EUR 36 biljun. Għandu jiġi nnotat li dawn l-ispejjeż ma għandhomx x'jaqsmu mal-kura, mal-benefiċċji soċjali jew ma' spejjeż oħra għas-soċjetà inġenerali.

Diversi studji oħra indikaw ukoll li l-ispejjeż marbuta ma' problemi ta' saħħa mentali huma kbar ħafna. Pereżempju, fl-2002 il-Kummissjoni Ewropea[14] stmat li l-ispejjeż marbuta ma' stress relatat max-xogħol ammontaw għal 3-4 % tal-prodott nazzjonali gross, filwaqt li fil-Ġermanja[15] l-ispiża annwali marbuta ma' disturbi psikoloġiċi kienet stmata għal EUR 3 biljun. Leka[16] et al jipprovdu ħarsa ġenerali tajba tal-istudji dwar l-ispejjeż.

## L-impatt tal-mard mentali fuq l-impjiegi

Il-mard mentali għandu influwenza sproporzjonata fuq l-assenza mix-xogħol, fuq id-diżabilità u fuq l-irtirar kmieni. Meta persuni jiżviluppaw problema ta' saħħa mentali, x'aktarx jibqgħu barra mix-xogħol għal żmien itwal, huma aktar probabbli li jiżviluppaw diżabilità u huma aktar probabbli li jirtiraw kmieni[17]. Barra minn hekk, id-dejta minn għadd ta' pajjiżi tindika li maż-żmien il-**mard mentali qiegħed jirrappreżenta proporzjon dejjem akbar ta' assenteiżmu, diżabilità u ta' irtirar kmieni**.

Pereżempju fil-Ġermanja, bejn l-1989 u l-2010, l-irtirar kmieni minħabba mard mentali żdied minn ftit aktar minn 20 % għal kważi 40 % tal-irtirar kollu minħabba mard. Minn dak iż-żmien il-proporzjon ta' dan l-irtirar kmieni relatat mas-saħħa mentali kompla jiżdied[18]. Barra minn hekk, il-mard mentali bħala kawża ta' assenza mix-xogħol fil-Ġermanja żdied ukoll — bejn l-1989 u l-2012 żdied b'2.5 darbiet filwaqt li l-assenza minħabba kawżi oħra ta' saħħa essenzjalment baqgħet l-istess. Dawn ix-xejriet fil-Ġermanja huma riflessi fid-dejta minn diversi pajjiżi oħra madwar l-UE. Id-dejta mir-Renju Unit tissuġġerixxi li mhux biss hemm żieda fl-istress jew fid-disturbi relatati mas-saħħa mentali bħala kawża ta' assenza, iżda li l-assenzi minħabba dawn il-kundizzjonijiet huma itwal minn dawk għal raġunijiet ta' saħħa fiżika[19].

Ħafna drabi l-impjegati li jiżviluppaw problemi ta' saħħa mentali jkunu komorbużi, jiġifieri jkollhom ukoll problema ta' saħħa fiżika. Barra minn hekk, hemm evidenza li tissuġġerixxi li persuni b'assenteiżmu twil

[13] McDaid, D. (2008). *Mental health in workplace settings*. Dokument ta' kunsens, il-Komunitajiet Ewropej, Il-Lussemburgu.
[14] Levi, L., Spice of life or kiss of death. F'Working on Stress, *Magazine of the European Agency of Safety and Health at Work Nru.5.* Il-Lussemburgu: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2002. Disponibbli fuq: http://osha.europa.eu/mt/publications
[15] EU-OSHA – L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (2009). *OSH in figures: stress at work — facts and figures.* Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.
[16] Leka, S, Van Wassenhove, W. u Jain, A. (2014 qed jiġi stampat). Is psychosocial risk prevention possible? Deconstructing common presumptions. *Safety Science*.
[17] Evans-Lacko, S., Knapp, M., McCrone, P., Thornicroft, G., & Mojtabai, R. (2013). *The Mental Health Consequences of the Recession: Economic Hardship and Employment of People with Mental Health Problems in 27 European Countries*. PLoS ONE, 8(7).
[18] SUGA (Bericht zur Sicherheit und Gesundheit bei der Arbeit) 1998-2008**. Bundesanstalt für Arbeitsschutz und Medizin (BAUA), L-Istitut Federali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol** http://www.baua.de/de/Startseite.html
[19] Department of Work and Pensions 2013. *DWP Statistics. Disponibbli fuq http://statistics.dwp.gov.uk/asd/*, Londra, DWP.

minħabba raġunijiet ta' saħħa fiżika jispiċċaw jiżviluppaw ukoll problemi ta' saħħa mentali[20]. Dawn is-sejbiet ifissru li l-enfasi fuq tip uniku ta' kundizzjoni x'aktarx li ma tkunx effettiva fil-promozzjoni tas-saħħa mentali u r-ritorn lura għax-xogħol.

### Strateġiji għar-ritorn lura għax-xogħol

Hemm bosta raġunijiet għaliex l-impjegaturi għandhom jimmaniġġjaw b'mod attiv ir-ritorn lura għax-xogħol (RTW) għal persuni b'diffikultajiet ta' saħħa mentali. Fundamentalment, min iħaddem huwa obbligat jiżgura li ma jkunx qiegħed jikser leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza jew in-nondiskriminazzjoni, jiġifieri li ma jkunx qiegħed jiddiskrimina kontra l-impjegat li jirritorna lura għax-xogħol minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**L-impjegaturi u l-impjegati jistgħu jibbenefikaw minn strateġiji xierqa ta' RTW —** titjib fis-saħħa u fil-benesseri għall-individwu, kif ukoll tnaqqis fl-ispejjeż ta' assenteiżmu għal min iħaddem.

Attwalment l-istrateġiji għall-RTW għal persuni bi problemi ta' saħħa fiżika huma stabbiliti sew. Hawnhekk l-approċċi lejn il-Ġestjoni tad-Diżabilità huma xierqa — jinvolvu pereżempju, it-twaqqif ta' politika tal-post tax-xogħol fil-qasam, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm individwi mħarrġa biex jimmaniġġjaw il-proċess, jikkuntattjaw lill-persuni assenti fi stadju bikri u jagħmlu arranġamenti għal ritorn sikur u f'waqtu għall-proċess tax-xogħol (għal aktar dettalji ara l-Kapitolu 6).

Dawn l-istrateġiji jistgħu jiġu adattati għall-ġestjoni tar-ritorn lura għax-xogħol ta' impjegat bi problema ta' saħħa mentali. Id-differenzi ewlenin fl-approċċ jittrattaw l-iżgurar li jkun hemm livell suffiċjenti ta' għarfien fost il-partijiet ikkonċernati kollha dwar x'jinvolvu s-saħħa u l-mard mentali, l-ittrattar tal-istigma, iż-żamma tal-kunfidenzjalità u l-iżgurar li jkun hemm biżżejjed possibilitajiet disponibbli biex ix-xogħol ikun jista' jiġi adattat sabiex il-persuna li tirritorna lura għax-xogħol tkun tista' terġa tadatta għall-ħajja tax-xogħol.

## Ir-rabtiet bejn is-saħħa fiżika u dik mentali

**Is-saħħa fiżika u dik mentali huma interrelatati** — studji juru li fatturi ta' stress fuq il-post tax-xogħol u barra minnu jistgħu jikkontribwixxu għal mard tal-qalb. L-analiżijiet riċenti jindikaw li r-riskji psikosoċjali li jistgħu jikkawżaw problemi ta' saħħa mentali huma wkoll sistematikament u każwalment relatati ma' tipi ta' eżiti fil-qasam tas-saħħa bħal problemi ta' saħħa fiżika[21] kif ukoll morbożità kardjovaskulari[22] u mortalità u dijabete[23]. L-istudju INTERHEART[24] li fih ħadu sehem 24,767 parteċipant minn 52 pajjiż sab li persuni b'infart kardijaku (każijiet) irrapportaw prevalenza ogħla ta' fatturi ta' stress mix-xogħol, mid-dar, minn avvenimenti tal-ħajja u minħabba finanzi. Il-Hearts and Minds Report[25] jippreżenta fil-qosor ir-relazzjonijiet bejn il-mard mentali u l-mard tal-qalb. Reviżjonijiet riċenti oħra jindikaw li r-riskji psikosoċjali li jistgħu jikkawżaw problemi ta' saħħa

[20] www.surrey.ac.uk/psychology/projects/stress-impact/files/Stress%20Impact%20Integrated%20Report.pdf
[21] Briggs, A.M., Bragge, P., Smith, A., Govil, D. & Straker, L.M. (2009). *Prevalence and Associated Factors for Thoracic Spine Pain in the Adult Working Population: A Literature Review*. J Occup Health, 51, 177-192.
[22] Kivimaki, M., Nyberg, S.T., Batty, G.D. et al. (2012). Job strain as a risk factor for future coronary heart disease: collaborative meta-analysis of 2358 events in 197,473 men and women. *The Lancet*, 2012 (380):1491-97 (Pubblikazzjoni Bikrija Online, doi:10.1016/S0140-6736(12)60994-5).
[23] De Hert, M., Correll, C. U., Bobes, J., Cetkovich-Bakmas, M., Cohen, D., Asai, I., Leucht, S. 2011. Physical illness in patients with severe mental disorders. I. Prevalence, impact of medications and disparities in health care. *World Psychiatry,* 10**,** 52-77.
[24] Rosengren, A., Hawken, S., Ôunpuu, S., Sliwa, K., Zubaid, M., Almahmeed, W. A., Blackett, K. N., Sitthiamorn, C., Sato, H., Yusuf, S., 'Association of psychosocial risk factors with risk of acute myocardial infarction in 11 119 cases and 13 648 controls from 52 countries (l-istudju INTERHEART): case-control study', *Lancet*, 364, 2004, 953–962.
[25] Boedeker, W. u Klindworth, H. (2007). *Hearts and minds at work in Europe: A European work-related public health report on cardiovascular diseases and mental ill health.* BKK Bundesverband, Essen, 2007. http://www.enwhp.org/fileadmin/downloads/Workhealth_II/Buch_WH-Report_v09.pdf

mentali, huma wkoll sistematikament u każwalment relatati ma' tipi ta' eżiti fil-qasam tas-saħħa bħal problemi ta' saħħa fiżika[26],[27] kif ukoll morbożità kardjovaskulari u mortalità[28] u dijabete[29].

Studji oħra juru li ħafna persuni li jiżviluppaw problema ta' saħħa fiżika jispiċċaw jiżviluppaw ukoll problema ta' saħħa mentali. Pereżempju l-istudju Stress Impact[30] wera li ħafna persuni li jkunu fuq reġistri ta' mard għal żmien qasir minħabba raġunijiet ta' saħħa fiżika żviluppaw problemi ta' saħħa mentali (ġeneralment dipressjoni). Madwar 13 % tal-persuni li kienu ilhom neqsin mix-xogħol għal aktar minn 12-il ġimgħa kellhom problemi ta' saħħa fiżika u mentali.

## Ir-raġuni għala l-impjegaturi għandhom jimmaniġġjaw is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol

Hemm **ħafna raġunijiet għaliex l-impjegaturi għandhom jinvolvu ruħhom b'mod proattiv f'attivitajiet ta' saħħa u benesseri mentali.** L-ewwel nett, skont il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà hemm obbligu li tiġi evitata ħsara lis-saħħa mentali minħabba kawżi fuq il-post tax-xogħol. Id-Dikjarazzjoni ta' Seoul[31] tal-ILO u tal-imsieħba tiddikjara li s-saħħa u s-sigurtà huma dritt fundamentali tal-bniedem. Barra minn hekk, skont il-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza hemm obbligu li jiġi żgurat li persuni bi problemi ta' saħħa mentali ma jġarrbux diskriminazzjoni f'oqsma bħar-reklutaġġ, il-promozzjonijiet u l-aċċess għat-taħriġ.

Lil hinn minn dawn l-obbligi, ħafna impjegaturi jaraw li l-benefiċċji ta' investiment fis-saħħa mentali huma parti mill-ispirtu u mill-kultura tal-organizzazzjoni. Involviment attiv fil-qasam jgħin sabiex jiġi sodisfatt il-kuntratt soċjali li l-impjegaturi għandhom mal-impjegati tagħhom u mas-soċjetà inġenerali u jgħin ukoll sabiex tinżamm immaġini pubblika tajba tal-impjegatur. Ħafna impjegaturi jaraw ukoll li involviment fl-aħjar prattika dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol jgħinhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpanija, speċjalment, fejn il-prattika ta' min iħaddem tmur lil hinn minn rekwiżiti leġiżlattivi.

Madankollu, għal ħafna impjegaturi l-aktar raġunijiet konvinċenti huma relatati mal-fatt li l-interventi għal titjib fis-saħħa u fil-benesseri mentali huma effettivi. Jistgħu pereżempju jkunu effettivi f'termini tal-indirizzar ta' problemi ta' assenteiżmu, iżda fundamentalment, l-interventi wrew li għandhom benefiċċji monetarji sinifikanti. Riċerka fir-Renju Unit turi li ħafna mill-interventi vvalutati jiġġeneraw benefiċċji suffiċjenti li jissuperaw l-ispejjeż. Reċentement[32], ġie stmat li r-redditu nett fuq l-investiment iġġenerat minn programmi ta' promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol fuq perjodu ta' sena kien ivarja bejn EUR 0.81 u EUR 13.62 għal kull EUR 1 ta' nfiq fil-programm.

Fi studju tal-2009 fir-Renju Unit, in-National Institute for Health and Care Excellence immudella l-effetti ta' approċċ komprensiv għall-promozzjoni tal-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol. Issuġġerixxa li t-telf fil-produttività għall-impjegaturi bħala riżultat ta' stress żejjed u problemi ta' saħħa mentali jista' jonqos bi 30 % u li għal kumpanija b'1,000 impjegat dan isarraf fi tnaqqis nett fl-ispejjeż li jaqbeż l-EUR 473,000.

[26] Briggs, A.M., Bragge, P., Smith, A., Govil, D. & Straker, L.M. (2009). *Prevalence and Associated Factors for Thoracic Spine Pain in the Adult Working Population: A Literature Review.* J Occup Health, 51, 177-192.
[27] Da Costa, B.E. & Vieira, E.R. (2009). *Risk factors for work-related musculoskeletal disorders: a systematic review of recent longitudinal studies*. Am. J. Ind. Med. 48,1-39
[28] Kivimaki, M., Nyberg, S.T., Batty, G.D. et al. (2012). Job strain as a risk factor for future coronary heart disease: collaborative meta-analysis of 2358 events in 197,473 men and women. *The Lancet*, 2012 (380):1491-97 (Pubblikazzjoni Bikrija Online, doi:10.1016/S0140-6736(12)60994-5).
[29] De Hert, M., Correll, C. U., Bobes, J., Cetkovich-Bakmas, M., Cohen, D., Asai, I., . . . Leucht, S. 2011. Physical illness in patients with severe mental disorders. I. Prevalence, impact of medications and disparities in health care. *World Psychiatry,* 10**,** 52-77.
[30] *Integrated report of Stress Impact: The impact of changing social structures on stress and quality of life: Individual and social perspectives.* www.surrey.ac.uk/psychology/projects/stress-impact/files/Stress%20Impact%20Integrated%20Report.pdf
[31] http://www.seouldeclaration.org/
[32] Matrix Insight (2013). *Economic analysis of workplace mental health promotion and mental disorder prevention programmes and of their potential contribution to EU health, social and economic policy objectives, Matrix Insight*, Riċerka kkummissjonata mill-Aġenzija Eżekutiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi. Disponibbli fuq http://ec.europa.eu/health/mental_health/docs/matrix_economic_analysis_mh_promotion_en.pdf

Jekk dan jitqies flimkien ma' fatturi pożittivi fil-kultura korporattiva, dan ġeneralment għandu impatt pożittiv fuq l-impenn lavorattiv min-naħa tal-impjegati li min-naħa tiegħu jwassal għal żidiet fil-produttività għall-organizzazzjoni. Lil hinn mill-post tax-xogħol, dan iwassal ukoll għal effetti pożittivi għas-soċjetà inġenerali. L-ispejjeż tal-kura ta' mard mentali jonqsu, filwaqt li hemm ukoll benefiċċji f'termini ta' livelli ogħla ta' parteċipazzjoni mill-ħaddiema f'firxa ta' attivitajiet soċjalment u personalment ta' benefiċċju.

**Għaxar raġunijiet favur il-ġestjoni tas-saħħa u tal-benesseri mentali — L-argumenti favur**

Hemm għadd ta' raġunijiet għaliex l-impjegaturi għandhom jadottaw approċċ aktar proattiv fil-ġestjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol:

- Il-problemi ta' saħħa mentali u l-mard mentali qed jiżdiedu fl-Ewropa. Huma kawża dejjem akbar ta' assenza fost l-impjegati fl-Ewropa
- L-ispejjeż ta' assenza relatata mas-saħħa mentali huma akbar minn dawk għal kwalunkwe tip ieħor ta' mard
- Assenzi minħabba mard mentali huma itwal minn dawk għal kawżi oħra ta' mard
- Tibdil fin-natura tax-xogħol qiegħed iwassal għal stress akbar u aktar problemi relatati mas-saħħa mentali
- Il-post tax-xogħol huwa ambjent partikolarment utli għal interventi għall-promozzjoni ta' saħħa mentali tajba
- Xogħol ta' kwalità tajba jippromwovi s-saħħa u l-benesseri mentali
- Il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol hija meħtieġa mil-leġiżlazzjoni
- F'ħafna pajjiżi l-ġestjoni tar-ritorn lura għax-xogħol qiegħda ssir dejjem aktar ir-responsabbiltà/ta' benefiċċju għal min iħaddem
- Interventi għat-titjib tas-saħħa u l-benesseri mentali fuq ix-xogħol jgħinu lil min iħaddem jissodisfa l-prinċipji tal-kuntratt soċjali
- L-interventi mmirati lejn l-individwu għat-titjib tas-saħħa u l-benesseri mentali huma kosteffettivi

# 4. Il-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE dwar l-OSH u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol

## Id-Direttiva Qafas u s-saħħa mentali

Il-leġiżlazzjoni ġenerali li tirregola l-aspetti kollha tal-OSH fl-UE hija **d-Direttiva Qafas** 89/391/KEE dwar is-Sigurtà u s-Saħħa tal-Ħaddiema fuq il-Post tax-Xogħol. Tispeċifika l-obbligi ġenerali ta' min iħaddem sabiex jiġu żgurati s-saħħa u s-sigurtà f'kull aspett relatat max-xogħol, filwaqt li "jiġu indirizzati t-tipi kollha ta' riskju" abbażi tal-prinċipji ta' prevenzjoni. Id-Direttiva Qafas ġiet segwita minn sett ta' direttivi individwali dwar firxa ta' oqsma (għal aktar dettall ara l-Kapitolu 7) li ġew adottati matul l-aħħar 25 sena. Il-prinċipji ġenerali tad-Direttiva Qafas ikomplu japplikaw b'mod sħiħ għall-oqsma kollha koperti mid-direttivi individwali, iżda fejn direttivi individwali jinkludu dispożizzjonijiet aktar stringenti u/jew speċifiċi, jipprevalu dawn id-dispożizzjonijiet speċjali tad-direttivi individwali.

Ir-riskji relatati max-xogħol li huma rilevanti għas-saħħa mentali, li ta' spiss jissejħu riskji psikosoċjali, u l-immaniġġjar tagħhom huma fost ir-responsabbiltajiet tal-impjegaturi kif stabbilit fid-Direttiva Qafas peress li tobbliga lill-impjegaturi biex jindirizza u jimmaniġġja kull tip ta' riskju b'mod preventiv u biex jistabbilixxi proċeduri u sistemi marbuta mas-saħħa u mas-sigurtà biex jagħmlu dan.

Fuq il-bażi ta' din il-leġiżlazzjoni importanti, ġew żviluppati għadd ta' politiki u gwidi ta' relevanza[33] għas-saħħa mentali u huma applikabbli fil-livell Ewropew. Dawn jinkludu strumenti legalment vinkolanti fil-livell tal-UE, fil-livelli transnazzjonali u nazzjonali kif ukoll politiki bħal deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet, riżoluzzjonijiet, opinjonijiet, proposti, konklużjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE, tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Barra minn hekk, mid-Direttiva Qafas tnisslu ftehimiet tal-imsieħba soċjali u oqfsa ta' azzjonijiet, speċifikazzjonijiet, linji gwida, kampanji eċċ. fuq inizjattiva tal-kumitati, tal-aġenziji u tal-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali.

Id-Direttiva Qafas u d-Direttivi l-oħra ma kinux direttament imfassla biex jittrattaw kwistjonijiet ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Minflok, **jaġixxu bħala partijiet ġeneriċi u speċifiċi ta' leġiżlazzjoni li jkopru l-aspetti kollha ta' saħħa u ta' sigurtà** u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-prattika marbuta mas-saħħa u mas-sigurtà. Pereżempju, id-Direttiva Qafas tispeċifika li impjegatur għandu jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull aspett relatat max-xogħol, u "jindirizza t-tipi kollha ta' riskju mis-sors". Għalkemm ma tinkludix it-termini "riskju psikosoċjali" jew "stress relatat max-xogħol", tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-adattament tax-xogħol għall-individwu, speċjalment fir-rigward tat-tfassil tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tal-apparat tax-xogħol u l-għażla tal-metodi ta' xogħol u ta' produzzjoni, bil-għan li jitnaqqas ix-xogħol monotonu u x-xogħol b'rata predeterminata, tiġi żviluppata politika ġenerali koerenti ta' prevenzjoni li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol. B'dan il-mod id-Direttiva Qafas titratta direttament uħud mis-sorsi prinċipali ta' stress psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, fl-ispeċifikazzjoni tal-metodi li għandhom jintużaw sabiex jiġu evitati u kkontrollati r-riskji fuq il-post tax-xogħol għas-saħħa u s-sigurtà, id-Direttiva Qafas u d-Direttivi relatati jispeċifikaw li dawn ir-riskji għandhom jiġu identifikati, ivvalutati, evitati u ġestiti[34].

Madankollu, minkejja dan in-nuqqas apparenti ta' speċifiċità dwar il-kwistjoni, **ma hemm l-ebda dubju li r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol huma inklużi fl-oqfsa dwar is-saħħa u s-sigurtà** kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Il-gwidi, il-kampanji u l-inizjattivi oħra fil-qasam min-naħa tal-Kummissjoni u tal-korpi tal-UE bħall-ILO jagħmluha ċara li dan huwa l-każ, filwaqt li l-ftehimiet[35],[36] bejn l-imsieħba soċjali dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol issaħħu din il-pożizzjoni.

---

[33] Fil-leġiżlazzjoni t-terminu saħħa mentali u termini relatati bħal stress, u riskju psikosoċjali rarament jissemmew.
[34] Għal aktar informazzjoni dwar din il-kwistjoni, ara d-dokument interpretattiv prodotti minn dan il-proġett
[35] *Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni: Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Imsieħba Soċjali Ewropej; Ftehim Qafas dwar Stress relatat max-Xogħol.* http://www.europarl.europa.eu/registre/docs_autres_institutions/ commission_europeenne/sec/2011/0241/COM_SEC%282011%290241_EN.pdf
[36] *Ftehim qafas dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq ix-xogħol.* https://docs.google.com/file/d/0B9RTV08-rjErYURTckhMZzFETEk/edit

Lil hinn minn dawn id-dispożizzjonijiet għat-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskju ta' perikli fuq il-post tax-xogħol, id-Direttiva Qafas u Direttivi oħra jirreferu għall-**obbligu tal-ħarsien** li impjegatur għandu lejn l-impjegati. Dan jista' jiġi interpretat bħala l-iżgurar tal-kunsiderazzjoni tas-saħħa u tal-benesseri tal-impjegat fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-individwu. Dan jittratta wkoll l-impjegati li jkunu qed jirritornaw lura għax-xogħol wara mard. Hawnhekk il-kunsiderazzjonijiet huma l-valutazzjoni tas-saħħa tal-individwu, it-tqabbil tal-organizzazzjoni u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol mal-kapaċità tal-impjegat u t-twaqqif ta' dispożizzjonijiet għal ritorn gradwali lura għax-xogħol. Din il-kwistjoni se terġa tiġi trattata fil-Kapitolu 6 tal-Gwida.

Id-Direttiva Qafas fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar il-prinċipji ta' prevenzjoni, li uħud minnhom huma partikolarment rilevanti għat-trattar ta' perikli għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Fil-qosor, dawn huma:

- l-evitar ta' riskji
- il-valutazzjoni tar-riskji li ma jkunux jistgħu jiġu evitati
- il-ġlieda kontra r-riskji mis-sors
- l-adattament tax-xogħol għall-individwu, speċjalment fir-rigward tat-tfassil ta' postijiet ta' xogħol, l-għażla tal-apparat tax-xogħol u l-għażla tal-metodi ta' ħidma u ta' produzzjoni, b'mod partikolari, sabiex jitnaqqas ix-xogħol monotonu u x-xogħol b'rata predeterminata ta' xogħol u għat-tnaqqis tal-effett tagħhom fuq is-saħħa
- l-iżvilupp ta' politika globali u koerenti ta' prevenzjoni li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol

## Strumenti oħra ta' politika

### Politiki Regolatorji tal-UE

L-Anness 1 jippreżenta l-istrumenti regolatorji ta' rilevanza għas-saħħa mentali u għar-riskji psikosoċjali applikabbli għall-Istati Membri tal-UE[37]. Għalkemm kull regolament jindirizza ċerti aspetti tas-saħħa mentali u/jew l-ambjent psikosoċjali tax-xogħol, għandu jiġi nnotat li fil-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni t-termini "saħħa mentali", "stress" u "riskji psikosoċjali" ma jissemmewx b'mod espliċitu.

Is-sejbiet reċenti mill-istħarriġ ESENER jissuġġerixxu li għalkemm l-impjegaturi Ewropej iqisu l-leġiżlazzjoni dwar l-OSH bħala fattur ewlieni għall-indirizzar ta' kwistjonijiet dwar l-OSH, din kienet inqas effettiva għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali u għall-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.

### Inizjattivi ta' politika

Minbarra l-istrumenti regolatorji, fil-livell tal-UE ġew żviluppati u implimentati għadd konsiderevolment akbar ta' inizjattivi ta' politika mhux vinkolanti ta' rilevanza għas-saħħa mentali u għar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Uħud mill-aktar dokumenti ta' politika u inizjattivi riċenti fi ħdan l-UE rilevanti għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol jinkludu:

1. L-Istrateġija ta' Lisbona: Mira tal-UE għal tkabbir ekonomiku u kompetittività. Miri lejn livell massimu ta' impjiegi u inklużjoni soċjali akbar
2. Strateġija Komunitarja għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2007-2012
3. Il-White Paper tal-Kummissjoni "Flimkien għas-Saħħa"
4. Ftehim Qafas dwar L-Istress relatat max-Xogħol
5. Ftehim qafas dwar il-Fastidju u l-Vjolenza fuq ix-Xogħol (2010)
6. Il-Patt dwar is-Saħħa Mentali.

Il-politiki f'dan il-qasam għandhom kamp ta' applikazzjoni wiesa', li jvarjaw minn strateġiji wiesgħa tal-UE, politiki dwar is-saħħa pubblika sa inizjattivi ta' djalogu soċjali. Minbarra dawn, inizjattivi oħra ta' politika ta' relevanza għas-saħħa mentali u għar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol jinkludu t-twaqqif ta' kumitati

[37] Għandu jiġi nnotat li l-Istati Membri individwali jistgħu jeċċedu d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti leġiżlattivi fil-livell tal-UE.

formalizzati ta' partijiet interessati, kampanji fil-livell tal-UE, politiki dwar il-ġestjoni tad-diżabilità u inizjattivi oħra minn organizzazzjonijiet bħad-WHO u l-ILO. L-Anness 2 jippreżenta ħarsa ġenerali ta' dawn il-politiki.

### Politiki nazzjonali

Fi ħdan il-proġett saret reviżjoni estensiva biex jinġiebu flimkien il-politiki u l-programmi nazzjonali dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Ir-reviżjoni tinkludi politiki regolatorji u volontarji. Għalkemm fil-livell tal-UE ftit huma l-politiki regolatorji li jirreferu espliċitament għal kwistjonijiet ta' saħħa mentali, riskji psikosoċjali, eċċ, dan mhuwiex il-każ fil-livell nazzjonali. Bosta pajjiżi għandhom politiki regolatorji li jeħtieġu li min iħaddem jimplimenta strateġiji ta' prevenzjoni u ta' promozzjoni dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Ir-riżultati ta' din ir-reviżjoni huma disponibbli fuq is-sit web tal-proġett[38] u fir-rapport finali.

[38] ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=13879&langId=en

# 5. Valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa mentali

Id-Direttiva Qafas u d-Direttivi relatati jpoġġu l-**valutazzjoni tar-riskju** fil-qalba tal-proċess dwar is-saħħa u s-sigurtà. F'konformità ma' dan, dan il-kapitolu jittratta l-mod kif għandha ssir valutazzjoni tar-riskju fir-rigward ta' perikli assoċjati mas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Dawn jinkludu riskji għas-saħħa mentali li jistgħu jiġu minn perikli fiżiċi jew kimiċi li jistgħu jinteraġixxu ma' perikli psikosoċjali. Ir-riskji kollha magħrufa għas-saħħa mentali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju.

## Liema huma l-perikli psikosoċjali ewlenin fuq il-post tax-xogħol?

Hemm diversi mudelli ta' stress fuq il-post tax-xogħol[39] li jindikaw it-tipi ta' perikli psikosoċjali li wieħed jista' jiltaqa' magħhom fil-postijiet tax-xogħol. Ir-riċerka dwar il-perikli psikosoċjali ilha għaddejja għal aktar minn 40 sena u hemm qbil wiesa' dwar in-natura ta' dawn il-perikli kif ukoll dwar it-teoriji ta' kif dawn jaffettwaw is-saħħa tal-individwu u l-eżiti organizzazzjonali bħall-produttività, il-kwalità tax-xogħol, is-sodisfazzjon fix-xogħol u l-assenteiżmu.

Il-proġett PRIMA-EF[40], iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, jipproponi **Qafas Ewropew għall-Ġestjoni tar-Riskji Psikosoċjali**. Bħala parti minn din il-ħidma, jirreferi għal 10 tipi ewlenin ta' perikli psikosoċjali li jeżistu fuq il-post tax-xogħol:

**Tabella 2: Perikli psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol**[1]

| Tip ta' Periklu | Definizzjoni |
|---|---|
| **Il-Kontenut tal-Impjieg** | Nuqqas ta' varjetà jew ċikli qosra ta' xogħol, xogħol frammentat jew mingħajr sinifikat, sottoużu ta' ħiliet, inċertezza kbira, esponiment kontinwu għan-nies minħabba x-xogħol |
| **Il-volum u r-ritmu tax-xogħol** | Piż żejjed tax-xogħol jew piż insuffiċjenti, ir-regolazzjoni tal-magni, livelli għoljin ta' pressjoni ta' ħin, issuġġettar kontinwu għal skadenzi |
| **L-iskeda tax-xogħol** | Xogħol bix-xift, xiftijiet billejl, skedi inflessibbli ta' xogħol, u sigħat imprevedibbli, sigħat twal jew strambi. |
| **Kontroll** | Parteċipazzjoni baxxa fit-teħid ta' deċiżjonijiet, nuqqas ta' kontroll fuq l-ammont ta' xogħol, ir-ritmu tax-xogħol, xogħol bix-xift eċċ. |
| **L-ambjent u t-tagħmir** | Tagħmir inadegwat, id-disponibbiltà, l-adegwatezza jew il-manutenzjoni tat-tagħmir, kundizzjonijiet ambjentali ħżiena bħal nuqqas ta' spazju, dawl baxx, storbju eċċessiv |
| **Il-kultura korporattiva u l-funzjoni** | Nuqqas ta' komunikazzjoni, livelli baxxi ta' appoġġ għar-riżoluzzjoni ta' problemi u għall-iżvilupp personali, nuqqas ta' definizzjoni jew ta' qbil dwar objettivi organizzazzjonali |
| **Relazzjonijiet interpersonali fuq il-post tax-xogħol** | Esklużjoni jew iżolament soċjali jew fiżiku, relazzjonijiet fqar mas-superjuri, kunflitti interpersonali, nuqqas ta' appoġġ soċjali, fastidju, bullying |
| **Ir-rwol fl-organizzazzjoni** | Ambigwità dwar ir-rwol, kunflitt fir-rwol, responsabbiltà għal persuni oħra |
| **L-iżvilupp tal-karriera** | Staġnar u inċertezza fil-karriera, nuqqas ta' promozzjoni għall-grad mistħoqq jew promozzjoni lil hinn mill-kapaċitajiet, paga baxxa, nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg, valur soċjali baxx tax-xogħol |
| **L-interfaċċa bejn id-dar u x-xogħol** | Domandi konfliġġenti tax-xogħol u d-dar, appoġġ baxx id-dar, problemi ta' karriera doppja |

[1] http://www.prima-ef.org/prima-ef-book.html

[39] Il-perikli psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol mhumiex ekwivalenti għal stress fuq il-post tax-xogħol — jekk dawn ma jiġux evitati jistgħu jwasslu għal stress u eżiti relatati mal-istress (bħal mard mentali jew fiżiku).
[40] http://www.prima-ef.org/prima-ef-book.html

Naturalment, dawn il-perikli jvarjaw minn post tax-xogħol għall-ieħor, iżda jvarjaw ukoll maż-żmien. **Jistgħu jseħħu perikli ġodda jew emerġenti**, u fis-snin riċenti kwistjonijiet bħal fastidju, vjolenza u bullying fuq il-post tax-xogħol saru rikonoxxuti b'mod aktar espliċitu bħala perikli psikosoċjali. Ir-reċessjonijiet ekonomiċi jaffettwaw ukoll il-perikli psikosoċjali emerġenti. Hawnhekk il-perikli ta' tħassib jinkludu t-theddid ta' qgħad, it-tnaqqis fil-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-impjiegi fejn ikun hemm nuqqas ta' kongruwenza bejn il-kapaċitajiet tal-individwu u l-utilizzazzjoni tal-ħiliet tiegħu.

**Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti** (ESENER) riċenti li kopra aktar minn 28,000 intrapriża f'31 pajjiż madwar l-Ewropa wera li minkejja li l-istress relatat max-xogħol huwa rrappurtat bħala wieħed mill-preokkupazzjonijiet ewlenin fir-rigward tal-OSH għall-intrapriżi Ewropej, madwar nofs l-istabbilimenti mistħarrġa biss irrapportaw li jinformaw lill-impjegati tagħhom dwar ir-riskji psikosoċjali u l-effetti tagħhom fuq is-saħħa u fuq is-sigurtà u inqas minn terz kellhom proċeduri fis-seħħ biex jittrattaw l-istress relatat max-xogħol. Is-sejbiet tal-istħarriġ urew ukoll li 42% tar-rappreżentanti tal-maniġment iqisu li huwa aktar diffiċli li jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali, meta mqabbla ma' kwistjonijiet oħra ta' sigurtà u ta' saħħa. Ġie rrapportat li l-fatturi l-aktar importanti li jagħmlu r-riskji psikosoċjali partikolarment diffiċli biex jiġu trattati kienu "is-sensittività tal-kwistjoni", in-nuqqas ta' għarfien", "in-nuqqas ta' riżorsi" u "n-nuqqas ta' taħriġ".

Hemm ukoll evidenza ta' **żieda fix-xogħol prekarju, b'pagi baxxi u ta' terminu qasir** (parzjalment marbuta mal-kriżi ekonomika u r-ristrutturar organizzattiv[41]). Fil-fatt, dan huwa tnaqqis fil-kwalità tax-xogħol, u jaggrava s-sorsi ta' riskju għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, uħud mir-riskji għandhom komponent ċikliku jew dinamiku b'uħud minnhom jkunu aktar rilevanti fi stadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja. Dawn l-interazzjonijiet bejn ir-riskji, iċ-ċiklu tal-ħajja, id-dħul u l-klassi soċjali jfissru li hemm bżonn ta' interventi aktar adattati li jindirizzaw ir-riskji għas-saħħa mentali fil-kumplessità kollha tagħhom. Dawn l-interventi jitolbu approċċ komprensiv u integrat li ma jinvolvix biss lil impjegatur, iżda anke rappreżentanti tas-saħħa pubblika u NGOs rilevanti. Mill-perspettiva tal-impjegatur, il-leġiżlazzjoni teħtieġ li jiġu indirizzati r-riskji bbażati fuq il-post tax-xogħol, iżda l-aħjar prattika tissuġġerixxi li l-adozzjoni ta' perspettiva usa' tipproduċi vantaġġi kemm għall-impjegatur u għall-impjegat.

Barra minn hekk, in-**natura dinamika tal-valutazzjoni tar-riskju** għandha tqis tibdil fl-għarfien u fil-kuntest b'mod proattiv. L-impjegatur għandu r-responsabbiltà li jżomm ruħu aġġornat mal-iżviluppi b'mod li jkun immaniġġjat b'mod attiv.

## Il-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa mentali

L-inizjattiva PRIMA-EF (2008) żviluppat qafas għall-valutazzjoni tar-riskju fir-rigward ta' perikli psikosoċjali li huwa bbażat fuq ir-riċerka u l-aħjar prattika minn madwar l-Ewropa. Huwa qafas għat-twettiq ta' proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' mmaniġġjar aktar milli metodoloġija unika u speċifika — huwa maħsub biex jakkomoda varjazzjonijiet fl-approċċi li jinsabu f'pajjiżi differenti filwaqt li fl-istess ħin jiġbed l-attenzjoni għall-elementi essenzjali tal-aħjar prattika.

Il-Figura 3 tiddeskrivi l-**elementi ewlenin tal-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali**[42]**.** Hija meqjusa bħala parti mill-immaniġġjar u mill-organizzazzjoni globali tal-proċessi tax-xogħol u parti mill-proċess ta' produzzjoni fi ħdan intrapriża. Il-proċess ta' ġestjoni tar-riskju jibda b'eżerċizzju ta' awditjar u valutazzjoni tar-riskju tal-perikli psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Imbagħad ir-riskji jiġu prijoritizzati u jiġu tradotti fi pjan ta' azzjoni għal interventi. Hemm tliet livelli ta' interventi possibbli. Imbagħad il-miżuri deskritti fil-pjan ta' ġestjoni tar-riskju jiġu implimentati u vvalutati filwaqt li l-lezzjonijiet mill-proċess ta' valutazzjoni jwassal għal tagħlim organizzazzjonali li jiġi inkluż fiċ-ċiklu li jmiss tal-proċess ta' ġestjoni tar-riskju. Matul dan il-proċess, huwa importanti li jiġu identifikati mhux biss l-oqsma problematiċi, iżda anke l-aħjar prattiki li l-organizzazzjoni tista' żżomm u tiżviluppa aktar.

[41] http://www.gcph.co.uk/assets/0000/4018/In-work_poverty_FINAL_Oct.pdf
[42] Ibid. Paġna 8.

**Figura 3. Il-mudell qafas għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali**




L-implimentazzjoni tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskju tista' tkun mistennija li jkollha impatti lil hinn mill-konfini tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Minħabba li tindirizza l-proċessi ta' produzzjoni primarja u l-kuntest organizzazzjonali li fih iseħħ, tista' tkun mistennija li jkollha impatt kemm fuq l-eżiti individwali u dawk organizzazzjonali bħas-saħħa, il-produttività u l-kwalità, l-innovazzjoni u l-kwalità tax-xogħol.

Fit-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskji psikosoċjali għandhom jiġu applikati għadd ta' prinċipji sabiex tiżdied l-effikaċja tagħha. Il-prinċipji deskritti fil-gwida tal-BSI dwar il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol[43] huma ppreżentati fil-Kaxxa bħala eżempju ta' tali prinċipji.

## It-tipi u l-effikaċja tal-interventi

Il-valutazzjoni tar-riskji assoċjati ma' perikli mhijiex għan fiha nnifisha — hija mezz biex jiġu identifikati u prijoritizzati dawn il-problemi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-interventi xierqa. Idealment dawn il-perikli jiġu evitati milli jseħħu mis-sors (interventi primarji), iżda f'ħafna każijiet, jista' jkun xieraq ukoll li jiġu implimentati interventi fil-livell sekondarju jew terzjarju, speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn in-natura tax-xogħol tista' tagħmilha diffiċli li jsiru interventi primarji.

Hemm ammont kbir ta' riċerka disponibbli dwar interventi biex jiġu indirizzati l-perikli psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol (din hija spjegata sew fil-qosor fil-pubblikazzjonijiet PRIMA-FE u fi bnadi oħra). Hemm tliet tipi ta' interventi teoretikament possibbli.

[43] British Standards Institute (2011). *Guidance on the Management of Psychosocial Risks at the Workplace*

- **Intervent primarju** jittratta l-prevenzjoni u jaqa' b'mod ċar taħt it-tradizzjoni tal-OSH. Madankollu, mhuwiex dejjem possibbli li r-riskji psikosoċjali jiġu evitati mis-sors — pereżempju, fis-servizzi essenzjali dejjem sek jkun hemm il-bżonn ta' xogħol billejl u l-għalliema ma jistgħux jaħarbu kompletament mill-istress li jirriżulta mit-tagħlim tal-istudenti. Min-naħa l-oħra, f'ħafna sitwazzjonijiet jista jiġi evitat piż żejjed ta' xogħol. Eżempji ta' interventi primarji jinkludu d-disinn tal-iskeda tax-xift, il-ġestjoni tat-tagħbija tax-xogħol u t-titjib tal-komunikazzjoni u tal-ambjent fiżiku tax-xogħol.

- **Intervent sekondarju** jittratta t-tibdil fil-mod kif il-ħaddiema jipperċepixxu l-perikli psikosoċjali u mat-titjib tal-kapaċità tagħhom biex jittrattawhom. Ħafna drabi jinvolvi taħriġ u sensibilizzazzjoni fost l-impjegati u huwa wieħed mill-aktar tipi komuni ta' intervent. Interventi sekondarji huma aktar komuni, huma meqjusa bħala aktar faċli biex jiġu implimentati u sar ammont akbar ta' riċerka dwar l-effikaċja tagħhom. It-trawwim ta' sensibilizzazzjoni dwar il-perikli psikosoċjali, il-provvista ta' taħriġ dwar l-ittrattar ta' perikli speċifiċi kif ukoll dwar il-ħiliet ġenerali ta' kif wieħed jittratta d-diffikultajiet huma kollha metodi effettivi ta' prevenzjoni sekondarja.

- **Intervent terzjarju** ġeneralment jinvolvi xi tip ta' mitigazzjoni jew ta' trattament tas-sintomi. Ħafna drabi huwa parti mill-proċess ta' riabilitazzjoni u għalhekk huwa marbut mill-qrib mal-proċessi kollha għar-ritorn lura għax-xogħol. Interventi terzjarji jinkludu trattament għal sintomi psikoloġiċi bħal eżawriment, dipressjoni jew ansjetà. Għandu jinkludi wkoll miżuri li jgħinu lill-impjegat jirritorna lura għax-xogħol b'mod sikur u f'waqtu. Normalment l-interventi terzjarji ma jsirux mill-atturi fuq il-post tax-xogħol, iżda permezz ta' trattament u riabilitazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Normalment dawn isiru minn xi tip ta' servizz tas-saħħa pubblika, għalkemm anke s-servizzi tas-saħħa privata għandhom rwol. F'xi pajjiżi s-servizzi tas-saħħa ġewwa l-impriża jistgħu jkunu involuti wkoll fit-trattament. Il-postijiet tax-xogħol jista' jkollhom rwol fl-organizzazzjoni u fil-kooperazzjoni ma' dawn is-servizzi — fil-fatt, jipprovdu jew jorganizzaw servizz ta' ġestjoni tad-diżabilità. Dan huwa speċjalment importanti fil-kuntest tal-irkupru u tar-ritorn lura għall-prattiki tax-xogħol.

It-tliet tipi kollha ta' interventi huma xierqa fil-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali. Il-leġiżlazzjoni dwar l-OSH tirrikjedi li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri preventivi fuq il-postijiet tax-xogħol. Instab li taħlita ta' interventi li tiżgura li jkun hemm diversi strateġiji fis-seħħ biex l-impatt tar-riskji psikosoċjali jiġi indirizzat fit-totalità tiegħu, taħdem tajjeb f'postijiet tax-xogħol differenti.

L-effikaċja ta' dawn l-interventi ma tiddependix biss fuq l-intervent innifsu, iżda wkoll fuq il-modi kif jiġu organizzati u l-kuntest li fihom iseħħu. Hawnhekk il-kwistjonijiet ewlenin jinkludu:

- **Il-parteċipazzjoni tal-impjegati** — fl-aħħar mill-aħħar l-interventi jaffettwaw l-aktar lill-impjegati u huma għandhom l-ogħla livell ta' għarfien dwar l-impjiegi tagħhom. Għalhekk l-involviment tal-impjegati fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fil-valutazzjoni tal-interventi għandu jtejjeb l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom.

- **Evalwazzjoni u l-valutazzjoni mill-ġdid tal-interventi** — id-disinn u l-implimentazzjoni tal-interventi relatati mas-saħħa mentali jeħtieġ li jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi ta' kull kuntest ta' post tax-xogħol. L-evalwazzjoni tal-interventi malli jseħħu u r-riorjentazzjoni tagħhom skont kif ikun meħtieġ għandhom jiżguraw interventi aktar effikaċi.

- **Etika** — meta jiġu trattati kwistjonijiet ta' saħħa mentali, l-etika hija ta' importanza speċjali. Bħala minimu, għandhom jittieħdu passi sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u li l-interventi jkunu mmirati b'mod ċar sabiex ikunu ta' benefiċċju għall-impjegati kif ukoll għal min iħaddem. Għandu jiġi ċċarat ukoll li l-impjegati mhumiex se jiġu negattivament affettwati minħabba parteċipazzjoni f'interventi relatati mas-saħħa mentali.

**Responsabbiltà kummerċjali** — it-twettiq ta' interventi mfassla u implimentati sew huwa konsistenti mal-aħjar prattika ta' responsabbiltà soċjali għall-impjegaturi.

## PRINĊIPJI TAL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

L-Istandard tar-Renju Unit dwar il-ġestjoni tar-riskju jispeċifika għadd ta' prinċipji li għandhom jiġu applikati fil-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali:

- Aħdem ma' gruppi definiti
- Iffoka fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u mhux fuq l-individwi
- Iffoka fuq kwistjonijiet kbar
- Ipprovdi evidenza tal-effetti tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq is-saħħa
- Uża kejl validu u affidabbli
- Ħares il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni
- Iffoka fuq it-tneħħija jew fuq it-tnaqqis tar-riskju
- Involvi l-impjegati

(Adattati minn BSI, 2011)

# 6. Linji gwida dwar il-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol

## Approċċ komuni

L-ittrattar ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol jinvolvi **tliet approċċi ewlenin**: is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol **(OSH)**, il-promozzjoni tas-saħħa mentali **(MHP)** fuq il-post tax-xogħol u r-riabilitazzjoni/ritorn lura għax-xogħol **(RTW)**, u dawn huma s-suġġett tal-gwida ppreżentata hawn taħt. Għalkemm ħafna drabi dawn it-tliet approċċi jiġu promossi separatament, l-aħjar prattika għandha tinkludi elementi mit-tlieta li huma sabiex jiġi żgurat l-akbar impatt.

Hemm xi differenzi bejn l-approċċi. L-OSH primarjament titratta l-kontroll ta' perikli okkupazzjonali u l-prevenzjoni ta' korriment jew ta' mard relatati max-xogħol. Min-naħa l-oħra l-MHP titratta l-kawżi kollha ta' riskju għas-saħħa mentali irrispettivament minn jekk dawn ikunux ġejjin mill-post tax-xogħol jew le. L-għan tal-RTW huwa li tiġi appoġġjata r-riabilitazzjoni tal-impjegat wara mard u sabiex jirritorna lura għax-xogħol b'mod sikur u f'waqtu. Jiffoka fuq żewġ elementi ewlenin — il-fornituri esterni tas-servizzi li jappoġġjaw ir-riabilitazzjoni u anke fuq il-proċess tar-ritorn lura għax-xogħol fl-organizzazzjoni li timpjegahom. Hemm ukoll differenza fil-bażi ġuridika tat-tliet approċċi. L-OSH hija imposta mil-leġiżlazzjoni u minn strumenti oħra filwaqt li ġeneralment l-approċċ tal-MHP huwa volontarju. Min-naħa l-oħra, l-RTW huwa parzjalment appoġġjat mil-leġiżlazzjoni, jew b'mod espliċitu jew b'mod impliċitu (eż. fil-każ ta' dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar it-tqabbil tax-xogħol mal-kapaċitajiet tal-individwu, u fejn min iħaddem għandu l-obbligu biex jiżgura l-RTW).

**Figura 4: Immaniġġjar integrat tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol**




Hemm ukoll ħafna similaritajiet (ara l-Figura 4). Il-metodi ta' approċċ integrat għall-ġestjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol jisiltu mill-OSH, mill-MHP u mill-RTW. It-tliet approċċi jistgħu jseħħu simultanjament

u huma komplementari għal xulxin — jindirizzaw aspetti differenti tal-kwistjonijiet imqajma mis-saħħa u l-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol.

Kwistjonijiet ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol jistgħu jiġu mmaniġġjati bl-użu ta' approċċ modifikat għall-valutazzjoni tar-riskju kif indikat fil-Figura 5 hawn isfel. It-tliet approċċi jistgħu jingħaqdu flimkien biex jipproduċu sett ta' riżultati komuni li huma ta' benefiċċju kemm għall-impjegatur kif ukoll għall-impjegat. Barra minn hekk, hemm sett ta' interventi u metodi li huma assoċjati ma' aktar minn approċċ wieħed minn dawn u f'xi każijiet it-tlieta li huma. Xi eżempji ta' dawn l-approċċi komuni huma mogħtija fil-Figura 5.

**Figura 5. Approċċ komuni għall-ġestjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol**



**It-tliet approċċi kollha għandhom fażi ta' ġbir ta' informazzjoni u ta' analiżi**. Hawnhekk il-metodi użati għandhom it-tendenza li jkunu speċifiċi għal kull approċċ — fil-każ tal-OSH jinvolvi l-identifikazzjoni tal-periklu u l-valutazzjoni tar-riskju (ara l-kapitolu preċedenti), fl-MHP jinvolvi valutazzjoni tal-ħtiġijiet, filwaqt li fl-RTW jinvolvi l-analiżi tad-dejta dwar l-immmaniġġjar tal-assenzi u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet. Barra minn hekk, it-tliet approċċi kollha għandhom attività ta' valutazzjoni tal-infrastruttura inkomuni, li tivvaluta l-għarfien, il-ħiliet u l-kapaċitajiet disponibbli biex jitwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

**It-tliet approċċi għandhom ukoll xi metodi u interventi inkomuni**, jiġifieri l-mezzi li permezz tagħhom jipproduċu l-eżiti intiżi tagħhom. Approċċi komuni jinkludu t-tibdil tal-ambjent fiżiku u psikosoċjali permezz tad-disinn aħjar tax-xogħol, il-promozzjoni ta' tibdil xieraq fil-kultura korporattiva, it-titjib tal-organizzazzjoni tax-xogħol eċċ.

Fl-aħħar nett, **l-eżiti ta' dawn it-tliet approċċi għandhom ħafna inkomuni.** Jinkludu t-tnaqqis tal-inċidenti u tal-mard, benesseri aħjar u saħħa aħjar għall-individwu. Mil-lat organizzattiv, jinkludu t-titjib fil-produttività, it-tnaqqis fl-assenteiżmu u ż-żamma ta' impjegati apprezzati u tas-sengħa.

Din il-komunalità bejn l-approċċi tfisser li jagħmel sens li jintużaw it-tliet strateġiji kollha fil-konfront tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, u dan huwa s-suġġett tal-gwida deskritta hawn taħt.

## Politika u infrastruttura

**Il-politika u l-infrastruttura** b'saħħithom **fuq il-post tax-xogħol huma fil-qalba tal-aħjar prattiki** fil-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Fil-prattika dan ifisser li l-postijiet tax-xogħol għandu jkollhom:

- Politika li tkun ċara, b'dispożizzjonijiet b'saħħithom, li tiġi kkomunikata tajjeb lill-impjegati kollha
- Baġit ċar għall-implimentazzjoni tal-politika
- Funzjoni speċifika (persuna jew persuni) li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika
- Persuna jew grupp imħarreġ sew bil-ħiliet meħtieġa biex jimplimenta l-politika
- Tmexxija soda u livelli għoljin ta' appoġġ lill-impjegati

L-elementi tal-politika u tal-infrastruttura għandhom ikunu sostnuti permezz ta' metodoloġija li tista' tintuża għall-implimentazzjoni tal-politika.

Il-politiki tal-post tax-xogħol jistgħu jkopru l-kwistjoni tas-saħħa mentali fi ħdan sottopolitiki speċifiċi li jittrattaw firxa ta' oqsma, iżda jista' jkun hemm ukoll dikjarazzjoni ġenerali ta' politika li tiffoka esklussivament fuq is-saħħa u l-benesseri mentali. Minħabba n-nuqqas relattiv ta' enfasi fuq kwistjonijiet ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, huwa essenzjali li l-impenn politiku jkun wieħed qawwi, kemm jekk ikun espress bħala politika unika jew bħala element ta' politiċi rilevanti oħra. Eżempju ta' dikjarazzjoni qawwija, ġenerali ta' politika mill-kumpanija tat-telekomunikazzjoni BT[44] qed tingħata fil-kaxxa hawn taħt.

Irrispettivament mill-mod kif tiġi ppreżentata, il-politika dwar is-saħħa u l-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol għandha tkopri l-oqsma li ġejjin:

- Is-saħħa u s-sigurtà
- Il-promozzjoni tas-saħħa
- Ir-riabilitazzjoni u r-ritorn lura għax-xogħol
- L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni

[44] Kilfedder, C. (2009). *Improving practice and policy*. www.mentalhealthpromotion.net/?i=promenpol.en.events.763 Litchfield, P. (2007). *At the forefront of wellbeing at work:* www.theguardian.com/society/2007/nov/14/mentalhealth6

## IL-POLITIKA DWAR IS-SAĦĦA U L-BENESSERI MENTALI FIL-KUMPANIJA BT

Il-kumpanija tat-telekomunikazzjoni BT għandha waħda mill-aktar politiki proattivi dwar is-saħħa mentali li ġiet dokumentata fis-snin riċenti. Għandha qafas ta' saħħa mentali fuq tliet livelli:

- Il-promozzjoni tal-benesseri tal-impjegati u l-prevenzjoni tat-tbatija — inklużi pariri fuq l-intranet tal-kumpanija u taħriġ tal-maniġment.
- L-identifikazzjoni tat-tbatija u l-interventi bikrin permezz ta' valutazzjoni elettronika tar-riskju tal-istress u t-taħriġ dwar ir-relazzjonijiet għall-maniġers
- Appoġġ u trattament għall-persuni li jkunu qed jesperjenzaw problemi ta' saħħa mentali

Bħala parti minn din il-politika, BT għandha rappreżentazzjoni fil-livell tal-Bord tal-kumpanija u trid tiġġustifika (f'termini ta' argument għall-vijabbiltà) l-azzjonijiet li jittieħdu. Sal-lum il-valutazzjonijiet jindikaw li l-politika mhux biss hija effettiva f'termini ta' saħħa, iżda hija wkoll ta' suċċess f'termini ta' kosteffettività.

### Il-politika dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

Fil-kuntest tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-politika dwar is-saħħa u l-benesseri mentali għandha tittratta:

- Is-sorsi ta' stress fuq ix-xogħol — l-identifikazzjoni u l-kontroll tagħhom
- Impenn lejn il-ġestjoni u l-prevenzjoni ta' perikli għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol
- Dikjarazzjoni dwar kif is-saħħa u l-benesseri mentali għandhom jiġu indirizzati permezz ta' identifikazzjoni tal-perikli, valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' kontroll
- Għandu jiġi speċifikat ir-rwol espliċitu tar-rapportar, eż. permezz ta' dikjarazzjonijiet dwar is-sigurtà, eżerċizzji ta' awditjar, eċċ.
- Il-kwalifiki u t-taħriġ meħtieġa tal-persunal involut
- Responsabbiltà u akkontabilità ċari għall-aspetti kollha tas-sistema tas-saħħa u tas-sigurtà
- Ir-relazzjonijiet bejn il-politika u s-sistema tas-saħħa u s-sigurtà u politiki rilevanti oħra, jiġifieri l-promozzjoni tas-saħħa, ir-riabilitazzjoni u r-ritorn lura għax-xogħol, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, il-ġestjoni tar-riżorsi umani

Il-politika dwar l-OSH għandha tkun konformi b'mod ċar mal-leġiżlazzjoni u ma' gwidi u standards oħra fil-qasam jew ma' ftehimiet settorjali li jistgħu japplikaw.

Eżempju riċenti ta' politika tajba dwar l-OSH fil-qasam hija pprovduta mill-kumpanija taż-żejt Norveġiża Statoil[45], li żviluppat approċċ komprensiv għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Din il-politika fiha għadd ta' elementi speċifiċi:

- Il-lokalizzazzjoni tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju psikosoċjali fi ħdan il-ġestjoni ġenerali tas-saħħa u s-sigurtà tal-kumpanija
- L-integrazzjoni fil-ġabra eżistenti ta' dokumentazzjoni dwar l-OSH
- L-iżvilupp u l-għoti ta' taħriġ għall-maniġers u għall-impjegati
- L-iżvilupp ta' sistema mfassla apposta ta' indikaturi ta' riskji psikosoċjali u ta' azzjonijiet ta' segwitu
- L-iżvilupp ta' għodda ta' verifika bħala parti mis-sistema ta' monitoraġġ tal-OSH

### Il-politika dwar il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol

Il-politika dwar il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol tittratta l-iżvilupp u l-ispeċifikazzjoni ta' approċċ għaż-żamma u għat-titjib tas-saħħa u l-benesseri mentali tal-impjegati li bħala ambjent tuża l-post tax-xogħol. Aspetti speċifiċi tal-politika dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol jinkludu:

[45] Bergh, L., Hinna, S. u Leka, S. (2014). *Sustainable Business Practice in a Norwegian Oil and Gas Company: Integrating Psychosocial Risk Management into the Company Management System. Fi: Contemporary Occupational Health Psychology: Global Perspectives on Research and Practice*, Volum 3, L-Ewwel Edizzjoni. Editjat minn S. Leka u R. Sinclair. John Wiley & Sons, Ltd.

- Il-politika għandha tkopri kemm kwistjonijiet okkupazzjonali kif ukoll kwistjonijiet relatati mas-saħħa u mal-benesseri mentali ġenerali. Għandha tiffoka mhux biss fuq l-individwu, iżda wkoll fuq l-ambjent tax-xogħol tiegħu. Għandha tittratta t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-individwu, pereżempju, permezz tat-titjib tal-ħiliet tiegħu biex jiffaċċja sitwazzjonijiet diffiċli.
- Il-politika għandha tkopri wkoll rabtiet mal-politika dwar is-saħħa u s-sigurtà. B'mod partikolari, għandha tkopri modi kif l-ambjent tax-xogħol jista' jwassal aktar għas-saħħa u l-benesseri mentali. Dan jista' jinkiseb permezz ta' diversi interventi fir-rigward tad-disinn tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol jew bidla kulturali.
- Il-politika għandha tinnomina persuni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika. Għandha tispeċifika l-għarfien u l-ħiliet li għandhom bżonn u l-attivitajiet li għandhom iwettqu.

### Politika dwar ir-riabilitazzjoni u r-ritorn lura għax-xogħol

L-għan ġenerali tal-politika ta' organizzazzjoni dwar l-RTW għal kwalunkwe kawża ta' assenza għandu jkun li jiġi żgurat li:

- Ikun hemm dikjarazzjoni ċara li r-ritorn bikri lura għax-xogħol huwa n-norma fi ħdan l-organizzazzjoni, u
- Ikun hemm l-infrastrutturi, il-ħiliet u l-prattiki meħtieġa fis-seħħ biex jintlaħaq dan l-għan

Il-politika għandha:

- Tiddikjara kif isseħħ il-medjazzjoni bejn il-ħaddiem assenti u l-organizzazzjoni
- Tiddikjara kif iseħħu l-monitoraġġ bikri, il-valutazzjoni u r-riferiment għal servizzi xierqa
- Tiddikjara l-mod kif l-impjegat jista' jkollu aċċess għal persuna li titkellem f'ismu mal-professjonisti mediċi, mas-superviżur jew mal-familja fejn ikun meħtieġ
- Tispeċifika d-dritt għal ritorn individwalizzat, personalizzat u flessibbli lura għax-xogħol għall-ħaddiem assenti
- Tiddikjara l-mod kif se tiġi vvalutata l-kapaċità tax-xogħol
- Tiddikjara l-mod kif għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjonijiet u aġġustamenti stabbli u individwalizzati xierqa
- Tispeċifika d-dritt għal miżuri għal ritorn gradwali lura għax-xogħol
- Tipprovdi għal sistema attiva ta' ġestjoni ta' każijiet għas-sorveljanza tal-proċess ta' riintegrazzjoni
- Tiddikjara l-mod kif se jiġu pprovduti l-opportunitajiet għall-ħaddiem assenti biex jibni l-kapaċità tiegħu permezz ta' attivitajiet ta' riabilitazzjoni u ta' taħriġ mill-ġdid fuq il-post tax-xogħol
- Tipprovdi għal opportunitajiet sabiex jiġi esplorat jekk il-persuna hijiex lesta għax-xogħol jew tinkisibx esperjenza f'pożizzjoni alternattiva, tranżizzjonali ta' xogħol
- Tipprovdi għall-użu ta' appoġġ tekniku u konsulenza
- Tippromwovi sensibilizzazzjoni dwar il-politika tal-RTW u ta' riabilitazzjoni fl-organizzazzjoni kollha

Dawn id-dispożizzjonijiet jirreferu għal politika ġenerali dwar l-RTW li tittratta kwalunkwe tip ta' mard jew korriment. Madankollu, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu inklużi li huma partikolarment rilevanti għas-saħħa u l-benesseri mentali. Dawn jinkludu:

- Il-ħtieġa għal sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati kollha fuq il-post tax-xogħol dwar is-saħħa u l-benesseri mentali
- Il-ħtieġa li tiġi miġġielda l-istigma u d-diskriminazzjoni meta titfaċċa din il-problema
- Id-disponibbiltà ta' persunal imħarreġ — ħafna mill-impjegati jew maniġers ma għandhomx l-għarfien u l-ħiliet biex jittrattaw kwistjonijiet ta' saħħa mentali u ta' RTW mingħajr taħriġ
- Il-ħtieġa li jitqiesu l-implikazzjonijiet differenti ta' mard mentali jew ta' problemi ta' saħħa mentali, pereżempju:
  - X'inhuma s-sintomi ta' tipi differenti ta' mard
  - X'inhuma l-aspettattivi raġonevoli fuq l-impjegati li jkunu qegħdin jirritornaw lura għax-xogħol?
- Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni — minħabba s-sensittivitajiet li japplikaw għal kwistjonijiet ta' saħħa mentali, il-politiki għandhom jiggarantixxu kunfidenzjalità meta din tkun meħtieġa

## INFRASTRUTTURA GĦALL-ĠESTJONI TAS-SAĦĦA MENTALI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Politika tajba mhijiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-aħjar prattika — hemm bżonn ukoll ta' infrastruttura xierqa. F'dan il-kuntest, infrastruttura tirreferi għal:

- Id-disponibbiltà ta' persunal b'responsabbiltajiet u akkontabilità ċari
- L-assenjar ta' ħin u baġit għall-ġestjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol
- Il-provvista ta' aċċess għal għarfien espert meta jkun meħtieġ
- L-iżgurar li l-persunal ikun adegwatament imħarreġ għar-rwoli tiegħu fis-sistema ta' ġestjoni tas-saħħa mentali
- L-iżgurar li jkun hemm struttura politika xierqa fi ħdan l-organizzazzjoni għall-ġestjoni tas-saħħa mentali

Xi eżempji tajbin ta' politika f'dan il-qasam huma mogħtija minn studju tal-HSE fir-Renju Unit. B'kollox, hemm 14-il studju ta' każijiet ta' politika. L-istudju kkonkluda li ma hemm l-ebda politika definittiva fil-qasam tal-RTW, u li ħafna drabi l-politika fil-qasam tinsab f'għadd ta' politiki bħall-OSH, politiki speċifiċi dwar l-istress, il-ġestjoni tal-assenteiżmu u oħrajn. Eżempju wieħed ta' tali politika ġie pprovdut mill-Kunsill tal-Kontea ta' Flintshire[46]:

**Politiki dwar ir-riabilitazzjoni u r-ritorn lura għax-xogħol — Il-Kunsill tal-Kontea ta' Flintshire (Ir-Renju Unit)**

- Rapportar ta' assenza mix-xogħol — L-impjegat jikkuntattja lis-superviżur/lill-maniġer direttament fuqu fl-ewwel siegħa tax-xift normali tax-xogħol
- Kuntatt mal-impjegat waqt l-assenza — Il-maniġers għandhom jippruvaw jibqgħu f'kuntatt regolari ma' impjegati li jkunu morda permezz tat-telefon, ittri u żjarat. L-ewwel kuntatt għandu jsir matul l-ewwel tliet ġimgħat tal-assenza.
- Tiġi stabbilita l-kawża tal-mard — Jekk iċ-ċertifikat mediku jindika stress, ansjetà jew dipressjoni, il-każ għandu jiġi riferut lill-OH.
- L-iżvilupp u l-qbil dwar pjan ta' riabilitazzjoni — l-OH u l-impjegat għandhom iqisu ritorn gradwali lura għax-xogħol, u dan għandu jiġi nnotifikat lill-maniġer direttament responsabbli għall-impjegat.
- Il-pjan tipiku ta' riabilitazzjoni — Ritorn gradwali lura għax-xogħol b'restrizzjonijiet tal-attivitajiet ta' xogħol u/jew tnaqqis fis-sigħat ta' xogħol, ġeneralment fuq perjodu ta' erba' ġimgħat.
- Monitoraġġ tar-riabilitazzjoni u tar-ritorn lura għax-xogħol — matul ir-raba' ġimgħa tal-programm l-OH jikkuntattja lill-impjegat sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda problema qabel ma l-impjegat imur lura għad-dmirijiet normali. Il-maniġer direttament responsabbli għall-impjegat huwa mistenni jimmonitorja r-ritorn lura għax-xogħol. Jekk ikun każ partikolarment diffiċli, jista' anke jkun hemm l-involviment tad-dipartiment tar-Riżorsi Umani.

## Ġbir u analiżi ta' informazzjoni

Ladarba jkunu ġew żviluppati politiki xierqa, tiġi implimentata l-prattika tal-ġestjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. L-**istadji inizjali tal-proċess jinvolvu l-ġbir ta' informazzjoni** biex jgħin biex tiġi karatterizzata kwalunkwe problema eżistenti. L-għan ġenerali huwa li jiġi investigat b'mod sistematiku t-theddid potenzjali għas-saħħa mentali, biex jiġu identifikati r-riskji involuti, biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-impjegati għal azzjoni u sabiex jiġu definiti l-ħtiġijiet għal azzjonijiet ta' riabilitazzjoni u ta' ritorn lura għax-xogħol.

Il-fokus tal-investigazzjonijiet u l-metodi li jistgħu jintużaw huma kemxejn differenti, iżda l-għan tagħhom huwa komuni — li tiġi vvalutata n-natura tal-problemi reali jew potenzjali u biex din id-dejta tiġi analizzata b'tali mod li jkun jista' jitwaqqaf pjan ta' intervent.

[46] Adattat minn: Thomson, L., Neathey, F. u Rick, J. (2003). *Best practice in rehabilitating employees following absence due to work-related stress.* http://www.hse.gov.uk/research/rrpdf/rr138.pdf

### Il-ġbir ta' informazzjoni dwar perikli psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol

Fil-każ ta' prattika dwar l-OSH, għal dan il-għan jintużaw it-tekniki ta' identifikazzjoni tal-perikli u valutazzjoni tar-riskju. Ġeneralment dawn jinvolvu xi forma ta' stħarriġ (jew diskussjoni mal-impjegati f'organizzazzjonijiet iżgħar) u jistgħu jkunu supplimentati b'opinjoni esperta. Għandu dejjem jiffoka fuq post tax-xogħol jew fuq popolazzjoni ta' impjegati speċifiċi u għandu jfittex li jkun hemm fehim dwar il-kawżi u l-konsegwenzi tal-perikli identifikati. Għandu jinkludi wkoll stima tal-ħsara marbuta mar-riskji sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati t-tip u l-prijorità ta' intervent li jista' jittieħed.

Fejn tinġabar informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa, għandhom jiġu applikati l-ogħla standards ta' kunfidenzjalità. L-identifikazzjoni tal-perikli ma tittrattax biss il-valutazzjoni tal-perikli psikosoċjali — għandhom ukoll jiġu kkunsidrati, identifikati u mmaniġġjati l-perikli fiżiċi, eż. ix-xogħol fejn jintużaw sustanzi perikolużi

L-informazzjoni dwar il-perikli li toħroġ minn dan il-proċess imbagħad tiġi soġġetta għal analiżi tar-riskju bl-użu ta' tekniki komunement disponibbli fil-każ ta' perikli fiżiċi. Għal analiżi tar-riskji psikosoċjali, jistgħu jiġu applikati l-metodi deskritti fi PRIMA-EF, l-Istandard Gwida tal-BSI dwar il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali u l-Istandard Kanadiż għas-Saħħa u s-Sigurtà Psikoloġika (għad-dettalji ara l-kapitolu preċedenti). Ladarba tkun saret l-analiżi tar-riskju, din l-informazzjoni għandha titqies flimkien mad-dejta disponibbli dwar inċidenti, assenzi, eċċ. Barra minn hekk, qabel ma wieħed jimxi għall-istadju li jmiss fil-proċess għandhom jitqiesu s-sistemi ta' ġestjoni u ta' appoġġ, u jiġu żviluppat pjan ta' azzjoni ta' interventi xierqa.

## IL-PRINĊIPJI TA' PREVENZJONI

Il-prinċipji ta' prevenzjoni kif japplikaw fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà huma magħrufa sew. Madankollu, bi ftit żidiet, dawn jistgħu jiġu applikati kemm għall-promozzjoni tas-saħħa mentali kif ukoll għall-ġestjoni tal-assenteiżmu. Dawn il-prinċipji jinkludu:

- Is-sodisfar tar-rekwiżiti legali
- L-atturi kollha fuq il-post tax-xogħol huma responsabbli għall-ġestjoni
- tas-saħħa mentali fuq ix-xogħol
- Il-parteċipazzjoni fil-ġestjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol hija dritt

Appoġġ mis-saffi kollha tal-organizzazzjoni għal inizjattivi dwar il-ġestjoni tas-saħħa mentali

### Il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-ħtiġijiet tal-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol

Il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-ħtiġijiet tal-promozzjoni tas-saħħa mentali **jiffoka kemm fuq ir-riskji oġġettivi għas-saħħa mentali kif ukoll fuq il-preferenzi tal-forza tax-xogħol** għal azzjoni. B'differenza mill-valutazzjoni tar-riskju, li ħafna drabi hija bbażata fuq miżuri u kriterji oġġettivi, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tas-saħħa għandha t-tendenza li tkun iffokata fuq l-utenti u appoġġjata mill-esperti. Din l-enfasi fuq il-parteċipazzjoni tal-utenti fl-ispeċifikazzjoni tal-ħtiġijiet u tal-interventi tqum minħabba n-natura volontarja tal-MHP kif ukoll minħabba li hija l-aħjar prattika biex tiġi żgurata parteċipazzjoni fi kwalunkwe intervent li jsir.

Hemm firxa ta' għodod li jistgħu jintużaw biex tinġabar informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għas-saħħa mentali — l-aktar komuni huma l-kwestjonarji, iżda huwa komuni wkoll li jintużaw metodi ta' intervisti ta' gruppi, speċjalment fejn l-għadd ta' impjegati f'organizzazzjoni jkun wieħed żgħir. Aktar informazzjoni dwar l-għodod li jistgħu jintużaw tista' tinsab fuq is-siti web tal-ENWHP[47] u tal-ProMenPol. Barra minn hekk, is-siti web tal-PRIMA-EF[48] u tal-EU-OSHA għandhom ukoll għodod utli għall-ġbir ta' informazzjoni.

[47] http://www.enwhp.org/; http://www.mentalhealthpromotion.net/
[48] http://www.prima-ef.org/index.html; https://osha.europa.eu/mt

### Il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-ħtiġijiet għal ritorn lura għax-xogħol fuq il-post tax-xogħol

Il-ġbir ta' informazzjoni għall-fini tal-proċessi tal-RTW jinvolvi valutazzjoni tal-livelli ta' assenteiżmu relatat mas-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Informazzjoni speċifika li għandha tinġabar tinkludi:

- Ir-rata ta' assenteiżmu relatat mas-saħħa
- L-għadd ta' perjodi ta' assenteiżmu
- It-tul tal-assenza
- Ir-raġunijiet għall-assenza (relatata mas-saħħa jew għal raġunijiet oħra)
- Il-kuntatti li jkunu saru
- L-interventi li jkunu saru
- L-eżiti tal-interventi
- Il-proporzjon tal-forza tax-xogħol mingħajr assenteiżmu
- Kuntatti mas-servizzi tas-saħħa
- Tqassim tad-dejta dwar l-assenteiżmu skont parametri organizzazzjonali u individwali bħad-dipartiment, it-tip ta' xift, it-tip ta' ambjent tax-xogħol, il-grad, l-età, eċċ.

Imbagħad din id-dejta u dejta oħra tista' tintuża biex tinbena stampa tax-xejriet ta' assenza fi ħdan organizzazzjoni. Din tista' tintuża biex jitfasslu interventi xierqa biex l-assenzi jiġu ġestiti b'mod aktar effikaċi.

Għal approċċ biex jiġi stabbilit l-istatus tal-prattika tal-RTW fi ħdan organizzazzjoni, l-organizzazzjoni Kanadiża NIDMAR[49] tipprovdi għodda dettaljata ta' awditjar għad-deskrizzjoni tal-politika u tal-prattika ta' organizzazzjoni. Verżjoni simplifikata ta' din hija disponibbli fuq is-sit web tal-proġett Re-Integrate[50].

## INTERVENTI TA' MHP

It-tfassil ta' interventi għall-promozzjoni tas-saħħa mentali kien is-suġġett ta' proġett kbir tal-UE msejjaħ MHP Handbooks (il-Manwali dwar l-MHP). Dan il-proġett reċentement ipproduċa manwal b'informazzjoni u bi struzzjonijiet għat-tfassil u għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Dawn jinkludu attivitajiet fl-oqsma ewlenin tat-tmexxija, tal-komunikazzjoni u tal-istress.

Il-proġett jadotta proċess abbażi ta' proġett li jista' faċilment jiġi integrat fl-istadji komuni tal-approċċi aktar tradizzjonali ta' valutazzjoni tar-riskju.

Il-manwal dwar il-post tax-xogħol jinkludi eżerċizzji dwar awtovalutazzjoni għall-istress, ċrieki ta' promozzjoni tas-saħħa, l-immaniġġjar ta' tim u ħafna oħrajn.

Il-manwal huwa disponibbli fuq:
http://www.mentalhealthpromotion.net/?i=handbook.en.e-handbooks-old

## It-tfassil ta' interventi

Il-fażi tal-ġbir ta' informazzjoni hija segwita minn fażi ta' attività li fiha jsiru t-**tfassil u l-implimentazzjoni tal-interventi**. Hemm differenzi bejn it-tipi ta' interventi li tipikament jiġu mfassla fit-tliet approċċi għall-ġestjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Dan huwa minħabba li huma mfassla biex jilħqu objettivi differenti, iżda minkejja dawn id-differenzi, hemm ħafna metodi li għandhom effetti f'aktar minn qasam wieħed.

Pereżempju, it-titjib tad-disinn tax-xogħol permezz tat-tnaqqis tal-eżiġenzi tax-xogħol mhux biss inaqqas ir-riskju psikosoċjali, iżda jippromwovi wkoll is-saħħa mentali. Bl-istess mod, il-promozzjoni tas-saħħa mentali permezz tat-titjib tal-ħiliet ġenerali tal-impjegat biex jiffaċċja sitwazzjonijiet diffiċli, ser taffettwa l-mod kif

[49] https://www.nidmar.ca/index.asp
[50] http://www.re-integrate.eu/

l-individwu jittratta fatturi speċifiċi li jikkawżaw l-istress relatat max-xogħol u l-monitoraġġ tal-eżiġenzi tax-xogħol fuq impjegat li jkun għadu kemm daħal lura għax-xogħol, jista' jkollu benefiċċji f'termini ta' tnaqqis tal-istress.

Filwaqt li l-promozzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà u l-promozzjoni tas-saħħa mentali għandhom elementi komuni kif jittrattaw l-interventi, l-interventi ta' riabilitazzjoni u ta' ritorn lura għax-xogħol għandhom ċerti differenzi sinifikanti minn dawn iż-żewġ approċċi. L-aktar differenza sinifikanti tittratta l-approċċ ta' mmaniġġjar ta' każijiet — dan huwa fejn individwu responsabbli jimmaniġġja b'mod proattiv il-każ tal-persuna li tkun qed tirritorna lura għax-xogħol. Jinvolvi kollaborazzjoni ma' aġenti esterni għall-organizzazzjoni bħas-servizzi tas-saħħa, is-servizzi ta' riabilitazzjoni, l-assiguraturi soċjali, l-aġenziji ta' taħriġ u oħrajn, kif ukoll atturi fi ħdan l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, bħall-OSH, l-HR u l-maniġment direttament responsabbli għall-impjegati bil-għan li jiġi żgurat ritorn sigur u f'waqtu għax-xogħol.

B'differenza miż-żewġ approċċi l-oħra, il-prattika tal-RTW ġeneralment tiffoka fuq il-każ individwali u dan iwassal għal attivitajiet bħall-valutazzjoni tal-kapaċità individwali u l-valutazzjoni tal-eżiġenzi ta' impjiegi individwali sabiex il-persuna li tkun qed tirritorna lura għax-xogħol tkun tista' tagħmel dan b'mod sigur.

Għandu jiġi nnotat li l-fokus ta' ħafna mill-interventi li jsiru taħt it-tliet approċċi mhuwiex esklussivament orjentat lejn is-saħħa. Pereżempju, id-disinjar ta' makkinarju biex tiġi massimizzata l-effiċjenza jista' jimmassimizza wkoll is-sigurtà; it-titjib fl-appoġġ soċjali fuq il-post tax-xogħol bħala miżura ta' promozzjoni tas-saħħa mentali se jtejjeb ukoll il-komunikazzjoni fuq il-post tax-xogħol dwar kwistjonijiet operattivi; u t-titjib tad-disinn tal-istazzjon tax-xogħol bħala miżura għar-ritorn lura għax-xogħol se jtejjeb ukoll is-sigurtà.

Il-proġett riċenti tal-ENWHP 'Work in Tune with life' ippubblika sett ta' studji ta' każijiet dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali minn mal-Ewropa kollha[51]. Ipproduċa wkoll studji ta' każijiet dwar ir-ritorn lura għax-xogħol.

## Eżiti komuni

L-interventi varji tat-tliet approċċi kollha jimmiraw lejn iż-żamma u t-titjib tas-saħħa u tas-sigurtà. Madankollu, il-benefiċċji miksuba minn dawn l-interventi mhumiex limitati għall-isfera tas-saħħa — il-benefiċċji jidhru wkoll fir-rigward tal-effiċjenza, il-produttività, l-effikaċja, iż-żamma ta' impjegati ta' valur u indikaturi sinifikanti oħra tal-prestazzjoni ta' organizzazzjoni. Il-benefiċċji jirriżultaw ukoll barra mill-organizzazzjoni f'termini ta' spejjeż imnaqqsa għas-servizzi tas-saħħa u għall-assiguraturi soċjali.

Il-benefiċċji għal impjegatur huma potenzjalment pjuttost sinifikanti. Jista' jkun hemm titjib fl-assenteiżmu — il-fokus fuq l-assenteiżmu relatat mas-saħħa mentali jista' jwassal għal tnaqqis kbir fil-jiem globali mitlufa. Il-moral tal-forza tax-xogħol jista' jitjieb u jwassal għal titjib sostnut fil-produttività u fil-produzzjoni. Madankollu, it-twettiq ta' interventi relatati mas-saħħa mentali ma għandux ikun biss kwistjoni tal-kalkolu tal-benefiċċji, iżda għandu jkun xprunat ukoll mir-responsabbiltajiet akbar ta' min iħaddem lejn is-soċjetà fejn huwa u l-impjegati tiegħu joperaw u jgħixu.

Dawn l-eżiti għandhom jiġu mmonitorjati — sistema integrata ta' ġestjoni tas-saħħa mentali għandha tiġbor dejta dwar dawn id-dimensjonijiet f'intervalli regolari. B'hekk, tista' tinżamm u titjieb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema filwaqt li jiġi żgurat li tinżamm u titjieb is-saħħa mentali. Bl-adozzjoni ta' dan l-approċċ sistematiku u integrat, it-tagħlim organizzazzjonali jista' jiġi ffaċilitat b'mod strutturat u effikaċi — il-politiki, is-sistemi u l-persuni jistgħu mhux biss jibbenefikaw mill-esperjenza tat-twettiq ta' attivitajiet relatati mas-saħħa mentali, iżda anke mill-monitoraġġ tal-proċess u mill-kejl tal-proċess u tar-riżultati tiegħu.

[51] http://www.healthscotland.com/uploads/documents/15747-WorkInTuneEmployersAppendix.pdf

## X'inhuma l-obbligi ta' min iħaddem?

### Min iħaddem u l-ġestjoni tar-riskju

Id-Direttiva Qafas u d-Direttivi relatati jistabbilixxu b'mod ċar ir-responsabbiltà ta' min iħaddem fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' saħħa u ta' sigurtà, u dan japplika għall-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali u għall-prevenzjoni ta' ħsara għas-saħħa u għall-benesseri mentali. Hemm ħafna modi ta' kif jistgħu jiġu organizzati dawn ir-responsabbiltajiet, iżda l-passi li għandhom jiġu segwiti fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskju huma:

1. L-identifikazzjoni tal-perikli u l-valutazzjoni tar-riskju
2. L-ippjanar għal azzjoni
3. L-implimentazzjoni tat-tnaqqis tar-riskju
4. Il-valutazzjoni u r-reviżjoni
5. It-tagħlim u l-iżvilupp organizzazzjonali

Filwaqt li l-prattika tal-OSH għandha bażi ġuridika soda, ġeneralment dik tal-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol (WHP) hija waħda dgħajfa. Il-Ġermanja, pereżempju, tpoġġi obbligu legali fuq l-organizzazzjonijiet tal-assigurazzjoni tas-saħħa biex jinvolvu ruħhom fid-WHP (inkluż l-MHP), iżda dan l-arranġament mhuwiex komuni fl-Ewropa. Bħala riżultat, l-impjegaturi li jwettqu l-MHP jagħmlu dan fuq bażi volontarja.

Barra minn hekk il-prattika tal-RTW ġeneralment ma tkunx direttament leġiżlata[52], għalkemm tista' tkun is-suġġett ta' approċċi mhux vinkolanti bħal ftehimiet bejn is-sħab soċjali. Madankollu, fil-leġiżlazzjoni dwar l-OSH hemm dispożizzjonijiet li jirriżultaw direttament mid-Direttiva Qafas li indirettament huma rilevanti għall-proċess tal-RTW. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet li jittrattaw id-dover ta' kura, it-tqabbil tax-xogħol mal-abilitajiet u mal-kapaċitajiet tal-ħaddiem u oħrajn jaffettwaw l-interventi meħtieġa sabiex ħaddiem ikun jista' jirritorna lura x-xogħol b'mod sikur wara li jkun għadda minn marda. Hawnhekk xi prinċipji importanti huma l-evitar tar-riskji, il-ġlieda kontra r-riskji fis-sors, u l-adattament tax-xogħol għall-individwu.

### Ir-rwol tal-impjegati

Anke l-impjegati għandhom rwol fir-rigward tal-kwistjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Skont il-leġiżlazzjoni tal-OSH, għandhom drittijiet speċifiċi bħal dawk li jittrattaw id-drittijiet għall-informazzjoni dwar il-perikli fuq il-post tax-xogħol u d-dritt li jiġu kkonsultati dwar il-perikli fuq il-post tax-xogħol u dwar l-aspetti kollha ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol.

Anke l-impjegati għandhom l-obbligi skont il-leġiżlazzjoni tal-OSH. Dawn jinkludu l-obbligu li jieħdu ħsieb saħħithom, l-obbligu li jinformaw lil min iħaddem dwar il-perikli fuq il-post tax-xogħol u l-obbligu li jikkooperaw ma' inizjattivi ta' saħħa u ta' sigurtà.

Is-sitwazzjoni hija differenti fir-rigward tal-MHP fuq il-post tax-xogħol (fir-rigward ta' kwistjonijiet mhux okkupazzjonali), peress li ma hemm l-ebda obbligi jew drittijiet leġiżlattivi. Madankollu, ir-rekwiżiti tal-aħjar prattika jeżiġu l-involviment estensiv tal-impjegati fl-inizjattivi tal-MHP. Sabiex dawn l-inizjattivi jkunu effettivi, l-involviment tal-impjegati huwa essenzjali peress li mhuwiex possibbli li l-impjegati jiġu obbligati jipparteċipaw jew jikkooperaw ma' inizjattivi tal-MHP kontra r-rieda tagħhom.

L-aħjar prattika tindika li l-involviment tal-impjegati fl-MHP fuq ix-xogħol għandu jibda fl-istadju tat-tfassil ta' politiki u ta' interventi, għandu jestendi għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u tal-preferenzi għal interventi u li għandu jinkludi wkoll attivitajiet ta' implimentazzjoni u ta' evalwazzjoni.

Fil-proċess tal-RTW l-impjegati ġeneralment ikollhom ċerti drittijiet u obbligi li huma direttament leġiżlati, għalkemm jistgħu ma jkunux kunċettwalizzati bħala tali. Pereżempju, normalment il-benefiċċji soċjali għal assenza minħabba mard huma soġġetti għal xi tip ta' monitoraġġ u valutazzjoni, u dan jista'

[52] Pajjiżi bħan-Netherlands huma eċċezzjoni — hawnhekk il-proċessi li jridu jseħħu wara assenza minħabba raġunijiet ta' saħħa huma speċifikati u huma sostnuti minn miżuri finanzjarji.

jwassal għall-promozzjoni tar-ritorn tal-individwu lura għax-xogħol. Bl-istess mod, il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni toffri d-dritt li ma ssirx diskriminazzjoni abbażi ta' saħħa.

Madankollu, fuq il-post tax-xogħol, l-impjegat huwa soġġett ukoll għad-dispożizzjonijiet tal-politika jew tal-użanzi jew tal-prattika fuq il-livell tal-post tax-xogħol. Normalment dawn il-politiki (ġeneralment il-politiki dwar il-ġestjoni ta' assenzi) jispeċifikaw ir-relazzjonijiet u r-rekwiżiti ta' rapportar, it-tipi ta' attivitajiet li għandhom ikunu involuti fihom kemm min iħaddem kif ukoll l-impjegat u l-arranġamenti finanzjarji li jistgħu japplikaw. L-aħjar prattika fil-qasam tindika li r-rappreżentanti tal-impjegati jkunu involuti fit-tfassil u fil-monitoraġġ tal-politiki tal-postijiet tax-xogħol fil-qasam.

# 7. Gwida eżistenti

Hemm ħafna linji gwida eżistenti fil-qasam tas-saħħa mentali u tax-xogħol. Ġeneralment dawn joriġinaw mit-tliet approċċi rilevanti għall-ġestjoni ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol — Is-Saħħa u s-Sigurtà, Il-Promozzjoni tas-Saħħa Mentali u r-Ritorn Lura għax-Xogħol u d-deskrizzjonijiet fil-qosor ta' dawn il-gwidi li huma ppreżentati hawn taħt huma organizzati taħt dawn it-tliet intestaturi.

Il-gwidi nfushom ivarjaw f'termini tal-oriġini tagħhom, l-istatus tagħhom, l-għanijiet tagħhom u l-gruppi fil-mira tagħhom. L-Aġenziji Transnazzjonali u Nazzjonali kienu attivi fil-qasam, u dawn il-linji gwida ta' spiss iġorru piż konsiderevoli f'termini tal-implikazzjonijiet tagħhom għall-prattika. Hemm it-tendenza li dawn il-gwidi jkunu mmirati lejn min iħaddem u ġeneralment ikunu stabbiliti f'termini ta' livell għoli, ħafna drabi jiddeskrivu r-responsabbiltajiet legali u l-prinċipji tal-approċċ, pjuttost milli jipprovdu gwida għall-implimentazzjoni tal-aħjar prattika.

Il-linji gwida dwar l-aħjar prattika għandhom it-tendenza li jkunu kemxejn differenti fl-enfasi tagħhom — fejn jipprovdu gwida dwar il-proċeduri li għandhom jiġi segwiti waqt l-implimentazzjoni. Ħafna drabi dawn il-gwidi huma appoġġjati minn studji ta' każijiet tal-aħjar prattiki u minn għodod ta' implimentazzjoni. Għandhom it-tendenza li jkunu ġew żviluppati fi ħdan proġetti speċifiċi, ħafna drabi ffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea.

Din il-ħarsa ġenerali tal-gwida disponibbli mhijiex eżawrjenti iżda prinċipalment tisħaq fuq siti web li joffru punt ta' tluq tajjeb fit-tiftix għal gwida prattika.

## Gwida dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali

### In-Netwerk Ewropew għall-Promozzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ENWHP) — Ix-xogħol f'armonija mal-ħajja

In-Netwerk Ewropew għall-Promozzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ENWHP) beda inizjattiva biex jgħin biex tiġi promossa s-saħħa mentali fuq il-postijiet tax-xogħol. Il-kampanja kienet kofinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea fi ħdan il-Programm ta' Saħħa Pubblika 2003–2008.

Fil-qafas tal-kampanja ġew żviluppati tliet gwidi:

- Il-gwida għall-ġustifikazzjoni kummerċjali għas-saħħa mentali — Dan il-fuljett huwa ddisinjat biex jgħin lill-partijiet korporattivi jiksbu aktar għarfien dwar l-aspett ekonomiku ta' kwistjonijiet psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol (l-istress, il-vjolenza, il-fastidju, l-eżawriment, eċċ.).
- Gwida għall-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol — Riżorsi għal Min Iħaddem
- Gwida għall-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol li jippromwovu saħħa mentali tajba — Riżorsi għall-Impjegati

http://www.enwhp.org/enwhp-initiatives/8th-initiative-work-in-tune-with-life.html

### Il-politika u l-prattika tal-promozzjoni tas-saħħa mentali — ProMenPol:

L-għan tas-sit web tal-proġett ProMenPol huwa li jappoġġja l-prattiki u l-politiki tal-promozzjoni tas-saħħa mentali matul il-perjodu 2006-2009 fi tliet ambjenti: fl-iskejjel, fuq il-postijiet tax-xogħol u fid-djar tal-anzjani. Is-sit web jipprovdi manwal bi strumenti prattiċi.

Il-manwal tal-ProMenPol huwa magħmul minn erba' manwali interrelatati dwar l-implimentazzjoni tal-promozzjoni tas-saħħa mentali.

- Manwal Ġeneriku dwar l-Implimentazzjoni tal-MHP
- Manwal għall-Implimentazzjoni tal-MHP fl-Iskejjel
- Manwal għall-Implimentazzjoni tal-MHP fuq il-Postijiet tax-Xogħol
- Manwal għall-Implimentazzjoni tal-MHP fid-Djar tal-Anzjani

Magna tat-tiftix tippermetti l-għażla ta' għodod dwar kriterji bħal-lingwa, l-ambjent, it-tip ta' għodda, l-għan tal-għodda, u karatteristiċi oħra.

http://www.mentalhealthpromotion.net/

### Manwali għall-Promozzjoni tas-Saħħa Mentali

Is-sit web tal-Manwal tal-MHP jagħti aċċess għal manwali ta' implimentazzjoni għall-promozzjoni tas-saħħa mentali fi tliet ambjenti:

- Fl-iskejjel
- Fuq il-postijiet tax-xogħol
- Fid-djar tal-anzjani

Il-manwali jistgħu jintużaw għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet tal-MHP f'dawn l-ambjenti. Kull manwal għandu informazzjoni dettaljata dwar l-MHP assoċjata mal-ambjent, eżerċizzji utli u interventi rakkomandati.

http://www.mentalhealthpromotion.net/?i=handbook.en.about

## Gwida dwar is-saħħa u s-sigurtà

### L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) nediet kampanja Ewropea ta' sentejn: "Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa (2014-2015)". L-għan tal-kampanja huwa li titrawwem sensibilizzazzjoni dwar il-problema dejjem tikber tal-istress relatat max-xogħol u r-riskji psikosoċjali u t-titjib tal-ħiliet prattiċi biex dawn jiġu evitati u ġestiti b'suċċess fuq il-postijiet tax-xogħol Ewropej. Is-sit web tal-kampanja jippreżenta firxa ta' għodod u riżorsi. Jinkludi ġabra ta' links għal għodod nazzjonali https://www.healthy-workplaces.eu/mt/tools-and-resources/practical-tools. Barra minn hekk gwida elettronika tagħti introduzzjoni qasira u prattika għall-impjegaturi ta' kumpaniji żgħar dwar kif għandhom jittrattaw ir-riskji psikosoċjali[53].

Il-promozzjoni tas-saħħa mentali u l-benesseri huma koperti wkoll f'żewġ rapporti addizzjonali[54], wieħed li jiffoka fuq eżempji tal-aħjar prattiki u l-ieħor fuq l-approċċi politiċi.

### Health and Safety Executive, (Ir-Renju Unit): Standards ta' ġestjoni għall-istress relatat max-xogħol

Is-sit web tal-Health and Safety Executive (Ir-Renju Unit) joffri appoġġ għat-twaqqif ta' sistema ta' mmaniġġjar biex jiġi indirizzat l-istress relatat max-xogħol billi joffri Standards ta' Ġestjoni. L-Istandards ta' Ġestjoni jiddefinixxu l-karatteristiċi, jew il-kultura, ta' organizzazzjoni fejn ir-riskji minn stress relatat max-xogħol ikunu qegħdin jiġu ġestiti u kkontrollati b'mod effettiv.

L-Istandards ta' Ġestjoni jkopru sitt oqsma ewlenin tat-tfassil tax-xogħol li, jekk ma jiġux ġestiti kif suppost, huma assoċjati ma' mard u nuqqas ta' benesseri, produttività aktar baxxa u żieda fl-assenzi minħabba mard (is-sorsi primarji ta' stress fuq ix-xogħol).

L-Istandards ta' Ġestjoni jippermettu li ssir valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali permezz ta' stħarriġ u ta' tekniki oħra; u jgħinu lil impjegatur iħaddem jiffoka fuq il-kawżi sottostanti u l-prevenzjoni tagħhom.

http://www.hse.gov.uk/stress/standards/index.htm

[53] https://osha.europa.eu/mt/tools-and-publications/e-guide-managing-stress-and-psychosocial-risks
[54] https://osha.europa.eu/en/tools-and-publications/publications/reports/mental-health-promotion-workplace_TEWE11004ENN/view

**L-inizjattiva PRIMA-EF (l-Unjoni Ewropea)**

Din l-inizjattiva ffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea ħolqot qafas għall-immaniġġjar tar-riskji psikosoċjali fuq il-postijiet tax-xogħol Ewropej. Bniet fuq firxa wiesgħa ta' approċċi dwar il-kwistjoni li jeżistu madwar l-Ewropa u lil hinn u minflok ma tipproponi metodu uniku għall-valutazzjoni tar-riskji psikosoċjali, tipproponi qafas għall-valutazzjoni ta' dawn ir-riskji li jista' jiġi adattat għal firxa ta' sitwazzjonijiet.

Tipprovdi gwida u aċċess għal għodod prattiċi għall-valutazzjoni tar-riskji psikosoċjali u tipprovdi wkoll il-bażi tar-riċerka u tal-politika għall-qafas.

http://www.prima-ef.org/prima-ef-book.html

**British Standards Institute (2011). Gwida dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Psikosoċjali fuq il-Post tax-Xogħol (Ir-Renju Unit)**

Dawn l-istandards innovattivi jipprovdu approċċ għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Tinkludi informazzjoni dwar il-politika, u l-prinċipji ewlenin, gwida dwar it-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskji u dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u r-reviżjoni tal-ġestjoni tal-proċess.

http://shop.bsigroup.com/en/ProductDetail/?pid=000000000030213276

**Standards Council of Canada — Is-saħħa u s-sigurtà psikoloġika fuq il-post tax-xogħol: Prevenzjoni, promozzjoni u gwida għal implimentazzjoni fi stadji**

Dan l-istandard żviluppat reċentement joffri approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-istress psikoloġiku malli jitfaċċa fuq il-post tax-xogħol. Jiddeskrivi l-prinċipji tal-approċċ, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-perikli, u jindika modi ta' mmaniġġjar ta' wħud mis-sorsi prinċipali ta' stress okkupazzjonali. Jipprovdi wkoll appoġġ għall-implimentazzjoni f'termini ta' riżorsi, mudelli ta' implimentazzjoni, għodod ta' verifika u dokumenti relatati.

http://shop.csa.ca/en/canada/occupational-health-and-safety-management/cancsa-z1003-13bnq-9700-8032013/invt/z10032013

## Gwida għar-ritorn lura għax-xogħol

**SHIFT: Line Managers resource — A practical guide to managing and supporting people with mental health problems in the workplace (Riżorsi għal-Line Maniġers — Gwida prattika għall-ġestjoni u għall-appoġġ ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol).**

Dan il-manwal, żviluppat mid-Dipartiment tas-Saħħa fir-Renju Unit, jipprovdi gwida għal-line maniġers dwar kif jippromwovu l-benesseri, jimmaniġġjaw ir-reklutaġġ, jintervjenu fi stadju bikri ta' assenza, jimmaniġġjaw il-proċess tar-ritorn lura għax-xogħol u jimmaniġġjaw mard fit-tul fuq ix-xogħol.

Il-gwida ġiet approvata wkoll mill-Health and Safety Executive u mid-Dipartiment tax-Xogħol u l-Pensjonijiet fir-Renju Unit.

http://www.hse.gov.uk/stress/pdfs/manage-mental-health.pdf

**Health and Safety Executive (Ir-Renju Unit). Best practice in rehabilitating employees following absence due to work-related stress (L-aħjar prattika fir-riabilitazzjoni ta' impjegati wara assenza minħabba stress relatat max-xogħol)**

Dan ir-rapport fih żewġ għodod utli fir-rigward tal-immaniġġjar tar-riabilitazzjoni u tar-ritorn lura għax-xogħol ta' impjegati bi problemi ta' saħħa mentali. Huwa rapport ta' riċerka u l-ewwel parti tiddeskrivi l-proċessi li huma effettivi f'termini tal-immaniġġjar tal-proċess ta' riabilitazzjoni u ta' ritorn lura għax-xogħol. It-tieni parti tiddeskrivi l-proċess tal-RTW f'seba' studji dwar każijiet ta' organizzazzjonijiet fir-Renju Unit. Din il-bażi

tar-riċerka għar-rapport tiżgura li fih ħafna ideat prattiċi u pariri dwar kif l-aħjar mod kif jiġi organizzat l-RTW għall-impjegati bi problemi ta' saħħa mentali.

http://www.hse.gov.uk/research/rrpdf/rr138.pdf

**IRSST (Il-Kanada). Supporting a Return to Work after an Absence for a Mental Health Problem: Design, Implementation, and Evaluation of an Integrated Practices Program (Appoġġ għal Ritorn Lura għax-Xogħol wara Assenza minħabba Problema ta' Saħħa Mentali: It-Tfassil, l-Implimentazzjoni, u l-Valutazzjoni ta' Programm ta' Prattiki Integrati)**

Dan ir-rapport jittratta d-disinn, l-implimentazzjoni, u l-valutazzjoni ta' programm ta' prattiki integrati għall-appoġġ ta' ritorn lura għax-xogħol wara assenza minħabba problema tas-saħħa mentali. Il-proġett ta' riċerka sar bi tweġiba għal talba konġunta minn impjegati/impjegaturi ta' stabbiliment tas-servizzi soċjali u tas-saħħa fi Québec, il-Kanada, għal intervent fir-rigward tal-problema ta' saħħa mentali — assenzi relatati max-xogħol fost il-persunal tiegħu u r-ritorn lura tagħhom għax-xogħol. Huwa gwida prattika li tispjega kemm l-istrateġiji ta' appoġġ għall-individwi kif ukoll it-tibdil organizzazzjonali li jista' jsir. Il-gwida hija maħsuba għad-diriġenti u għall-maniġers ta' kumpaniji, għad-dipartimenti tar-riżorsi umani, u għall-unions li jittrattaw is-saħħa tal-ħaddiema u ż-żamma tal-impjiegi, iżda wkoll għall-prattikanti fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari t-tobba, il-professjonisti tas-saħħa okkupazzjonali, il-psikologi ta' kumpaniji, u l-konsulenti ta' riabilitazzjoni.

http://www.irsst.qc.ca/media/documents/PubIRSST/R-823.pdf

# 8. Studji nazzjonali ta' każijiet ta' politiki li jappoġġjaw is-Saħħa Mentali fuq il-post tax-xogħol

Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' politika turi li jeżistu diversi alternattivi ta' politika għall-appoġġ tal-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Politiki regolatorji jew volontarji jobbligaw u/jew jimmotivaw lill-postijiet tax-xogħol biex iwaqqfu strateġiji ta' prevenzjoni u ta' promozzjoni biex jiġu indirizzati l-problemi ta' saħħa mentali.

Il-ħarsa ġenerali tal-istudji tal-każijiet hawn taħt tipprovdi għarfien dwar il-firxa ta' politiki eżistenti. Ħafna mill-istudji ta' każijiet huma politiki volontarji.

L-istudji tal-każijiet ippreżentati huma:

- Leġiżlazzjoni,
- Standards ta' ġestjoni,
- Strateġiji nazzjonali,
- Inizjattiva tal-ispettorat,
- Inizjattiva settorjali,
- Ftehim bejn l-imsieħba soċjali,
- Inizjattiva-kampanja minn organizzazzjonijiet tas-sigurtà soċjali
- Lista ta' mard relatat max-xogħol.

## Il-Belġju: Il-prevenzjoni ta' tagħbija psikosoċjali kkawżata mix-xogħol

| | |
|---|---|
| **Żviluppat minn** | Is-Servizz Pubbliku Federali għall-Impjiegi, ix-Xogħol u d-Djalogu Soċjali |
| **Tip** | Strumenti legali |
| **Fokus, għan u objettivi** | Dan id-digriet ittieħed b'eżekuzzjoni tal-liġi tal-4 ta' Awwissu 1996 li tiddefinixxi f'termini ġenerali l-obbligi ta' impjegatur relatati mas-sigurtà u mas-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Jiffinalizza l-obbligi inklużi fil-liġi dwar il-benesseri u d-digriet irjali tas-27 ta' Marzu 1998 dwar il-benesseri tal-ħaddiema waqt l-eżekuzzjoni tal-politika tagħhom tal-kumpanija tax-xogħol f'termini ta' prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali.<br><br>B'mod partikolari, jispeċifika r-rwol u l-ħiliet personali tal-"konsulent kunfidenzjali", membru tal-persunal maħtur minn impjegatur li għandu rwol ta' medjatur, ir-rwol tal-konsulent dwar il-prevenzjoni u tat-tabib tax-xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet psikosoċjali. Jintroduċi l-possibbiltà ta' proċedura informali u formali meta ħaddiem jemmen li huwa/hija safa/sfat vittma ta' bullying, vjolenza jew fastidju sesswali. |
| **Prinċipji ewlenin** | Skont is-sistema dinamika tal-ġestjoni tar-riskju (il-liġi tal-4 ta' Awwissu 1996), impjegatur jidentifika sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal riskji psikosoċjali. Għandu jidentifika u jivvaluta r-riskji, billi jqis is-sitwazzjonijiet kollha li jistgħu jwasslu għal stress, kunflitt, vjolenza jew fastidju jew fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.<br><br>Din il-valutazzjoni tar-riskju ssir f'kollaborazzjoni mal-konsulent preventiv kompetenti u tirrifletti l-kontenut tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet interpersonali u tippermetti lil min iħaddem biex jieħu miżuri preventivi xierqa biex tiġi evitata t-tagħbija psikosoċjali. |

## Ir-Renju Unit: Standards ta' Ġestjoni għal stress relatat max-xogħol

| | |
|---|---|
| **Żviluppat minn** | The Health and Safety Executive (HSE). |
| **Tip** | Standard huwa approċċ ibbażat fuq gwida. Għalkemm l-Istandards huma volontarji jaġixxu b'mod simili għal Kodiċi ta' Prattika Approvat (ACoP) fis-sens li għalkemm min iħaddem ma jistax jiġi mħarrek għaliex ikun naqas milli jimplimentahom, jista' jiġi mħarrek talli jkun naqas milli jaqdi dmirijietu skont l-Att Dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (HSWA).<br><br>F'ħafna sentenzi tal-qorti mill-perjodu ta' intervent tal-iżvilupp tal-Istati Membri, assuma pożizzjoni de facto ta' ACoP, fis-sens li dawk li jħaddmu jridu juru li talanqas qegħdin jagħmlu dak deskritt mill-gwida. |
| **Inizjattivi assoċjati / rilevanti** | L-Istandards jirriflettu l-qafas leġiżlattiv nazzjonali tar-Renju Unit ta' żewġ partijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà: l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (1974) (li jeħtieġ li l-impjegaturi fir-Renju Unit jiżguraw is-saħħa (inkluża s-saħħa mentali), is-sigurtà u l-benesseri tal-impjegati waqt li jkunu fuq il-post tax-xogħol), u r-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Saħħa u tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (1999) (li jeħtieġ li min iħaddem iwettaq valutazzjoni xierqa u suffiċjenti tar-riskji sinifikanti għas-saħħa u għas-sigurtà, inkluż ir-riskju ta' mard relatat mal-istress minħabba attivitajiet ta' xogħol, u jieħu miżuri biex jiġi kkontrollat dak ir-riskju). |
| **Fokus, għan u objettivi** | L-approċċ tal-Istandards ta' Ġestjoni jagħti lil min iħaddem/maniġers l-għajnuna li jeħtieġu biex ikomplu jtejbu l-mod kif jimmaniġġjaw il-pressjonijiet fuq il-post tax-xogħol tagħhom li jistgħu jwasslu għal stress relatat max-xogħol. Il-prinċipji ewlenin jinkludu approċċ sistematiku bbażat fuq il-ġestjoni tar-riskju għall-indirizzar tal-istress relatat max-xogħol (WRS) implimentat permezz ta' impenn mill-maniġment u parteċipazzjoni mill-ħaddiema.<br><br>L-objettivi jinkludu valutazzjoni tar-riskju fir-rigward tal-istress relatat max-xogħol, l-implimentazzjoni ta' interventi, sensibilizzazzjoni dwar il-WRS, it-titjib tal-organizzazzjoni tax-xogħol, il-ġestjoni ta' każijiet individwali. |

## L-Italja: Standards għall-Ġestjoni tas-Saħħa u tas-Sigurtà

| | |
|---|---|
| **Żviluppati minn** | Il-ftehim qafas Ewropew dwar l-istress relatat max-xogħol ġie aċċettat fir-regolamenti Taljani bid-digriet leġiżlattiv Taljan 81/2008. Dan implika aċċettazzjoni volontarja mill-firmatarji għal responsabbiltà biex jadottaw miżuri relatati ma' komunikazzjoni, taħriġ u informazzjoni mmirati lejn il-prevenzjoni, it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tal-istress relatat max-xogħol.<br><br>Huwa bi tweġiba għad-Digriet Leġiżlattiv 81/2008 li l-ISPESL — issa parti mid-Dipartiment tal-Mediċina Okkupazzjonali tal-Awtorità Taljana għall-Kumpens tal-Ħaddiema (INAIL) adattatat l-approċċ tal-HSE tar-Renju Unit dwar l-Istandards ta' Ġestjoni.<br><br>L-INAIL hija l-organizzazzjoni ewlenija responsabbli għall-promozzjoni tal-Istandards ta' Ġestjoni. |
| **Tip** | L-Istandards ta' Ġestjoni huma għodda volontarja ta' kejl u ta' gwida biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit legali kif stabbilit fid-Digriet Leġiżlattiv Taljan 81/08. Għalhekk filwaqt li nuqqas ta' applikazzjoni tal-Istandards ta' Ġestjoni ma jwassalx għal ksur ta' rekwiżit leġiżlattiv, nuqqas ta' inklużjoni ta' fatturi relatati mal-istress relatat max-xogħol fil-valutazzjonijiet tar-riskju jista' jitqies bħala ksur tad-Digriet Leġiżlattiv 81/08. |
| **Fokus, għan u objettivi** | L-għan tal-Istandards ta' Ġestjoni huwa li jiġi pprovdut mezz metodoloġiku għall-valutazzjoni tal-istress relatat max-xogħol, ibbażat fuq metodu xjentifiku, u li juża l-esperjenzi ta' pajjiżi oħra tal-UE bħala parametru referenzjarju. Dan min-naħa tiegħu jipprovdi lill-kumpaniji bi strumenti vvalidati biex jivvalutaw u jimmaniġġjaw l-istress relatat max-xogħol f'konformità mar-regolamenti nazzjonali |
| **Prinċipji ewlenin** | L-Istandards ikopru s-sorsi primarji ta' stress fuq ix-xogħol u jiddefinixxu l-karatteristiċi ta' organizzazzjoni li fihom ir-riskji minn stress relatat max-xogħol ikunu qegħdin jiġi ġestiti b'mod effettiv. Jippreżentaw sett ta' kundizzjonijiet li, jekk jintlaħqu, jirriflettu livell għoli ta' saħħa u ta' benesseri u ta' prestazzjoni organizzazzjonali. |

## L-Iskozja: L-inzjattivi "Towards a Mentally Flourishing Scotland" u "Health Works"

| | |
|---|---|
| **Żviluppati minn** | Il-Gvern Skoċċiż jidher li jpoġġi enfasi sinifikanti fuq is-saħħa mentali inġenerali. Dawn iż-żewġ inizjattivi jikkonsistu fil-pożizzjonijiet strateġiċi riċenti tal-gvern dwar il-kwistjoni, li jfittxu li jibnu fuq il-progress li sar qabel. |
| **Tip** | L-inizjattivi huma strateġiji nazzjonali olistiċi. Jistabbilixxu l-miri wiesgħa li ħafna drabi huma definiti b'mod laxk u jinvolvu partijiet interessati oħra għall-implimentazzjoni prattika tagħhom. |
| **Atturi responsabbli/ Partijiet Interessati li jippromwovuhom** | F'*Towards a Mentally Flourishing Scotland*, il-gvern Skoċċiż jistabbilixxi d-direzzjoni, il-politika u r-riżultati ġenerali għall-politika, iżda l-ġestjoni dettaljata tas-servizzi lokali titħalla f'idejn l-awtoritajiet lokali sabiex jiżviluppawhom u jimplimentawhom f'kooperazzjoni ma' Sħubiji tal-Ippjanar fil-Komunità.<br><br>*Health Works* jadotta approċċ simili u jikkummenta dwar ir-rwol tal-partijiet ikkonċernati msemmija hawn fuq, kif ukoll b'mod aktar espliċitu dwar min iħaddem, l-aġenziji tal-intrapriżi, u t-trade unions. |
| **Fokus, għan u objettivi** | L-għan ta' *Towards a Mentally Flourishing Scotland* kien li jingħataw dettalji dwar il-politika u l-pjan ta' azzjoni dwar kif ikomplu jiġu żviluppati l-inizjattivi eżistenti li jimmiraw lejn is-saħħa mentali. Il-promozzjoni tal-benesseri mentali, it-tnaqqis tal-okkorrenza ta' mard mentali u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja ta' dawk li jesperjenzaw mard mentali kienu meqjusa bħala vitali għall-objettiv tal-gvern li kull persuna tingħata l-opportunità li tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha u l-ħolqien ta' Skozja li tirnexxi aktar. L-għan tad-dokument kien li juri kif kulħadd jista' jifhem kif is-saħħa mentali tista' titjieb, u pprovda dettalji ta' sforz kollaborattiv biex jiġi indirizzat it-titjib tas-saħħa mentali.<br><br>*Health Works* itenni l-għan kumplessiv tal-Gvern Skoċċiż li huwa l-ħolqien ta' pajjiż li jirnexxi aktar b'opportunitajiet għal kull persuna fl-Iskozja biex tiffjorixxi permezz ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli dejjem akbar. L-Istrateġija ta' *Health Works* kienet meqjusa bħala parti minn dan, billi trawwem kollaborazzjoni ma' partijiet ikkonċernati ewlenin biex jaħdmu lejn postijiet tax-xogħol ħielsa mill-periklu. Dan kien meqjus mhux biss bħala sostenn tal-forza tax-xogħol eżistenti iżda l-faċilitazzjoni tal-persuni qiegħda b'mard mentali fil-forza tax-xogħol, u t-titwil tal-kapaċità tal-individwi li jibqgħu fil-forza tax-xogħol. |
| **Prinċipji ewlenin** | F'*Towards a Mentally Flourishing Scotland* il-gvern jikkommetti ruħu għal tliet oqsma taħt il-Prijorità 4 (Impjieg u Ħajja tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu): biex l-iScottish Centre for Healthy Working Lives jiżviluppa programm komprensiv ta' ħidma għall-promozzjoni ta' postijiet tax-xogħol ħielsa mill-periklu għas-saħħa mentali b'fokus fuq is-settur pubbliku u l-SMEs; biex issir reviżjoni tal-politika attwali dwar il-Ħajjiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Perikli (Healthy Working Lives) b'fokus fuq it-titjib tas-saħħa mentali u biex jiġi żviluppat kunsens dwar xi jfisser li tkun impjegatur eżemplari, jintlaħaq qbil dwar l-istandards u jitqies pjan ta' implimentazzjoni biex il-korpi tas-saħħa pubblika jilħqu dawk l-istandards.<br><br>Ir-reviżjoni ta' *Health Works* tal-Istrateġija tal-Gvern Skoċċiż dwar il-Ħajjiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Perikli tpoġġi b'mod ċar is-saħħa u l-benesseri tal-popolazzjoni tax-xogħol bħala aspett fundamentali tas-suċċess ekonomiku futur tal-Iskozja.<br><br>Il-Gvern Skoċċiż jistabbilixxi l-viżjoni u jgħin lill-partijiet ikkonċernati oħra fil-kisba ta' din il-viżjoni. L-implimentazzjoni tal-istrateġiji hija bbażata fuq approċċ ta' sħubija. |

## In-Norveġja: Pjan Strateġiku Nazzjonali għax-Xogħol u s-Saħħa Mentali

| | |
|---|---|
| **Żviluppat minn** | Il-Ministeru Norveġiż tax-Xogħol u l-Inklużjoni Soċjali u l-Ministeru Norveġiż tas-Servizzi tas-Saħħa u tal-Kura. |
| **Tip** | Pjan strateġiku għaż-żamma tal-impjiegi u għar-ritorn lura għax-xogħol għal persuni b'mard mentali. |
| **Fokus, għan u objettivi** | Il-pjan japplika għad-disturbi u għad-diffikultajiet mentali kollha u għal persuni li għandhom ukoll problemi ta' abbuż ta' sustanzi jew problemi oħra li huma esklużi jew li qegħdin f'riskju li jiġu esklużi mill-ħajja tax-xogħol.<br><br>F'din l-istrateġija, il-gvern jiddefinixxi l-mod kif persuni b'disturbi mentali se jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-kapaċitajiet tagħhom b'mod aktar faċli, inkluż segwitu aħjar għall-individwi. L-għan tiegħu huwa li jappoġġja l-ħidma tal-Organizzazzjoni Norveġiża tax-Xogħol u l-Benesseri (NAV) biex tipprovdi postijiet tax-xogħol aktar inklużivi.<br><br>Il-pjan strateġiku jirfina u jsaħħaħ il-pjan "There's a will" li twaqqaf fl-2004 u li l-għan tiegħu kien li jiżdiedu l-opportunitajiet u l-parteċipazzjoni ta' persuni b'disturbi mentali fuq il-post tax-xogħol. Dan il-proġett preċedenti nieda diversi miżuri u studji sabiex jiġu determinati l-bżonnijiet ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali biex jiksbu jew jibqgħu f'impjieg. Dan il-proġett preċedenti spjega wkoll dawk li s-servizzi pubbliċi qiesu bħala ostakli eżistenti għall-impjieg għal persuni bi problemi ta' saħħa mentali. Barra minn hekk, l-attenzjoni kienet iffokata fuq il-mod kif diversi aġenziji jistgħu jaħdmu flimkien aħjar biex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet tal-grupp fil-mira. |
| **Tħaddim** | L-azzjonijiet huma mmirati lejn:<br>• L-iżgurar ta' segwitu individwalizzat.<br>• L-iżgurar ta' attivitajiet u ta' servizzi koordinati relatati mar-reintegrazzjoni fix-xogħol.<br>• L-iżgurar ta' proċessi attivi u relatati max-xogħol sabiex il-ħaddiema bi problemi ta' saħħa mentali jkunu jistgħu jerġgħu jiġu integrati mill-ġdid fuq il-post tax-xogħol b'mod aktar mgħaġġel. |

## Id-Danimarka: Inizjattiva għat-titjib tal-ispezzjoni ta' fatturi psikosoċjali

| | |
|---|---|
| **Żviluppata minn** | L-istrateġija dwar l-indirizzar tal-ambjent psikosoċjali tax-xogħol ġiet introdotta mill-Gvern Daniż fl-2004. F'April 2007 l-Awtorità tal-Ambjent tax-Xogħol nediet strateġija ġdida, li fiha ġiet żviluppata għodda ta' gwida, li tivvaluta sitt riskji psikosoċjali, u li tgħin lill-ispetturi fit-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-ambjent psikosoċjali tax-xogħol. |
| **Tip** | Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-inizjattiva hija bbażata fuq ir-rikonoxximent tal-prijoritajiet għal azzjoni u gwida, l-għan tagħha huwa li tiffaċilita l-ħidma tal-ispettorat tax-xogħol biex jiffoka fuq l-ambjent psikosoċjali tax-xogħol fl-ispezzjonijiet. Għalhekk, l-inizjattiva hija relatata mal-implimentazzjoni effettiva ta' għodda ta' politika legali, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità tagħha mal-Att Daniż dwar l-Ambjent tax-Xogħol. |
| **Atturi responsabbli/ Partijiet Interessati li jippromwovuhom** | Il-Gvern Daniż huwa responsabbli għar-rikonoxximent tar-riskji psikosoċjali bħala mira prijoritarja. Il-gwida u l-għodda assoċjata li jirrigwardaw l-ispezzjonijiet tax-xogħol ġew żviluppati mill-Awtorità Daniża għall-Ambjent tax-Xogħol. |
| **Fokus, għan u objettivi** | Permezz ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, l-għan tal-ispezzjonijiet huwa li jiġi vvalutat jekk jeżistux kwistjonijiet psikosoċjali fil-kumpanija, is-sors tagħhom, u l-potenzjal tagħhom li jagħmlu ħsara. Il-valutazzjoni tqis ukoll l-inizjattivi ta' ġestjoni li jkunu ttieħdu biex jew jeliminaw, inaqqsu jew jimmaniġġjaw il-kwistjonijiet psikosoċjali biex jiġu evitati riskji għas-saħħa. |

## In-Netherlands: Patti dwar ix-Xogħol u s-Saħħa

| | |
|---|---|
| **Żviluppati minn** | Is-setturi nfushom permezz ta' għotjiet/sussidji mill-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali u l-Impjiegi (SZW; b'kontribuzzjoni massima ta' 50% mill-Ministeru). |
| **Tip** | Huma approċċ ta' "liġi mhux vinkolanti", fejn ir-rappreżentanti/il-partijiet interessati ta' settur jindikaw il-pjanijiet tagħhom. Inbdiet proċedura li fiha ġew previsti diversi passi:<br>• It-tfittxija għal impenn tal-partijiet ikkonċernati fis-settur u l-abbozz ta' "Ittra jew dikjarazzjoni ta' intenzjoni"<br>• Il-fażi ta' intenzjoni. Il-partijiet ikkonċernati implimentaw patt jew organizzazzjoni ta' proġett kif ukoll waqqfu "Kumitat Settorjali għal Gwida u Konsultazzjoni" (BBC). Rappreżentant tal-Ministeru (SZW) kien membru ta' dawn il-gruppi/kumitati. Riċerka preparatorja — li ħafna drabi tinkludi riskji psikosoċjali — (immirata lejn l-analiżi/il-valutazzjoni tar-riskju ta' problema), u studji dwar "l-ogħla livell tal-immaniġġjar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol"; din il-fażi ngħalqet bl-iffirmar ta' 'Pjan ta' azzjoni' dwar l-immaniġġjar tar-riskji rilevanti fis-settur.<br>• Il-fażi ta' implimentazzjoni.<br>• Il-fażi ta' skadenza. |
| **Fokus, għan u objettivi** | Fl-ewwel fażi (1999-2002) l-għan kien li r-riskji identifikati li jridu jiġu mmaniġġjati jonqsu b'mill-inqas 10 %. Fit-tieni fażi (2002-2007) l-għan inbidel kemxejn minn tnaqqis fl-esponiment għal tnaqqis fl-assenzi jew fid-diżabilità. Il-grad ta' tnaqqis immirat għandu jkun parti mill-pjan ta' azzjoni. |
| **Kopertura ta' problemi ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol u riżultati relatati** | Jistgħu jvarjaw ħafna skont is-settur! Partikolarment fl-ewwel fażi tal-patti ta' ħidma u ta' saħħa (1999-2002), ir-riskji psikosoċjali u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali kienu kwistjoni ewlenija. Fit-tieni fażi (2002-2007) l-objettiv ċentrali sar it-tnaqqis fl-assenzi u fid-diżabilità, li huwa wkoll dovut għas-saħħa mentali. |

## Il-Finlandja: Ftehim Qafas biex Jiġu Żgurati l-Kompetittività u l-Impjiegi

| | |
|---|---|
| **Żviluppat minn** | Il-ftehim ġie żviluppat mill-organizzazzjonijiet ċentrali tas-suq tax-xogħol tal-Finlandja. |
| **Tip** | L-inizjattiva hija forma ta' ftehim bejn l-imsieħba soċjali. Għalkemm fiha nnifisha mhijiex legalment vinkolanti, l-imsieħba jintrabtu li jwettqu dak li ġie miftiehem. Diversi rakkomandazzjonijiet eventwalment jidħlu fil-leġiżlazzjoni. |
| **Inizjattivi assoċjati / rilevanti** | Il-Programm tal-Gvern kien stabbiliti fl-2011 u waqqaf l-inizjattivi u l-miri ewlenin tal-gvern Finlandiż. It-tliet prijoritajiet fil-mira kienu t-tnaqqis tal-faqar, tal-inugwaljanza u tal-esklużjoni soċjali; il-konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi; u t-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, tal-impjiegi u tal-kompetittività. Dan il-Programm iservi bħala l-isfond għall-inizjattivi tal-gvern u tal-imsieħba soċjali fil-qasam tas-saħħa mentali. |
| **Fokus, għan u objettivi** | L-objettiv tal-organizzazzjonijiet ċentrali tas-suq tax-xogħol huwa li tissokta l-kooperazzjoni tajba mal-Gvern dwar it-temi li jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, għall-produttività u għall-impjiegi fil-Finlandja, kif ukoll, min-naħa waħda, biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-kumpaniji Finlandiżi fis-swieq globali u, min-naħa l-oħra, biex tissaħħaħ il-bażi ekonomika tas-soċjetà soċjali. |
| **Kopertura tal-fatturi ta' esponiment fir-rigward tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol** | Il-ftehim jimmira lejn diversi fatturi ta' riskju għall-iżvilupp tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Dawn jinkludu forza tax-xogħol li qed tixjieħ, il-prekarjetà, il-karriera/l-iżvilupp individwali/il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-ammont ta' xogħol, u n-natura tax-xogħol (xogħol bix-xift jew temporanju, eċċ.). B'mod aktar ġenerali, il-ftehim isemmi l-promozzjoni tal-impjiegi u tat-tkabbir ekonomiku. Minħabba li r-riskji psikosoċjali kollha jheddu dawn l-eżiti, il-ftehim jimmira b'mod impliċitu l-kwistjonijiet psikosoċjali kollha wkoll. |

## Il-Ġermanja: PsyGA — Is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol

| | |
|---|---|
| **Żviluppat minn** | Il-proġett psyGA — Psychische Gesundheit in der Arbeitswelt (Is-Saħħa Mentali fid-Dinja tax-Xogħol) huwa promoss mill-Ministeru Federali Ġermaniż tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. L-Assoċjazzjoni Federali tal-Fondi ta' Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Kumpaniji (BKK Bundesverband) hija responsabbli għall-ġestjoni tal-proġett.<br><br>Il-proġett huwa ffinanzjat taħt l-Inizjattiva Ġdida dwar il-Kwalità tax-Xogħol www.inqa.de u jxerred l-informazzjoni, l-istudji u l-aħjar prattiki dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, b'enfasi fuq l-istress fuq ix-xogħol. L-Inizjattiva Ġdida dwar il-Kwalità tax-Xogħol (INQA) hija inizjattiva konġunta li tnediet fl-2001 mill-gvern federali, mill-gvernijiet tal-Länder, mill-imsieħba soċjali, mill-imsieħba tal-assigurazzjoni soċjali, mill-fondazzjonijiet u mill-intrapriżi, li tippromwovi kundizzjonijiet ta' xogħol ħielsa mill-periklu. |
| **Tip** | Proġett ta' sensibilizzazzjoni li joffri għodod għall-kumpaniji biex jivvalutaw ir-riskji u jimplimentaw miżuri preventivi għal esponiment għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. |
| **Inizjattivi assoċjati/ rilevanti** | Fil-Ġermanja, it-test legali prinċipali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol huwa l-**Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol tas-7 ta' Awwissu 1996**, li jittrasponi d-Direttivi 89/391/KEE u 91/383/KEE u li kien emendat l-aħħar fl-2009. Għalkemm l-Att ma jsemmix is-saħħa mentali jew ir-riskji psikosoċjali b'mod espliċitu, l-esperti, l-impjegaturi, il-unions u l-awtoritajiet tal-infurzar jaqblu li, fil-prinċipju, il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi u tal-valutazzjoni tar-riskju jinkludi wkoll is-saħħa mentali u r-riskji psikosoċjali. Madankollu, ftit huma l-impjegaturi li jqisu dawn ir-riskji għall-valutazzjoni tar-riskju.<br><br>L-Att Ġermaniż dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ġie riċentement emendat fl-2013. Issa min iħaddem huwa meħtieġ iwettaq valutazzjonijiet tar-riskji li jinkludu r-riskji psikosoċjali. Taħt it-Taqsima 5, il-miżuri li jittieħdu bħala segwitu għall-valutazzjoni tar-riskju għandhom iqisu wkoll is-saħħa fiżika u dik mentali.<br><br>Il-Ministeru Federali tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali reċentement ħejja emenda għall-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, skont liema s-saħħa mentali għandha tiġi inkluża espliċitament fil-portata tal-protezzjoni. Il-piżijiet mentali se jissejħu wkoll bħala riskji għas-saħħa li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tar-riskju minn min iħaddem.<br><br>Il-partijiet relatati tal-inizjattiva jinkludu l-iżvilupp ta' gwida għall-maniġers[1] u gwida għall-impjegati[2]. |

[1] http://psyga.info/fileadmin/user_upload/PDFs/BKK_Taking_the_stress_out_of_stress_Guide_for_Managers.pdf
[2] http://www.inqa.de/SharedDocs/PDFs/EN/psyga-taking-the-stress-out-of-stress-a-guide-for-workers.pdf?__blob=publicationFile

| | |
|---|---|
| **Fokus, għan u objettivi** | Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tas-saħħa mentali u l-iskambju ta' għarfien u esperjenzi f'dan il-qasam, il-proġett jgħaqqad bażi ta' għarfien orjentat lejn is-suġġett mal-aħjar prattiki u għodod għall-prattikanti biex jippromwovu s-saħħa mentali fuq il-postijiet tax-xogħol: għodod ta' awtovalutazzjoni, linji gwida għall-maniġers u għall-impjegati, ktieb awdjo u għodda ta' tagħlim elettroniku. Il-portal tal-internet http://psyga.info/ jagħti informazzjoni dwar il-proġett u r-riżultati, pereżempju l-għodod u l-mezzi żviluppati. It-tixrid f'ambjenti differenti tax-xogħol jiġi implimentat permezz ta' 18-il sieħeb ta' kooperazzjoni. |
| **Prinċipji ewlenin** | Ġie żviluppat kunċett ta' kwalità li joħloq il-mudell ta' "kumpanija ħielsa mill-perikli". L-enfasi hija fuq il-kwalità tat-tmexxija — kemm l-imġiba individwali ta' tmexxija kif ukoll il-qafas strutturali għal tmexxija orjentata lejn il-ħaddiema.<br><br>Abbażi tal-mudell ta' kriterji, ġiet żviluppata għodda ta' awtovalutazzjoni (l-ewwel fażi 2009-2010) li tappoġġa lill-prattikant fil-valutazzjoni tal-istat attwali tal-organizzazzjoni tiegħu fil-qasam tal-promozzjoni tas-saħħa mentali u għat-titjib tal-prattika.<br><br>Il-qalba tat-tieni fażi tal-proġett (2011- 2013) hija l-implimentazzjoni koordinata ta' miżuri u attivitajiet ta' trasferiment mifruxa u mmirati lejn gruppi speċifiċi fil-mira mill-Assoċjazzjoni Federali tal-BKK u mit-18-il sieħeb nazzjonali tagħha. Il-proġett jiddependi fuq it-trasferiment ta' għarfien u ta' esperjenzi dwar l-approċċi ta' suċċess fil-promozzjoni tas-saħħa mentali u n-netwerking tal-atturi ma' xulxin. L-enfasi hija fuq l-implimentazzjoni koordinata u mifruxa ta' miżuri fil-mira u attivitajiet ta' trasferiment mill-Assoċjazzjoni Federali tal-BKK u mill-imsieħba tagħha. B'mod partikulari jintużaw l-istrutturi organizzazzjonali eżistenti tan-Netwerk Ġermaniż għall-Promozzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, jiġu organizzati avvenimenti differenti u nbdew relazzjonijiet pubbliċi u mal-midja. |

# Anness 1: Strumenti regolatorji fil-livell Ewropew

| Fokus | Strument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali ġenerali fuq il-post tax-xogħol | Id-**Direttiva 89/391/KEE**, id-Direttiva Qafas Ewropea dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | Skont id-Direttiva, min iħaddem għandu "l-obbligu li jiżgura s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema f'kull aspett relatat max-xogħol". Għandu jiżgura "polza ta' prevenzjoni fuq kollox koerenti." Xi prinċipji importanti huma: l-"evitar ta' riskji", il-"ġlieda kontra r-riskji mis-sors", l-"addattazzjoni tax-xogħol għall-individwu".<br><br>"Min iħaddem għandu jimplimenta l-miżuri (...) fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni segwenti: (...) addattazzjoni tax-xogħol għall-individwu, speċjalment fir-rigward tat-tfassil ta' postijiet ta' xogħol, l-għażla tal-apparat tax-xogħol u l-għażla tal-metodi ta' xogħol u produzzjoni, b'mod partikolari, sabiex jitnaqqas ix-xogħol monotonu u xogħol b'rata predeterminata ta' xogħol u għat-tnaqqis ta' l-effett tagħhom fuq is-saħħa. (...) żviluppar ta' polza ta' prevenzjoni fuq kollox koerenti li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol, relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol". |
| | **C155** Il-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali (ILO), 1981<br><br>(ratifikata fi 15-il Stat Membru tal-UE) | Il-konvenzjoni tgħid li, "Kull Membru għandu, fid-dawl ta' kundizzjonijiet u prattiki nazzjonali, u f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet l-aktar rappreżentattivi ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, jifformula, jimplimenta u perjodikament jirrevedi politika nazzjonali koerenti dwar is-sigurtà okkupazzjonali, is-saħħa okkupazzjonali u l-ambjent tax-xogħol".<br><br>Il-politika għandha tqis, ir-"relazzjonijiet bejn l-elementi materjali tax-xogħol u l-persuni li jwettqu jew li jissorveljaw ix-xogħol, u l-adattament tal-makkinarju, tat-tagħmir, tal-ħin tax-xogħol, tal-organizzazzjoni tax-xogħol u tal-proċessi tax-xogħol għall-kapaċitajiet fiżiċi u mentali tal-ħaddiema". |
| | **C187** Il-Qafas Promozzjonali għall-Konvenzjoni għas-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali (ILO), 2006<br><br>(ratifikata fi 12-il Stat Membru tal-UE) | Il-konvenzjoni tgħid li "Fil-formulazzjoni tal-politika nazzjonali tiegħu, kull Membru, (...) f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet l-aktar rappreżentattivi ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, għandu jippromwovi l-prinċipji bażiċi bħall-valutazzjoni tar-riskji jew tal-perikli okkupazzjonali; il-ġlieda kontra riskji jew perikli okkupazzjonali mis-sors; u l-iżvilupp ta' kultura nazzjonali preventiva dwar is-sigurtà u s-saħħa li tinkludi informazzjoni, konsultazzjoni u taħriġ". "(...) il-prinċipju ta' prevenzjoni huwa mogħti l-ogħla prijorità". |

| Fokus | Strument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Ħtiġijiet Ġenerali fuq il-Post tax-Xogħol | **Id-Direttiva 89/654/EEC** dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol (l-ewwel direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) | Din id-direttiva "tistabbilixxi ħtiġiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għal postijiet tax-xogħol". Tkopri l-aspetti tal-ambjent fiżiku tax-xogħol li jinkludu, "Ventilazzjoni ta' postijiet tax-xogħol magħluqin (...), Temperatura tal-kamra (...), Dawl naturali u artifiċjali tal-kamra (.. .)". |
| | **Id-Direttiva 2009/104/KE** dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sikurezza u ta' saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) [_li tissostitwixxi d-Direttiva 89/655/KEE_] | Id-direttiva tenfasizza l-obbligu ta' min iħaddem li, "jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura illi t-tagħmir tax-xogħol magħmul disponibbli għall-ħaddiema fl-impriża jew l-istabbiliment ikun xieraq għax-xogħol li għandu jitwettaq jew addattat kif jixraq għal dan l-iskop u jista' jintuża mill-ħaddiema mingħajr ħsara għas-sikurezza jew is-saħħa tagħhom".<br><br>L-Artikolu 7 tad-Direttiva jkopri "l-ergonomija u s-saħħa fuq ix-xogħol", li jgħid li, "Il-post tax-xogħol u l-pożizzjoni tal-ħaddiema meta qed jużaw tagħmir tax-xogħol kif ukoll il-prinċipji tal-ergonomija għandhom jiġu meħuda in konsiderazzjoni sħiħa minn min jimpjiega meta japplika r-rekwiżiti minimi ta' saħħa u ta' sikurezza". |
| | **Id-Direttiva 89/656/KEE** dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tielet Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) | Id-Direttiva tispeċifika li, "It-tagħmir ta' protezzjoni personali għandu:<br><br>(a) jkun addattat għar-riskji involuti, mingħajr ma jwassal hu stess għal xi riskju miżjud; (b) jikkorrispondi għall-kondizzjonijiet eżistenti fuq il-post tax-xogħol; (c) jagħti kas tal-ħtiġiet ergonomiċi u tal-istat ta' saħħa tal-ħaddiem(...)". |

| Fokus | Strument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Rekwiżiti tal-post tax-xogħol speċifiċi għas-settur | **Id-Direttiva 93/103/KE** li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd (it-tlettax-il Direttiva individwali li taqa' taħt it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391KEE) | Id-Direttiva "tistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa li japplikaw għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd".<br><br>Tistabbilixxi li, "l-arranġament tal-kwartieri tal-għixien u tal-faċilitajiet tal-ħaddiema, (...) għandhom ikunu hekk illi jipprovdu protezzjoni adegwata kontra t-temp u l-baħar, il-vibrazzjoni, il-ħoss u l-irwejjaħ spjaċevoli minn partijiet oħra tal-bastiment li x'aktarx ifixklu lill-ħaddiema matul il-ħin tal-mistrieħ tagħhom". |
| | **Id-Direttiva 92/91/KEE** — li tikkonċerna l-ħtiġiet minimi għat-titjib tal-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir (il-ħdax il-Direttiva individwali fil-qofol tat-tifsira ta' Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) | Din id-Direttiva tal-Kunsill "tistabbilixxi l-ħtiġiet minimi dwar il-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir".<br><br>Tistabbilixxi li "Il-lantijiet tax-xogħol għandhom ikunu hekk organizzati sabiex jipprovdu protezzjoni adegwata kontra l-perikoli. (…). Il-lantijiet tax-xogħol għandhom ikunu ddisinjati u mibnija skont il-prinċipji ergonomiċi billi jittieħed akkont tal-ħtieġa għall-ħaddiema li jsegwu l-operazzjonijiet imwettqa fil-lantijiet tax-xogħol tagħhom". |
| | **Id-Direttiva 92/104/KEE** dwar il-ħtiġijiet minimi biex tittejjeb is-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa ta' ħaddiema tal-industriji għall-estrazzjoni tal-minerali kemm fuq, kif ukoll taħt l-art (it-tnax-il Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) | Din id-Direttiva tistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi għall-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji għall-estrazzjoni tal-minerali fuq u taħt l-art.<br><br>Tistipula wkoll li "Il-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jipprovdu protezzjoni adegwata kontra l-periklu. (…). Il-lantijiet tax-xogħol għandhom ikunu ddisinjati u mibnija skont il-prinċipji ergonomiċi billi jittieħed akkont tal-ħtieġa għall-ħaddiema li jsegwu l-operazzjonijiet imwettqa fil-lantijiet tax-xogħol tagħhom". Meta l-postijiet tax-xogħol huma okkupati minn ħaddiema isolati, għandha tiġi pprovduta sorveljanza adegwata jew mezzi ta' telekomunikazzjoni". |
| | **Id-Direttiva 92/57/KEE** dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa li għandhom jiġu implimentati f'postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli (it-tmien Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) | Din id-Direttiva, "tistabbilixxi ħtiġiet minimi tas-sigurtá u s-saħħa għall-postijiet ta' kostruzzjoni temporanji u mobbli".<br><br>Tiddikjara li, "Meta s-sigurtà jew is-saħħa tal-ħaddiema, b'mod partikolari minħabba t-tip ta' attività mwettqa jew il-preżenza ta' aktar minn ċertu numru ta' impjegati kif ukoll 'il bogħod, hekk jeħtieġu, ħaddiema għandhom jiġu pprovduti bi-kmamar ta' mistrieħ u/jew ta' akkomodazzjoni faċilment aċċessibbli. Il-kmamar tal-mistrieħ u/jew arji ta' akkomodazzjoni għandhom ikunu kbar biżejjed u mgħammra b'numru adegwat ta' mwejjed u siġġijiet bid-dahar skont in-numru ta' ħaddiema kkonċernati". |

| Fokus | Strument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| L-ambjent fiżiku tax-xogħol — speċifiku għall-perikli | **Id-Direttiva 90/270/KEE** dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu *display screen* (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) | Din id-Direttiva tistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen. Tgħid li, "Min iħaddem għandu l-obbligu li jagħmel analiżi tal-*workstations* sabiex jivvaluta l-kondizzjonijiet ta' saħħa u sigurtà li dawn iħallu fuq il-ħaddiema tiegħu, partikolarment fejn jidħlu riskji possibbli tal-vista, problemi fiżiċi u problemi ta' stress mentali". |
| | **Id-Direttiva 2010/32/UE** li timplimenta l-Ftehim Qafas dwar il-prevenzjoni ta' korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fis-settur tal-isptarijiet u l-kura tas-saħħa li ġie konkluż mill-HOSPEEM u l-EPSU | Din id-Direttiva timplimenta l-Ftehim Qafas dwar<br><br>il-prevenzjoni ta' korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fis-settur tal-isptarijiet u l-kura<br><br>tas-saħħa. Wieħed mill-prinċipji tagħha jgħid li "Min iħaddem għandu d-dover li jassigura s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema f'kull aspett marbut max-xogħol, inklużi l-fatturi psikosoċjali u l-organizzazzjoni tax-xogħol".<br>Tkompli tispeċifika li, "Il-valutazzjonijiet tar-riskju għandhom iqisu t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, il-livell ta' kwalifiki, il-fatturi psikosoċjali marbutin max-xogħol u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol."<br>"Ikun hemm prevenzjoni tar-riskju ta' infezzjonijiet billi jiġu implimentati sistemi sikuri ta' xogħol, billi: (a) tiġi żviluppata politika ġenerali koerenti ta' prevenzjoni, li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, il-fatturi psikosoċjali relatati max-xogħol u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol (...)". |
| | **Id-Direttiva 90/269/KEE** dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-tqandil manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema (ir-raba' Direttiva individwali fit-tifsira ta' Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) | Din id-Direttiva tistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-tqandil manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema. Tpoġġi r-responsabbiltà fuq min iħaddem biex, "jieħu ħsieb li jevita jew inaqqas ir-riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema, billi jittieħdu miżuri xierqa, jiġu kkunsidrati partikolarment il-karatteristiċi tal-ambjent tax-xogħol u l-bżonnijiet tal-attività (...)". |

| Fokus | Strument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Ħin tax-xogħol | **Id-Direttiva 2003/88/KE** li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (li tikkonsolida u tħassar id-Direttiva 93/104/KE) | "Din id-Direttiva tistabbilixxi ħtiġiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol". Tapplika għal, "perjodi minimi ta' serħan ta' kull jum, serħan ta' kull ġimgħa u *leave* annwali, għal waqfien u ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa; u ċerti aspetti tax-xogħol billejl, ix-xogħol bix-*shift* u t-tendenzi tax-xogħol". |
| | **C175** Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Part-time (ILO), 1994<br><br>(ratifikata f'disa' Stati Membri tal-UE) | Il-konvenzjoni teħtieġ li l-firmatarji jieħdu miżuri biex, "jiġi żgurat li l-ħaddiema part-time jirċievu l-istess protezzjoni bħal dik mogħtija lill-ħaddiema full-time paragunabbli fir-rigward ta': id-dritt għall-organizzazzjoni, id-dritt ta' negozjar kollettiv u d-dritt li jaġixxu bħala rappreżentanti tal-ħaddiema; is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u, id-diskriminazzjoni fl-impjieg u fix-xogħol". |
| | **Id-Direttiva 97/81/KE** li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timplimenta l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part time. Il-ftehim, "jipprovdi għat-tneħħija tad-diskriminazzjoni kontra ħaddiema part-time u li jtejjeb il-kwalità ta' xogħol part-time". |
| | **Id-Direttiva 99/70/KE** dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiddaħħal fis-seħħ il-ftehim qafas dwar kuntratti għal terminu fiss. Il-ftehim ifittex li, "titjieb il-kwalità ta' xogħol għal terminu fiss billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni; li jistabbilixxi qafas biex jipprevjeni l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi tal-impjieg għal terminu fiss". |
| | **Id-Direttiva 2000/79/KE** dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili. | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timplimenta l-Ftehim Ewropew dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-persunal mobbli fl-avjazzjoni ċivili. Teħtieġ li min iħaddem jieħu l-miżuri neċessarji, "biex jiżguraw li wieħed li jħaddem, li jkollu l-intenzjoni li jorganizza xogħol fuq ċertu mudell, iqis il-prinċipju ġenerali li jaddatta ix-xogħol għall-ħaddiem". |
| | **Id-Direttiva 2002/15/KE** dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq | Din id-Direttiva tistabbilixxi, "ħtiġijiet minimi b'relazzjoni mal-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol sabiex tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà ta' persuni li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq". |
| Diskriminazzjoni | **Id-Direttiva 2000/43/KE** li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità | "L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jistabbilixxi qafas sabiex tiġi kkumbattuta d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet tal-oriġini tar-razza jew l-etniċità, bl-għan li jseħħ fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali". |
| | **Id-Direttiva 2000/78/KE** li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol | "L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament". |

| Fokus | Strument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa | **Id-Direttiva 2002/73/KE** dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' aċċess għall-impjieg, taħriġ professjonali u promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (li temenda d-Direttiva 76/207/KEE) | Id-Direttiva tgħid li, "L-Istati Membri għandhom attivament jikkunsidraw l-iskop ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa meta jifformulaw u jimplimentaw liġijiet, regolamenti, dispożizzjonijiet amministrattivi, politiki u attivitajiet", "kondizzjonijiet għal aċċess għall-impjieg (...) inkluża l-promozzjoni", "aċċess għat-tipi kollha u l-livelli kollha ta' gwida professjonali (…)" kif ukoll fir-rigward ta', "impjieg u kondizzjonijiet ta' xogħol, inklużi s-sensji, kif ukoll paga kif previsti fid-Direttiva 75/117/KEE (...)". |
| | **Id-Direttiva 2006/54/KE** dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol | "L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun implimentat il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol. Għal dak il-għan, tinkludi dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali f'relazzjoni ma': l-aċċess għall-impjiegi, inkluża l-promozzjoni, u t-taħriġ vokazzjonali; il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga (...)". |
| Maternità u kwistjonijiet relatati | **C 183** Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Maternità (ILO), 2000<br><br>(ratifikata f'13-il stat membru tal-UE) | Il-konvenzjoni tgħid li, "Kull Membru għandu, (...) jadotta miżuri xierqa sabiex jiġi żgurat li n-nisa tqal jew li qegħdin ireddgħu ma jiġux obbligati jwettqu xogħol li jkun ġie determinat (...) li jagħmel ħsara lis-saħħa tal-omm jew tat-tarbija (...)". |
| | **Id-Direttiva 92/85/KEE** dwar ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu | L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li jiġu implimentati miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema tqal u ta' ħaddiema li welldu reċentement jew li qegħdin ireddgħu.<br><br>Tgħid li, "Wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri u megħjuna mill-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Protezzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, il-Kummissjoni trid tfassal linji ta' gwida dwar l-istima tal-aġenti kimiċi, fiżiċi u bijoloġiċi u l-proċessi industrijali kkunsidrati bħala perikolużi għas-sigurtà jew għas-saħħa tal-ħaddiema (...). Dawn il-linji gwida għandhom ikopru wkoll, "movimenti u qagħdiet, għeja fiżika u mentali u tipi oħra ta' stress fiżiku u mentali konness max-xogħol imwettaq minn ħaddiema (...). |
| | **Id-Direttiva 2010/18/UE** li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri (u li tħassar id-Direttiva 96/34/KE) | Din id-Direttiva timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri, konkluż fit-18 ta' Ġunju 2009 mill-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali transindustrijali Ewropej (BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u KETU). "Dan il-ftehim jistabbilixxi rekwiżiti minimi mfassla biex jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri u dawk professjonali għall-ġenituri li jaħdmu". |

| Fokus | Strument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Iż-żgħażagħ fuq ix-xogħol | **Id-Direttiva 94/33/KE** dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol | Din id-direttiva tistabbilixxi li "L-Istati Membri għandhom jiżguraw inġenerali li min iħaddem jiggarantixxi li ż-żgħażagħ ikollhom kundizzjonijiet xierqa għall-età tagħhom. Għandhom jassiguraw illi ż-żgħażagħ huma protetti kontra l-isfruttament ekonomiku u kontra kull xogħol li x'aktarx jippreġudika s-sigurtà, s-saħħa jew l-iżvilupp fiżiku, mentali, morali jew soċjali (…)".<br><br>Tinkludi dispożizzjonijiet relatati mal-obbligi ġenerali ta' impjegaturi, bħall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà taż-żgħażagħ, u l-valutazzjoni u l-monitoraġġ tar-"riskju għas-sigurtà, għas-saħħa fiżika jew mentali jew l-iżvilupp taż-żgħażagħ". |
| Ħaddiema temporanji | **Id-Direttiva 91/383/EEC** li tissupplementa l-miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol tal-ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' impjieg b'dewmien fiss jew ta' impjieg temporanju | "L-għan ta' din id-Direttiva huwa biex jassigura li ħaddiema b'relazzjoni ta' impjieg (*regolata minn kuntratt ta' impjieg ta' dewmien fiss jew relazzjonijiet ta' impjieg temporanju*) jingħatalhom, f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol, l-istess livell ta' protezzjoni bħal dik ta' ħaddiema oħra fl-impriża u/jew l-istabbiliment utenti". |
| Informazzjoni u konsultazzjoni mal-impjegati | **Id-Direttiva 2002/14/KE** li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea | L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li jiġi stabbilit qafas ġenerali li jqiegħed il-ħtiġiet minimi għad-dritt ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati f'impriżi jew fi stabbilimenti fi ħdan il-Komunità. Tgħid, "L-informazzjoni u l-konsultazzjoni għandhom ikopru (...) informazzjoni u konsultazzjoni dwar deċiżjonijiet li jwasslu għal tibdil sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet kontrattwali (...)". |
| | **Id-Direttiva 2009/38/KE** dwar l-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) | L-għan ewlieni tad-Direttiva huwa li jiġi żgurat li l-maniġment jinforma u jikkonsulta ma' membri tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet (EWCs) f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali li jaffettwaw l-interessi tal-ħaddiema, speċjalment f'termini ta' rilokazzjoni, għeluq jew sensji tal-massa. |

| Fokus | Strument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Ristrutturar | **Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE** dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar *redundancies* kollettivi | "Meta dak li jħaddem ikun qed jikkontempla *redundancies* kollettivi, huwa għandu jibda konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi żmien tajjeb bl-iskop li jintlaħaq ftehim".<br><br>"Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom, mill-inqas, ikopru mezzi u miżuri li jevitaw *redundancies* kollettivi jew tnaqqis ta' numri ta' impjegati affettwati, u biex jittaffew il-konsegwenzi billi jkun hemm rikors għal miżuri soċjali magħhom immirati, *inter alia*, li jgħinu għall-impjieg jew it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema mingħajr xogħol". |
| | **Id-Direttiva 2001/23/KE** dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji | L-għan tad-Direttiva huwa li jiġu protetti d-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' "trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali". L-għan tad-Direttiva huwa li jiġi żgurat, sa fejn ikun possibbli, li r-relazzjoni tal-impjieg tkompli mingħajr ma tinbidel għall-persuni li jsirilhom trasferiment u li l-ħaddiema ma jitqiegħdux f'pożizzjoni inqas favorevoli unikament bħala riżultat tat-trasferiment. |
| | **Id-Direttiva 2008/94/KE** dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (li tħassar id-Direttiva 2002/74/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE) | Din id-direttiva teħtieġ li jsir provvediment "għall-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom. Għal dan il-għan, tobbliga lill-Istati Membri għandhom jistabbilixxu korp li jiggarantixxi l-ħlas tal-pretensjonijiet pendenti tal-impjegati kkonċernati".<br><br>"Għandu jiġi żgurat li l-impjegati msemmija fid-Direttiva 97/81/KE li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time (...), id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE dwar il-Ftehim Qafas dwar x-xogħol għal żmien fiss (…) u d-Direttiva tal-Kunsill 91/383/KEE li tissupplimenta l-miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol tal-ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' impjieg bi żmien fiss jew ta' impjieg temporanju ma jkunux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva". |

Għandu jiġi nnotat li ċerti dispożizzjonijiet simili għal dawn jistgħu jinsabu f'għadd ta' Direttivi individwali oħra li mhumiex inklużi fit-Tabella tal-Anness 1. Pereżempju:

- Id-Direttiva 92/57/KEE (postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli) — Anness IV Parti A — 15.4. *"Arji ta' akkomodazzjoni fissa sakemm mhux użati biss f'każijiet eċċezzjonali, għandu jkollhom tagħmir sanitarju suffiċjenti, kamra għall-ikel u kamra ta' mistrieħ".*
- Id-Direttiva 93/103/KE (xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd) — *Anness I "13. Il-kwartieri tal-għixien -13.1. Il-lokazzjoni, l-istruttura, il-protezzjoni mill-ħoss, il-mezzi tal-iżolazzjoni u l-arranġament tal-kwartieri tal-għixien u tal-faċilitajiet tal-ħaddiema, fejn dawn jeżistu, u l-mezz ta' l-aċċess għalihom*
- Id-Direttiva 2010/32/UE (Sharps) li tagħmel referenza espliċita għal fatturi psikosoċjali fil-klawżola 4.3.

## Anness 2: Inizjattivi ta' politika mhux vinkolanti

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Is-Saħħa Mentali fuq il-Post tax-xogħol | **Gwida: ILO, 1986** Fatturi psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol: Rikonoxximent u kontroll | Perikli psikosoċjali = "interazzjoni bejn il-kontenut tax-xogħol, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tax-xogħol, u kundizzjonijiet ambjentali u organizzazzjonali oħra, minn naħa waħda, u l-kompetenzi u l-ħtiġijiet tal-impjegati fuq in-naħa l-oħra. Il-perikli psikosoċjali huma rilevanti għall-iżbilanċi fil-qasam psikosoċjali u jirreferu għal dawk l-interazzjonijiet li ntwera li għandhom influwenzi perikolużi fuq is-saħħa tal-impjegati minħabba l-perċezzjonijiet u l-esperjenza tagħhom" |
| | **Anness rivedut tal-R194, ILO 2010** Rakkomandazzjoni dwar il-Lista ta' Mard Okkupazzjonali u r-Reġistrazzjoni u n-Notifika ta' Aċċidenti u Mard Okkupazzjonali | "Disturb minn stress postrawmatiku (…) u (…) disturbi mentali jew ta' mġiba oħra (…) fejn tkun ġiet stabbilita rabta diretta (…) bejn l-esponiment għal fatturi ta' riskju li jirriżultaw minn attivitajiet ta' xogħol u d-disturb(i) mentali u ta' mġiba kkuntrattat(i) mill-ħaddiem" |
| | **Id-dikjarazzjoni tad-WHO dwar is-Saħħa mentali għall-Ewropa**, **2005** u l-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa Mentali għall-Ewropa | Id-dikjarazzjoni Ministerjali enfasizzat ir-responsabbiltà ta' kull pajjiż biex jimpenja riżorsi biex, "jiġu evitati fatturi ta' riskju fejn dawn iseħħu, pereżempju, billi jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' ambjenti tax-xogħol li jwasslu għas-saħħa mentali u l-ħolqien ta' inċentivi għall-provvista ta' appoġġ fuq il-post tax-xogħol jew għall-aktar ritorn kmieni għal dawk li jkunu rkupraw minn problemi ta' saħħa mentali".<br><br>Il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa Mentali għall-Ewropa stieden lill-pajjiżi fir-reġjun biex, "Jiżviluppaw il-kapaċitajiet għall-protezzjoni u għall-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol permezz ta' valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tal-istress u ta' fatturi psikosoċjali, it-taħriġ tal-persunal, u t-trawwim ta' sensibilizzazzjoni".<br><br>"Iwaqqfu taħriġ vokazzjonali għal persuni li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali u jappoġġjaw l-adattament tal-postijiet tax-xogħol u tal-prattiki tax-xogħol għall-ħtiġijiet speċjali tagħhom, bil-għan li jiġi żgurat id-dħul tagħhom f'impjieg kompetittiv".<br><br>"Joħolqu postijiet tax-xogħol ħielsa mill-periklu billi jintroduċu miżuri bħall-eżerċizzju, tibdil fil-mudelli tax-xogħol, sigħat sensibbli u stili ta' ġestjoni tajba." |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Is-Saħħa Mentali fuq il-Post tax-xogħol | **Il-Qafas tad-WHO għal Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu, 2010** Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu: mudell għal azzjoni: għal min iħaddem, għall-ħaddiema, għal min ifassal il-politika u għall-prattikanti | "L-ambjent psikosoċjali tax-xogħol jinkludi l-kultura korporattiva kif ukoll attitudnijiet, valuri, twemmin u l-prattiki ta' kuljum fl-intrapriża li jaffettwaw il-benesseri mentali u fiżiku tal-impjegati".<br><br>"Eżempji ta' perikli psikosoċjali jinkludu iżda mhumiex limitati għal: organizzazzjoni fqira tax-xogħol (...), il-kultura korporattiva (...), l-istil ta' ġestjoni ta' kmand u kontroll (…), nuqqas ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, biża' ta' telf ta' impjieg minħabba fużjonijiet, akkwisti, riorganizzazzjonijiet jew is-suq tax-xogħol/ l-ekonomija".<br><br>"Tipikament il-perikli psikosoċjali jiġu identifikati u vvalutati bl-użu ta' stħarriġ jew intervisti, meta mqabbla ma' spezzjonijiet għal perikli fiżiċi tax-xogħol. Imbagħad tiġi applikata ġerarkija ta' kontrolli biex jiġu indirizzati l-perikli identifikati, fosthom: L-eliminazzjoni jew il-modifikazzjoni mis-sors (...) It-tnaqqis tal-impatt fuq il-ħaddiema (...) Il-protezzjoni tal-ħaddiema permezz ta' sensibilizzazzjoni u l-għoti ta' taħriġ lill-ħaddiema (...)". |
| | **L-Istrateġija Ewropea tad-WHO dwar is-Saħħa Mentali**, **2011** | "Hemm bżonn li jinstab bilanċ bejn il-gwadann ekonomiku ta' saħħa mentali tajba f'termini ta' benesseri u produttività u l-għoti tal-kura li l-persuni jixtiequ u jeħtieġu".<br><br>L-ewwel objettiv tal-istrateġija dwar is-saħħa mentali jgħid, "Kulħadd għandu opportunità indaqs biex jesperjenza benesseri mentali matul ħajtu, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar vulnerabbli jew li qegħdin f'riskju". |
| | **Riżoluzzjoni tal-Kunsill 2000/ C86/01,** dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali | "Iqis li hemm bżonn ta' titjib fil-valur u fil-viżibilità tas-saħħa mentali u ta' promozzjoni ta' saħħa mentali tajba, b'mod partikolari fost it-tfal, iż-żgħażagħ, l-anzjani u fuq il-post tax-xogħol". |
| | **Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2003** dwar is-Saħħa mentali — Konferenza dwar il-Mard Mentali u l-Istigma fl-Ewropa: niffaċċjaw l-isfidi tal-inklużjoni u tal-ekwità soċjali | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Kummissjoni biex, "tagħti attenzjoni speċifika lill-kollaborazzjoni attiva fil-politiki u fl-azzjonijiet Komunitarji kollha rilevanti, u b'mod partikolari f'attivitajiet relatati mal-impjiegi, man-nuqqas ta' diskriminazzjoni, mal-ħarsien soċjali, mal-edukazzjoni u mas-saħħa, sabiex jonqsu l-istigma u d-diskriminazzjoni fir-rigward tal-mard mentali (...)". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Is-Saħħa Mentali fuq il-Post tax-xogħol | **Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2005** dwar Azzjoni Komunitarja dwar is-Saħħa Mentali – Riżultat tal-proċedimenti | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Kummissjoni biex, "tagħti l-appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u tal-Pjan ta' azzjoni approvati mill-Konferenza Ministerjali Ewropea tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar is-Saħħa Mentali, f'kollaborazzjoni mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti; tiżgura li l-valutazzjoni integrata tal-impatt ta' leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti futura tieħu kont ta' aspetti ta' saħħa mentali; tenfasizza r-rabtiet qawwija bejn is-saħħa mentali u fiżika u l-abbuż tad-droga u l-alkoħol (...)". |
| | **Green paper — KE, 2005**<br><br>It-titjib tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni:<br>Lejn strateġija għall-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa<br>mentali | "Il-promozzjoni tas-saħħa mentali u prevenzjoni tas-saħħa mentali ħażina tindirizza determinanti tas-saħħa mentali individwali, tal-familja, tal-komunità u tas-soċjetà, billi ssaħħaħ fatturi protettivi u tnaqqas il-fatturi ta' riskju (..). L-iskejjel u postijiet tax-xogħol, fejn in-nies iqattgħu parti kbira mill-ħin tagħhom, huma postijiet ta' importanza kruċjali għall-azzjoni". |
| | **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (2006/2058(INI)** dwar it-titjib tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni. Lejn strateġija dwar is-saħħa mentali għall-Unjoni Ewropea | "Jikkunsidra li kundizzjonijiet tajba tax-xogħol jikkontribwixxu lejn is-saħħa mentali u jistieden lil min iħaddem sabiex jintroduċi politiki ta' "Saħħa Mentali fuq ix-Xogħol" bħala parti neċessarja tar-responsabbilità tagħhom fil-qasam tas-saħħa u sikurezza fuq ix-xogħol, bil-għan li jkunu żgurati "l-aħjar impjiegi possibbli" għal u għall-aħjar inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' nies b'disturbi mentali, u li dawn għandhom ikunu publikati u għandu jsir monitoraġġ fil-limitu tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar saħħa u sikurezza, filwaqt li jkunu kkunsidrati l-bżonnijiet u l-opinjonijiet tal-ħaddiema".<br><br>"Jilqa' l-inizjattivi soċjali fi ħdan il-politika soċjali u tal-impjiegi sabiex ikunu promossi t-trattament mhux diskriminatorju ta' individwi b'mard mentali, l-integrazzjoni soċjali ta' individwi b'diżabilitajiet mentali, u l-prevenzjoni tat-tensjoni fuq il-post tax-xogħol".<br><br>"F'dak li jirrigwarda l-istrateġija tal-impiegi tal-UE, jenfasizza l-influwenza tas-saħħa mentali fuq l-impjiegi kif ukoll l-influwenza tal-qgħad fuq is-saħħa mentali tan-nies". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Is-Saħħa Mentali fuq il-Post tax-xogħol | **EC 2007 — White paper —** Flimkien għas-saħħa — Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013 | Il-white paper stiednet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn "L-iżvilupp u t-twassil ta' azzjonijiet fuq it-tabakk, in-nutriment, l-alkoħol, is-saħħa mentali u fatturi ambjentali u soċjoekonomiċi usa' li jaffettwaw is-saħħa". Talbet ukoll lill-Kummissjoni biex tieħu, "Miżuri għall-promozzjoni tas-saħħa ta' nies kbar fl-età u l-ħaddiema (...)".<br><br>"Il-ħidma fil-livell Komunitarju tinkludi l-evalwazzjoni xjentifika tar-riskju, (…), l-istrateġiji biex jiġu indirizzati r-riskji minn mard u kundizzjonijiet speċifiċi, azzjoni fuq inċidenti u korrimenti, it-titjib tas-sikurezza tal-ħaddiema (…)". |
| | **Il-Patt Ewropew għas-Saħħa u l-Benesseri Mentali, 2008** Flimkien għal Saħħa u Benesseri Mentali | "Ix-xogħol huwa ta' benefiċċju għas-saħħa fiżika u mentali...Hemm bżonn li tittieħed azzjoni biex titrażżan iż-żieda fl-assenteiżmu mix-xogħol u inkapaċità minħabba problemi ta' saħħa mentali, u biex nagħmlu użu mill-potenzjal kollu biex intejbu l-produttività li hi influwenzata mill-istress u mill-problemi tas-saħħa mentali" |
| | **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew T6-0063/2009** dwar is-Saħħa Mentali, Referenza 2008/2209(INI), riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva | Ir-riżoluzzjoni, tistieden "lill-Istati Membri jinkoraġġixxu r-riċerka fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jżidu l-inċidenza tal-mard mentali, partikolarment fost in-nisa"; tistieden lil "min iħaddem biex jippromwovi ambjent ta' xogħol li jqis il-benesseri tal-ħaddiema, joqgħod attent għall-istress ikkaġunat mix-xogħol, il-kawżi li huma responsabbli għall-mard mentali fuq il-post tax-xogħol, u jindirizza dawn il-kawżi" u tistieden "lill-Kummissjoni biex tirrikjedi li kull sena n-negozji u l-korpi pubbliċi jippubblikaw rapport dwar il-politika u x-xogħol tagħhom għas-saħħa mentali tal-impjegati tagħhom fuq l-istess bażi li biha jirrapportaw dwar is-saħħa fiżika u s-sikurezza fuq ix-xogħol". |
| | **Konferenza ta' Livell Għoli tal-UE, Brussell, 2010** — Ninvestu fil-benesseri fuq il-post tax-xogħol: Nittrattaw ir-riskji psikosoċjali fi żminijiet ta' bidla | Il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea organizzat konferenza ta' livell għoli dwar "Ninvestu fil-benesseri fuq il-post tax-xogħol" li tagħti ħarsa lejn ir-riskji psikosoċjali fi żminijiet ta' bidla. Il-konferenza u d-dokumenti relatati, "enfasizzaw uħud mill-kwistjonijiet ċentrali marbuta mat-tibdil organizzazzjonali, ir-ristrutturar, is-saħħa u l-benesseri, u (...) x'jista' jsir biex l-organizzazzjonijiet u l-persuni jiġu mħejjija b'mod aktar effettiv għal tibdil maġġuri". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Is-Saħħa Mentali fuq il-Post tax-xogħol | **Konferenza tal-UE, Berlin, 2011** — Il-Promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri mentali fuq il-postijiet ta' xogħol | "Is-saħħa mentali hija indikatur importanti tal-kwalità tal-koeżjoni soċjali u tal-kwalità tax-xogħol. Hija wkoll element ewlieni tal-mudell soċjali Ewropew".<br><br>"Il-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa mentali jistgħu jagħtu kontribut vitali għall-implimentazzjoni tal-aġenda tal-Unjoni Ewropea 'Ewropa 2020' bil-għan tagħha ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv".<br><br>"Fil-qasam tas-saħħa mentali, il-prevenzjoni u l-promozzjoni jeħtieġu approċċ olistiku li jqis ukoll il-kundizzjonijiet fuq il-post tax-xogħol (...) — b'mod partikolari l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-postijiet tax-xogħol — (...)". |
| | **Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2011** dwar "l-Patt Ewropew għas-Saħħa u l-Benesseri Mentali — riżultati u azzjoni futura" | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Istati Membri biex, "Jieħdu miżuri kontra l-istigmatizzazzjoni u l-esklużjoni ta' nies bi problemi ta' saħħa mentali, u d-diskriminazzjoni kontrihom, u biex jippromwovu l-inklużjoni soċjali tagħhom u l-aċċess tagħhom (...) għax-xogħol".<br><br>Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex, "Jieħdu passi lejn involviment akbar tas-settur tas-saħħa u dak soċjali flimkien ma' sħab soċjali fil-qasam tas-saħħa u l-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol, biex fejn adegwat jiġu appoġġati u kkumplimentati programmi mmexxija minn min iħaddem"; "Jappoġġaw attivitajiet (eż. programmi ta' taħriġ) li jippermettu lill-professjonisti u lil min imexxi, b'mod partikolari fil-qasam tal-kura tas-saħħa, tal-kura soċjali u fuq il-postijiet tax-xogħol biex jittrattaw aspetti li jikkonċernaw il-benesseri mentali u d-disturbi mentali". |
| | **Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2013** dwar Is-Sena Ewropea għas-Saħħa Mentali — Għal xogħol aħjar u kwalità ta' ħajja aħjar (2013/C 44/06) | "Il-promozzjoni tas-saħħa fil-post tax-xogħol u dan bl-appoġġ pubbliku kif ukoll kultura intraprenditorjali moderna jistgħu jgħinu lil individwi bi problemi tas-saħħa u jillimitaw il-ħolqien ta' problemi relatati max-xogħol".<br><br>"Ġestjoni proattiva tar-riskju tal-istress, ibbażata fuq ir-riċerka, l-eliminazzjoni u t-tnaqqis tal-fattur tal-istress, għandha tagħmel parti minn strateġija ta' prevenzjoni konsistenti, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, tad-Direttiva Qafas 89/391/KEE (…) u l-Ftehim qafas dwar l-istress fuq ix-xogħol (…)".<br><br>"Għandu jkun hemm korpi operatorji jew esterni li jirrappreżentaw l-interessi ta' persuni b'diżabilità jew mard mentali fil-post tax-xogħol". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Is-Saħħa Mentali fuq il-Post tax-xogħol | **Kumitat ta' Spetturi Għolja tax-Xogħol (SLIC), 2012** Kampanja dwar ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol | Fl-2012 il-Kumitat ta' Spetturi Għolja tax-Xogħol (SLIC) nieda kampanja dwar ir-riskji psikosoċjali. L-għan kien li jiġi żviluppat sett ta' miżuri ta' spezzjoni għal interventi mmirati dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (riskji psikosoċjali).<br><br>"Id-Direttiva Qafas 89/391/KEE u l-ftehimiet tal-imsieħba soċjali jikkostitwixxu bażi ġuridika komuni għas-sorveljanza fil-qasam tar-riskji psikosoċjali (...). Fil-qosor, spezzjonijiet tar-riskji psikosoċjali huma possibbli fl-Istati Membri kollha, f'xi każijiet b'xi restrizzjonijiet".<br><br>"(…) żdied l-għadd ta' postijiet tax-xogħol li inkludew riskji psikosoċjali fil-valutazzjonijiet tar-riskju. L-għarfien dwar ir-riskji psikosoċjali żdied fost l-ispetturi tax-xogħol fil-pajjiżi kollha. Żdiedet is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji psikosoċjali fuq il-postijiet tax-xogħol".<br><br>"Issa hemm għodda disponibbli sabiex l-ispetturi Ewropej kollha tax-xogħol ikunu jistgħu jispezzjonaw ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Fuq perjodu ta' żmien twil għarfien akbar fost l-ispetturi tax-xogħol għandu jwassal għal titjib fir-rigward tar-riskji psikosoċjali". |
| | **Il-Pjattaforma dwar is-Saħħa Mentali u Fiżika (MPHP) 2009** il-Karta dwar is-Saħħa Mentali u Fiżika u Sejħa għal Azzjoni | "Ir-rabtiet bejn is-saħħa mentali u fiżika għandhom jiġu rikonoxxuti u indirizzati fl-istrateġiji u fil-programmi kollha relatati mas-saħħa fil-livell nazzjonali u tal-UE, fosthom politiki speċifiċi għall-mard u politiki oħra bħalma huma dawk soċjali, dwar l-impjiegi, id-diskriminazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni, in-nutrizzjoni, it-tabakk u alkoħol".<br><br>"(…) il-promozzjoni tal-benesseri mentali (u fiżiku) tista' tgħin lill-Unjoni Ewropea tilħaq il-miri tagħha tal-Aġenda ta' Lisbona għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi". |
| | **Rakkomandazzjonijiet minn Mental Health Europe (MHE), 2009** Programm ta' Ħidma tat-Triju ta' Presidenzi tal-Kunsill Spanjola-Belġjana-Ungeriża tal-UE (2010 — 2011) | "MHE tenfasizza li appoġġ sostenibbli għal ħajja tax-xogħol ħielsa mill-perikli (mentali) jista' jinkiseb billi tiġi minimizzata l-prekarjetà ta' kuntratti tax-xogħol u bil-provvista ta' dħul minimu biex kulħadd jgħix b'dinjità. MHE tenfasizza li l-benefiċċju ta' dħul minimu ma għandux ikun marbut biss ma' kuntratti ta' xogħol. Persuni li (għal żmien temporanju) ma jkunux jistgħu jaħdmu għandu jkollhom dħul minimu biex ikopri l-ispejjeż għall-ħtiġijiet bażiċi tagħhom". |
| | **Dokument ta' Pożizzjoni tal-Kumitat Permanenti tat-Tobba Ewropej (CPME), 2009** Is-Saħħa Mentali fl-ambjent tax-xogħol "Fit and healthy at work (B'saħħitna fuq ix-xogħol)" | "(…) qabel kollox huwa importanti li jiġu rikonoxxuti u identifikati l-impjegati li jbatu minn disturbi mentali, kemm fl-istadji bikrin jew meta jkunu assenti mix-xogħol. Programmi dedikati ta' intervent b'konsulenza jew programmi oħra ta' appoġġ u riabilitazzjoni attiva huma tal-akbar importanza u dawn għandhom ikunu fis-seħħ (...). Flimkien ma' dawn il-miżuri għandhom jiġu implimentati programmi ta' prevenzjoni kemm fil-livell organizzazzjonali kif ukoll fil-livell individwali. Dawn il-programmi għandhom jiffokaw fuq il-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol li fihom l-impjegati jistgħu jaħdmu mingħajr periklu u li fihom ikunu stimulati biex jgħixu ħajja attiva u b'saħħitha". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Stress relatat max-xogħol | **EN ISO 10075-1: 1991** Prinċipji ergonomiċi relatati mat-tagħbija tax-xogħol– Termini u definizzjonijiet ġenerali | Stress mentali = "L-influwenzi totali kollha li jistgħu jiġu vvalutati li għandhom effett fuq il-bniedem li jkunu ġejjin minn sorsi esterni u li jaffettwawh mentalment". L-istress mentali huwa sors ta' strapazz mentali (= "l-effett immedjat ta' stress mentali fuq individwu (mhux l-effett fit-tul) li jiddependi fuq il-prekundizzjonijiet abitwali u attwali individwali tiegħu/tagħha, inkluż il-modi li l-individwu juża biex jittratta sitwazzjonijiet diffiċli.)".<br><br>"Hemm erba' kategoriji ewlenin ta' sorsi ta' stress mentali: dak li ġej mill-kompitu, mit-tagħmir, mill-ambjent fiżiku, mill-ambjent soċjali". "L-effetti dannużi (fuq żmien qasir) ta' stress mentali huma: għeja mentali kbira, u kundizzjonijiet li jixbhu l-għeja kbira (jiġifieri: monotonija, viġilanza mnaqqsa, u sens ta' xaba')". |
| | **EN ISO 10075-2: 1996** Prinċipji ergonomiċi relatati mat-tagħbija tax-xogħol — Prinċipji ta' disinn | "Sorsi ta' għeja kbira: l-intensità tat-tagħbija mentali tax-xogħol u d-distribuzzjoni temporali tat-tagħbija mentali tax-xogħol".<br><br>"L-intensità tat-tagħbija mentali tax-xogħol hija affettwata mill-karatteristiċi li ġejjin: ambigwità dwar l-għanijiet tal-kompitu, il-kumplessità tal-kompitu, ir-rekwiżiti, l-istrateġiji għat-twettiq, l-adegwatezza tal-informazzjoni, l-ambigwità tal-informazzjoni, il-faċilità li biha jinftiehem sinjal, it-tagħbija tal-memorja attiva (working memory), it-tagħbija fuq il-memorja fit-tul, l-użu ta' memorja ta' rikonoxximent kontra dik tal-irkupru ta' informazzjoni mill-passat, appoġġ għad-deċiżjonijiet (...)". Fatturi ta' distribuzzjoni temporali tat-tagħbija mentali jinkludu, "it-tul tas-sigħat tax-xogħol, il-ħin liberu bejn jiem suċċessivi ta' xogħol jew ta' xiftijiet, il-ħin tal-ġurnata li fih isir ix-xogħol, ix-xogħol bix-xift, pawsi u pawsi għall-mistrieħ, tibdil fl-attivitajiet relatati mal-kompitu b'eżiġenzi differenti tal-kompitu jew b'tipi differenti ta' tagħbija mentali". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Stress relatat max-xogħol | **Gwida: KE, 1999** Guidance on work-related stress — Spice of life or kiss of death? (Gwida dwar l-istress relatat max-xogħol –L-essenza tal-ħajja jew il-bewsa tal-mewt?) | "Din il-Gwida tipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-kawżi, il-manifestazzjonijiet u l-konsegwenzi ta' stress relatat max-xogħol, kemm għall-ħaddiema u għall-organizzazzjonijiet tax-xogħol. Toffri wkoll pariri ġenerali dwar kif jistgħu jiġu identifikati l-problemi ta' stress relatat max-xogħol u tipproponi qafas prattiku u flessibbli għal azzjoni li l-imsieħba soċjali, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'kumpaniji individwali, jistgħu jadattaw skont is-sitwazzjoni tagħhom. L-enfasi hija fuq il-prevenzjoni primarja tal-istress relatat max-xogħol u l-problemi ta' saħħa, aktar milli fuq it-trattament". |
| | **Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2002** dwar il-ġlieda kontra t-tensjoni u problemi relatati mad-dipressjoni | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Istati Membri biex, "jagħtu l-attenzjoni xierqa lill-impatt tal-istress u tal-problemi relatati mad-dipressjoni fil-gruppi kollha ta' etajiet u jiżguraw li dawn il-problemi jiġu rikonoxxuti; f'dan il-kuntest, jagħtu attenzjoni speċjali lill-problema dejjem tikber tal-istress relatat max-xogħol u d-dipressjoni".<br><br>Jistieden lill-Kummissjoni biex, "tikkunsidra opportunitajiet għall-prevenzjoni tal-istress u tad-dipressjoni fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet Komunitarji rilevanti li għandhom jikkumplimentaw il-politiki nazzjonali". |
| | **Gwida: EU-OSHA, 2002** How to Tackle Psychosocial Issues and Reduce Work-Related Stress (L-Indirizzar ta' Kwistjonijiet Psikosoċjali u t-Tnaqqis tal-Istress Relatat max-Xogħol) | "L-għan ta' dan ir-rapport huwa li titrawwem sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet psikosoċjali relatati max-xogħol, tiġi promossa kultura ta' prevenzjoni kontra l-perikli psikosoċjali inklużi l-istress, il-vjolenza u l-bullying, biex jikkontribwixxi għal tnaqqis fl-għadd ta' ħaddiema li jiġu esposti għal dawn il-perikli, biex jiġu faċilitati l-iżvilupp u t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki, u biex jiġu stimolati attivitajiet fil-livell Ewropew u tal-Istati Membri". |
| | **Gwida: WHO, 2003** Work Organization and Stress (L-Organizzazzjoni tax-Xogħol u l-Istress) | "Dan il-ktejjeb jipprovdi pariri prattiċi dwar kif jiġi trattat l-istress tax-xogħol. Huwa intiż sabiex min iħaddem, il-maniġers u r-rappreżentanti tat-trade unions jużaw dan il-ktejjeb bħala parti minn inizjattiva ta' edukazzjoni dwar il-ġestjoni tal-istress tax-xogħol".<br><br>Jipprovdi gwida dwar, "in-natura tal-istress fuq il-post tax-xogħol, il-kawżi u l-effetti tal-istress, kif ukoll l-istrateġiji ta' prevenzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju u l-metodi ta' ġestjoni (...) ir-rwol tal-kultura korporattiva f'dan il-proċess u r-riżorsi li għandhom jintużaw għall-ġestjoni tal-istress tax-xogħol". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Stress relatat max-xogħol | **Gwida: WHO, 2007** Raising awareness of stress at work in developing countries: a modern hazard in a traditional working environment: advice to employers and worker representatives (Sensibilizzazzjoni dwar l-istress fuq ix-xogħol fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw: periklu modern f'ambjent tax-xogħol tradizzjonali: pariri għall-impjegatur u għar-rappreżentanti tal-ħaddiema) | L-għan ta' dan il-ktejjeb huwa li titrawwem sensibilizzazzjoni dwar l-istress relatat max-xogħol fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-impjegatur u għar-rappreżentanti tal-ħaddiema. L-istress relatat max-xogħol huwa kwistjoni ta' tħassib fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw minħabba żviluppi importanti fid-dinja moderna; tnejn mill-aktar sinifikanti huma l-globalizzazzjoni u t-tibdil fin-natura tax-xogħol". |
| | **Gwida: WHO, 2008** PRIMA-EF: Guidance on the European Framework for Psychosocial Risk Management: A Resource for Employers and Worker Representatives (Gwida dwar il-Qafas Ewropew għall-Ġestjoni tar-Riskji Psikosoċjali: Riżorsi għall-Impjegatur u għar-Rappreżentati tal-Ħaddiema) | "Tipprovdi gwida dwar il-qafas Ewropew għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali (PRIMA-EF) u tittratta l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, bil-għan li jiġu evitati l-istress relatat max-xogħol, il-vjolenza u l-bullying fuq il-post tax-xogħol. Sal-lum kien għad ma hemmx qafas bħal dan li jġib flimkien għadd ta' kwistjonijiet ewlenin fil-qasam u li jipprovdi gwida dwarhom, u huwa neċessarju għar-rappreżentati tal-impjegaturi u tal-ħaddiema biex jieħdu azzjoni effettiva biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' tħassib".<br><br>"L-għan ġenerali ta' dan id-dokument huwa l-promozzjoni tat-traduzzjoni tal-politika u tal-għarfien fil-prattika". |
| | **Ftehim Qafas dwar l-Istress Relatat max-Xogħol**, **2004**<br>L-imsieħba soċjali Ewropej — ETUC, UNICE(BUSINESSEUROPE), UEAPME u CEEP | "L-istress huwa stat, li huwa akkumpanjat minn ilmenti jew disfunzjonijiet fiżiċi, psikoloġiċi jew soċjali u li jirriżulta meta individwi jħossuhom li ma jistgħux inaqqsu d-diskrepanza mar-rekwiżiti jew mal-aspettattivi imposti fuqhom".<br><br>"L-identifikazzjoni ta' jekk hemmx problema ta' stress relatat max-xogħol tista' tinvolvi analiżi ta' fatturi bħalma huma l-organizzazzjoni u l-proċessi tax-xogħol (…), il-kundizzjonijiet u l-ambjent tax-xogħol (…), il-komunikazzjoni (…) u fatturi suġġettivi (…). "Fil-każ li tiġi identifikata problema ta' stress relatat max-xogħol, għandha tittieħed azzjoni biex din tiġi evitata, eliminata jew imnaqqsa. Ir-responsabbiltà għad-determinazzjoni tal-miżuri xierqa hija tal-impjegatur". |
| Il-Vjolenza u l-Fastidju | **Gwida: WHO, 2003** Raising awareness to psychological harassment at work (Sensibilizzazzjoni dwar il-fastidju psikoloġiku fuq il-post tax-xogħol) | "Il-fastidju psikoloġiku huwa forma ta' abbuż tal-impjegati riżultat ta' mġiba mhux etika u li jwassal għall-vittimizzazzjoni tal-ħaddiem (...). Jista' jwassal għal konsegwenzi negattivi serji fuq il-kwalità tal-ħajja u fuq is-saħħa tal-individwi (...)". "L-għan ta' dan il-ktejjeb huwa li titrawwem sensibilizzazzjoni (...) permezz ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi tiegħu (...)". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Il-Vjolenza u l-Fastidju | **Gwida: ILO, 2006** Il-Vjolenza fuq ix-Xogħol | Il-Vjolenza fuq ix-Xogħol (It-Tielet Edizzjoni) teżamina atti aggressivi li jseħħu fuq il-postijiet tax-xogħol (...) bullying, fastidju morali u abbuż verbali. Tipprovdi informazzjoni u evidenza dwar l-inċidenza u s-severità ta' vjolenza fuq il-post tax-xogħol f'pajjiżi madwar id-dinja (...) tivvaluta diversi spjegazzjonijiet kawżali u tipprovdi dettalji dwar uħud mill-ispejjeż soċjali u ekonomiċi. Tivvaluta l-effikaċja tal-miżuri kontra l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol u r-reazzjonijiet bħal innovazzjonijiet regolatorji, interventi politiċi, id-disinn tal-post tax-xogħol li jista' jnaqqas ir-riskji, ftehimiet kollettivi u diversi għażliet tal-"aħjar prattika" madwar id-dinja. |
| | **Gwida: EU-OSHA, 2011** Vjolenza u Fastidju fuq il-Post tax-Xogħol: Stampa Ewropea | L-għanijiet ta' dan ir-rapport huma li, "jiġu skrutinizzati d-differenzi fl-Istati Membri tal-UE f'termini tal-livell ta' okkorrenza ta' forom differenti ta' vjolenza u fastidju fuq il-post tax-xogħol (...), kif ukoll eżempji dwar l-użu ta' miżuri preventivi; jiġu riveduti l-metodoloġija u s-sorsi ta' dejta użati f'pajjiżi differenti biex jiġu vvalutati r-riskju, il-prevalenza u l-konsegwenzi kemm tal-vjolenza u tal-fastidju fuq il-post tax-xogħol". |
| | **Ftehim ta' Qafas dwar il-Fastidju u l-Vjolenza fuq ix-Xogħol, 2007** Is-sħab soċjali Ewropej — ETUC, BUSINESSEUROPE, UEAPME u CEEP | "Il-fastidju u l-vjolenza huma riżultat ta' mġiba mhux aċċettabbli minn individwu wieħed jew iktar u jistgħu jkunu ta' forom differenti, li xi wħud minnhom ikunu iktar faċli biex jiġu identifikati minn oħrajn. L-ambjent tax-xogħol jista' jinfluwenza l-esponiment tan-nies għall-fastidju u l-vjolenza".<br><br>"Iż-żieda fl-għarfien u taħriġ xieraq għall-maniġers u l-ħaddiema jistgħu jnaqqsu l-probabbilità ta' fastidju u vjolenza fuq ix-xogħol. L-impriżi jeħtieġ jagħmlu dikjarazzjoni ċara fejn jgħidu li l-fastidju u l-vjolenza mhux se jkunu ttollerati. Din id-dikjarazzjoni se tispeċifika l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fejn jokkorru l-każijiet". |
| Inizjattivi oħra rilevanti | **Pjan ta' Azzjoni tad-WHO, 2012** għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Mard li ma Jitteħidx 2012–2016, | Għan ewlieni tal-pjan ta' azzjoni huwa "It-titjib tas-saħħa u l-benesseri billi l-ambjenti tal-iskola u tal-postijiet tax-xogħol jsiru aktar favorevoli għas-saħħa".<br><br>"Il-postijiet tax-xogħol jipprovdu wkoll punt ta' dħul importanti għal programmi ta' prevenzjoni ta' NCDs u għall-promozzjoni tas-saħħa. Meta tiġi ddisinjata u eżegwita bħala inizjattiva komprensiva għal postijiet tax-xogħol ħielsa mill-periklu, il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol (WHP) hija effettiva fit-tnaqqis tal-fatturi ta' riskju ta' NCD billi tindirizza l-inattività fiżika, abitudnijiet djetetiċi li ma jagħmlux tajjeb għas-saħħa, ambjenti tax-xogħol li fihom ma jsirx tipjip u xorb tal-alkoħol, u fatturi ta' riskji psikosoċjali, bil-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u tal-maniġers". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Inizjattivi oħra rilevanti | **Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2000** L-Istrateġija ta' Lisbona: li ssir l-aktar ekonomija bbażata fuq il-konoxxenza kompetittiva u dinamika fid-dinja, kapaċi li tkabbar l-ekonomija tagħha u li tipprovdi iktar, u aħjar, postijiet tax-xogħol u koeżjoni soċjali ikbar | Fil-kuntest tal-ġenerazzjoni ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar għall-Ewropa: fl-iżvilupp ta' politika attiva dwar ix-xogħol, il-Kunsill u l-Kummissjoni huma mistiedna jindirizzaw, "it-titjib tal-impjegabbiltà u t-tnaqqis tad-diskrepanza fil-ħiliet, b'mod partikolari billi jipprovdu servizzi tax-xogħol b'bażi tad-dejta mifruxa madwar l-Ewropa kollha dwar l-impjiegi u l-opportunitajiet ta' tagħlim; il-promozzjoni ta' programmi speċjali li jippermettu lill-persuni qiegħda jimlew il-lakuni fil-ħiliet; (...) billi tiġi sfruttata l-komplementarjetà bejn it-tagħlim tul il-ħajja u l-adattabilità permezz ta' ġestjoni flessibbli tal-ħin tax-xogħol u r-rotazzjoni tax-xogħol; (…) il-promozzjoni tal-aspetti kollha ta' opportunitajiet indaqs, inkluż it-tnaqqis tas-segregazzjoni okkupazzjonali, u l-faċilitazzjoni tal-kundizzjonijiet għar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol mal-ħajja tal-familja (…)". |
| | **Riżoluzzjoni tal-Kunsill 2000/ C218/02,** dwar il-parteċipazzjoni bilanċjata tan-nisa u tal-irġiel fil-ħajja tal-familja u tax-xogħol | Ir-riżoluzzjoni talbet lill-impjegaturi fis-setturi pubbliċi u privati, lill-ħaddiema u lill-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali u dak Ewropew "biex iżidu l-isforzi tagħhom biex tiġi żgurata parteċipazzjoni bilanċjata tal-irġiel u tan-nisa fil-ħajja tal-familja u tax-xogħol, speċjalment permezz tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u l-abolizzjoni ta' kundizzjonijiet li jwasslu għal differenzi fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa". |
| | **Riżoluzzjoni tal-Kunsill 2000/ C218/03,** dwar azzjoni dwar id-determinanti tas-saħħa | "Jinnota r-riżultati tad-dibattiti li saru waqt il-Konferenza Ewropea dwar id-determinanti tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea li saret f'Evora fil-15 u s-16 Marzu 2000, li b'mod partikolari ffokat fuq is-saħħa mentali (…)u rrakkomandat serje ta' provvedimenti prattiċi u mmirati biex jiġu indirizzati l-isfidi f'dawn l-oqsma".<br><br>"Jissottolinja l-bżonn li l-Komunità tidderieġi l-azzjoni tagħha lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa".<br><br>"Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex tiżviluppa strateġija wiesgħa dwar is-saħħa u l-preżentazzjoni tal-proposta tagħha għal programm ġdid dwar is-saħħa, li fiha linja speċifika ta' azzjoni mmirata lejn l-indirizzar tad-determinanti tas-saħħa permezz tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard appoġġjata minn politika intersettorjali (…)". |
| | **Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2001** dwar strateġija Komunitarja biex titnaqqas il-ħsara relatata mal-alkoħol | "Jissottolinja r-rabta mill-qrib bejn l-abbuż mill-alkoħol u l-produttività mnaqqsa fuq il-post tax-xogħol, il-qgħad, l-emarġinazzjoni soċjali (…) u l-mard mentali".<br><br>"Iqis li kwalunkwe azzjoni Komunitarja għandha tiffoka fuq miżuri b'valur miżjud Ewropew, billi jitqiesu bis-sħiħ il-possibiltajiet offruti mill-programm futur ta' azzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika, iżda li tinkludi wkoll miżuri f'oqsma politiċi oħra minbarra s-saħħa pubblika". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Inizjattivi oħra rilevanti | **Ftehim Qafas dwar it-Telexogħol, 2002** Is-sħab soċjali Ewropej — ETUC, UNICE(BUSINESSEUROPE), UEAPME u CEEP | "Il-ftehim jidentifika l-oqsma ewlenin li jeħtieġu adattament jew attenzjoni partikolari meta persuni jaħdmu barra mill-istabbiliment ta' min iħaddem, pereżempju l-protezzjoni tad-dejta, il-privatezza, is-saħħa u s-sigurtà, l-organizzazzjoni tax-xogħol, it-taħriġ, eċċ."<br><br>"Fil-qafas tal-leġiżlazzjoni applikabbli, ta' ftehimiet kollettivi u tar-regoli tal-kumpanija, it-teleħaddiem jamministra l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tiegħu. L-ammont ta' xogħol u l-istandards tal-prestazzjoni tat-teleħaddiem huma ekwivalenti għal dawk ta' ħaddiema komparabbli li jinsabu fl-istabbiliment tal-impjegatur. Min iħaddem jiżgura li jittieħdu miżuri biex jiġi evitat li t-teleħaddiem iħossu iżolat mill-bqija tal-komunità tax-xogħol fil-kumpanija (…)". |
| | **Qafas ta' Azzjonijiet għall-Iżvilupp Tul il-Ħajja tal-Kompetenzi u l-Kwalifiki, 2002** L-imsieħba soċjali Ewropej — ETUC, BUSINESSEUROPE, UEAPME u CEEP | "Fil-kuntest tal-iżviluppi teknoloġiċi u tad-diversifikazzjoni tar-relazzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet tax-xogħol, l-impjegati huma ffaċċjati b'mobilità akbar (…) u bil-ħtieġa li jżommu u jtejbu l-livelli tal-kompetenzi u tal-kwalifiki tagħhom. F'dan l-isfond tal-pass mgħaġġel tal-bidla, l-imsieħba soċjali fil-livell Ewropew jaffermaw li l-iżvilupp tal-kompetenzi u l-akkwist tal-kwalifiki huma sfidi ewlenin ta' tagħlim tul il-ħajja". |
| | **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01,** li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | Il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa "għandu jkollu l-kompitu li jassisti lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni, implimentazzjoni u evalwazzjoni ta' attivitajiet fl-oqsma tas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol".<br><br>"Jgħin biex tinħoloq attitudni komuni għall-problemi fl-oqsma tas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol u jidentifika l-prijoritajiet tal-Komunità kif ukoll il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom".<br><br>"Jikkontribwixxu, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, billi jżommu nfurmati amministrazzjonijiet nazzjonali, trejdjunjins u organizzazzjonijiet ta' min iħaddem bil-miżuri tal-Komunità sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni u jiġu mħajra kull inizjattivi mill-parti tagħhom biex jibdlu l-esperjenzi u jistabbilixxi kodiċi ta' prattika". |
| | **Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2005** dwar Is-sigurtà għas-saħħa: obbligu kollettiv u dritt ġdid (2005/C 120/10) | "Azzjoni mill-Unjoni, li għandha tikkumplimenta l-politika nazzjonali, għandha l-għan li ttejjeb is-saħħa pubblika, kif ukoll trażżan il-mard u l-infezzjonijiet tal-bniedem u l-kawżi ta' perikolu għas-saħħa fiżika u mentali. Din l-azzjoni għandha tkopri wkoll:<br><br>(a) il-ġlieda kontra l-ikbar flaġelli għas-saħħa, billi tippromwovi riċerka dwar il-kawżi tagħhom, it-trasmissjoni tagħhom u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll l-informazzjoni u l-edukazzjoni dwar is-saħħa (…)". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Inizjattivi oħra rilevanti | **Qafas ta' Azzjonijiet dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi**, **2005** L-imsieħba soċjali Ewropej — ETUC, UNICE(BUSINESSEUROPE), UEAPME u CEEP | "Ir-rwoli u l-istereotipi tradizzjonali dwar is-sessi għad għandhom influwenza qawwija fuq id-diviżjoni tax-xogħol bejn l-irġiel u n-nisa fid-dar, fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà ġenerali, u għandhom it-tendenza li jipperpetwaw ċirku vizzjuż ta' ostakoli għall-kisba ta' ugwaljanza bejn is-sessi (…) l-imsieħba soċjali għandhom rwol x'jaqdu fl-indirizzar tar-rwoli u tal-istereotipi dwar is-sessi fl-impjiegi u fuq il-post tax-xogħol".<br><br>"Evidenza [tindika] li n-nisa jkomplu jagħmlu l-maġġoranza tax-xogħol fid-dar jew fil-familja, għandhom it-tendenza li jkollhom interruzzjonijiet fil-perjodi tal-impjieg, bl-effetti negattivi potenzjali kollha għall-karriera, għall-pagi u għall-pensjonijiet, u għandhom rappreżentanza għolja f'impjiegi part-time". |
| | **Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, 2006** dwar kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja | "Il-kompetenza soċjali hija marbuta mal-benesseri personali u soċjali li jitlob konoxxenza ta' kif l-individwi jistgħu jiżguraw saħħa fiżika u mentali mill-aqwa, inkluż bħala riżors kemm għall-individwu nnifsu kif ukoll għall-familja tiegħu, u għall-ambjent soċjali qrib tiegħu, u l-għarfien ta' kif stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa jista' jikkontribwixxi għal dan. Sabiex ikun hemm parteċipazzjoni interpersonali u soċjali tajba, huwa essenzjali li jkun hemm għarfien tal-kodiċi ta' kondotta u manjieri ġeneralment aċċettati fis-soċjetajiet u ambjenti differenti (eż. fuq ix-xogħol). Huwa daqstant ieħor importanti li jkun hemm ukoll għarfien tal-kunċetti bażiċi relatati ma' l-individwi, gruppi, organizzazzjonijiet tax-xogħol, ugwaljanza bejn is-sessi, u non-diskriminazzjoni, soċjetà u kultura". |
| | **Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, 2006** dwar il-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja | "Dan il-qasam ta' kompetenza jinkludi l-aspetti soċjali fis-sens li l-individwu jara lilu nnifsu bħala riżors għalih innifsu, għall-familja tiegħu u għall-ambjent tiegħu. Jinkludi wkoll aspetti mediċinali bħal għarfien dwar l-importanza ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, is-saħħa fiżika u mentali u stil ta' ħajja attiv. Hekk kif tavvanza l-mediċina, f'ħafna soċjetajiet is-saħħa tat-tfal u taż-żgħażagħ qed tiddeterjora, minħabba drawwiet alimentari ħżiena u attitudni negattiva lejn l-eżerċizzju. Din is-sitwazzjoni se taggrava sew jekk ma jsir xejn dwarha". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Inizjattivi oħra rilevanti | **Komunikazzjoni mill-Kummissjoni {SEC(2007) 214-216}** Intejbu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol:<br><br>Strateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol | L-istrateġija dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol 2007-2012 titlob għal kultura aktar preventiva li tagħti prijorità lis-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.<br><br>"Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex fl-istrateġiji tagħhom jintegraw inizjattivi speċifiċi maħsuba għall-prevenzjoni ta' problemi tas-saħħa mentali u l-promozzjoni tas-saħħa mentali b'sinerġija mal-inizjattivi Komunitarji anke fil-kuntest tax-xogħol ta' nies b'diżabiltà mentali".<br><br>"Il-Kummissjoni tisħaq fuq l-importanza tan-negozjati bejn l-imsieħba soċjali dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza u l-fastidju sesswali fuq ix-xogħol u tinkoraġġihom jaslu għall-konklużjonijiet mill-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-qafas ta' ftehim fuq il-livell Ewropew dwar l-istress fuq ix-xogħol". |
| | **KE 2007 — White paper**<br><br>dwar Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa relatati man-nutriment, il-piż żejjed u l-obeżità | Il-white paper titlob lin-Negozji (l-ambjent tan-negozju) biex, "jagħti l-appoġġ tiegħu fl-iżvilupp ta' stili ta' ħajja sana fil-post tax-xogħol. Flimkien mal-għaqdiet tal-impjegati, għandhom jiżviluppaw ukoll proposti/linji gwida għal modi kif il-kumpaniji ta' daqs differenti jistgħu jintroduċu miżuri sempliċi u ta' nfiq biex iġibu 'l quddiem stil ta' ħajja sana għall-impjegati". |
| | **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE** dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol | "In-nies l-aktar esklużi mix-xogħol jeħtieġu aktar toroq personalizzati għax-xogħol".<br><br>"In-nies li ma għandhomx kapaċitajiet bażiċi ta' tagħlim jew li jgħaddu minn żmien twil ta' qgħad ma jibbenefikawx faċilment minn taħriġ standard jew politiki ta' riabilitazzjoni. Barra minn hekk, ladarba jsibu xogħol, dawn ikunu għadhom f'pożizzjoni vulnerabbli fl-assenza ta' ambjent ta' appoġġ".<br><br>"Is-saħħa hija rekwiżit importanti għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. In-nies li jbatu minn diffikultajiet kroniċi ta' saħħa ma jistgħux jipparteċipaw b'suċċess f'xogħol fit-tul, jew f'taħriġ bi tħejjija għax-xogħol. |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Inizjattivi oħra rilevanti | **Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni 2008** dwar il-Flessigurtà | "Jemmen li nuqqas ta' ħarsien soċjali jista' jkun ta' theddida għall-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol. Sabiex dan ir-riskju jitnaqqas kemm jista' jkun, l-erba' prinċipji tal-flessigurtà għandhom jiġu stabbiliti u rispettati b'mod indaqs;<br>• arranġamenti kuntrattwali flessibbli għall-impjegatur u għall-impjegat<br>• politiki attivi tas-suq tax-xogħol<br>• sistemi ta' tagħlim tul il-ħajja li huma affidabbli u flessibbli li jassiguraw l-adattabilità kontinwa u l-impjegabilità tal-ħaddiema<br>• sistemi moderni ta' sigurtà soċjali għandhom jgħaqqdu l-appoġġ xieraq għad-dħul finanzjarju mal-bżonn li tiġi ffaċilitata l-mobilità fis-suq tax-xogħol |
| | **Gwida: Il-Kummissjoni Ewropea, 2009** Rapport tal-Grupp Espert *Ad Hoc* dwar it-Tranżizzjoni minn Kura Istituzzjonali għal Kura Komunitarja | "Kwistjonijiet li jittrattaw it-transizzjoni minn kura istituzzjonali għal waħda komunitarja għandhom jiġu indirizzati fl-oqsma politiċi kollha rilevanti, bħall-impjiegi, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-politika soċjali u oħrajn".<br><br>"Jiġu promossi kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba ta' carers professjonali, bil-għan li l-impjiegi fis-settur jsiru attraenti. Jeżiġi li l-korpi li jirrappreżentaw, li jħarrġu u li jakkreditaw il-prattika professjonali ta' persunal li jaħdem mal-anzjani, mat-tfal, ma' persuni bi problemi ta' saħħa mentali u ma' persuni b'diżabilitajiet jadottaw impenn favur l-appoġġ tad-dinjità umana, l-inklużjoni u l-awtonomija tal-utenti tas-servizz fil-ħidma tagħhom". |
| | **Ftehim Qafas dwar Swieq tax-Xogħol Inklużivi, 2010** Is-sħab soċjali Ewropej — ETUC, UNICE(BUSINESSEUROPE), UEAPME u CEEP | "Dan il-Ftehim Qafas ikopri dawk il-persuni li jiltaqgħu ma' diffikultajiet meta jiġu biex jidħlu, jirritornaw jew jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol u dawk li, għalkemm ikunu f'impjieg, qegħdin f'riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom minħabba [diversi] fatturi".<br><br>"Fatturi relatati max-xogħol jinkludu fost oħrajn l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-ambjent tax-xogħol, il-proċessi ta' reklutaġġ, l-evoluzzjoni teknoloġika u l-politiki dwar it-taħriġ".<br><br>"Fatturi individwali huma marbuta ma' aspetti bħall-ħiliet, il-livelli ta' kwalifiki u ta' edukazzjoni, il-motivazzjoni, l-għarfien tal-lingwa, l-istat tas-saħħa u perjodi frekwenti jew twal ta' qgħad". |

| Fokus | Dokument | Kontenut / Siltiet Magħżula |
|---|---|---|
| Inizjattivi oħra rilevanti | **Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2010) 2020**<br><br>EWROPA 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv | "Azzjoni taħt din il-prijorità [Tkabbir inklussiv — it-trawwim ta' ekonomija b'rata għolja ta' nies jaħdmu li tikseb koeżjoni soċjali u territorjali] tirrekjedi l-immodernizzar, it-tisħiħ tal-politiki tax-xogħol, tal-edukazzjoni u t-tat-taħriġ tagħna u tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali billi tiżdied il-parteċipazzjoni tax-xogħol u jitnaqqas il-qgħad strutturali, kif ukoll billi titrawwem aktar responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji fil-komunità tan-negozju. (…) L-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' flessigurtà u l-fatt li persuni jingħataw il-possibbiltà li jakkwistaw ħiliet ġodda biex jadattaw għal kundizzjonijiet ġodda u bidliet potenzjali ta' karrieri ser ikunu essenzjali. Ser ikun meħtieġ sforz maġġuri għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn is-sessi biex jiġi żgurat li kulħadd ikun jista' jibbenefika mit-tkabbir (…)".<br><br>"L-Inizjattiva Ewlenija: Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi. L-għan huwa li jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-immodernizzar tas-swieq tax-xogħol bil-għan li jiżdiedu l-livelli tax-xogħol u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-mudelli soċjali tagħna. Dan ifisser li l-persuni jingħataw il-possibbiltà li jakkwistaw kapaċitajiet ġodda li jippermettu lill-ħaddiema ta' issa u ta' għadda li jadattaw għal kundizzjonijiet ġodda u għal bidliet potenzjali fil-karrieri, jitnaqqas il-qgħad filwaqt li tiżdied il-produttività tax-xogħol". |
| | **Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2010) 682**<br><br>Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi | "Ma jistax ikun hemm kompromess bejn il-kwalità u l-kwantità ta' impjiegi: livelli għolja ta' kwalità fl-impjieg fl-UE huma assoċjati ma' produttività għolja daqstant ieħor tax-xogħol u ta' parteċipazzjoni fix-xogħol. Il-kondizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema għandhom jiġu kkunsidrati biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tal-karrieri tax-xogħol tal-lum, li huma kkaratterizzati minn iktar tranżizzjonijiet bejn xogħlijiet iktar intensi u li jirrikjedu ħafna sforzi u minn forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol".<br><br>"L-adozzjoni ta' approċċi mmirati lejn dawk il-ħaddiema li huma iktar vulnerabbli, partikolarment ħaddiema bi ftit ħiliet, qiegħda, (…), persuni b'kondizzjonijiet mentali, (…)".<br><br>"Fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-prijoritajiet se jinkludu (…) il-prevenzjoni ta' kondizzjonijiet muskoskeletali. (…) ir-riskji assoċjati man-nanomaterjali u l-kawżi tal-okkorrenza li qed tiżdied ta' mard mentali fuq il-post tax-xogħol se jiġu investigati". |
| | **Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2011** dwar l-għeluq ta' lakuni fis-saħħa fl-UE permezz ta' azzjoni miftiehma li tippromwovi mġiba għal stil ta' ħajja san | Il-Kunsill esprima l-impenn tiegħu li, "Iħaffef il-progress fil-ġlieda kontra mġiba ta' stili ta' ħajja dannużi għas-saħħa, bħall-użu tat-tabakk, dannu relatat mal-alkoħol, dieta dannuża għas-saħħa u nuqqas ta' attività fiżika, li jwasslu għal inċidenza akbar ta' mard kroniku li ma jitteħidx, bħall-kanċer, il-mard respiratorju, il-mard kardjovaskulari, id-dijabete u l-mard mentali, li huma rikonoxxuti bħala kawżi importanti ta' mortalità prematura, morbożità u diżabbiltà fl-Unjoni Ewropea". |

KE-04-17-232-MT-N

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-66333-8
doi:10.2767/238017